**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 98 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Paul (Peter Paul) Sheehan**

Illum, 20 ta' Ottubru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Paul (Peter Paul) Sheehan detentur tal-karta tal-identita numru 354374 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar id-19 ta' Novembru 2014 ghall-habta tad-disgha neqsin kwart ta' filghaxija (20:45), f' dawn il-gzejjer u cioe' fi Triq Edgar Bernard Gzira u kif ukoll fi bandi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt, liema delitt jikkonsisti f'omicidju volontarju fuq il-persuna ta' Stephen Smith detentur tal-karta tal-identita` 20025A, liema offiza ma gietx esegwita minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu.

2. U aktar talli kkawza lil Stephen Smith detentur tal-karta tal-identita` 20025A, biza li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta` tieghu liema delitt twettaq bl-uzu jew it-theddid ta' arma;

3. U aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe' vettura bin-numru ta' registrazzjoni FE10SPV tal-ghamla Vauxhall Insignia ghad-dannu ta' Stephen Smith detentur tal-karta tal-identita` 20025A u/jew ta' persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt ewro (€2,500), izda hija izjed minn mitejn u hamsin ewro (€250);

4. U aktar talli waqt li kien qieghed jaghmel reat kontra persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew hsara fil-propjeta` (minbarra hsara involontarja fil-propjeta`) kellhu fuq il-persuna tieghu arma regolari u munizzjon minghajr ma kien qed igorr l-arma tan-nar bi skop legittimu;

5. U aktar talli minghajr licenzja tal-Pulizija, ta' nar jew spara maskli, bombi, suffarelli, jew xogholijiet tan-nar ta' kull xorta li jkunu, inkella tella' blalen bin-nar jew, in generali, ghamel esplozjoni ta' nar li seta' kien ta' periklu, f'kull post li jkun; u cioe; spara arma tan-nar tal-ghamla Glock f'post pubbliku;

6. U aktar talli bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor.

7. U aktar talli b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

8. U aktar talli ghad li kellhu l-jedd li jwiddeb lil haddiehor, hareg barra mill-qies;

9. U finalment talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku ghamel ir-reati sui riferiti, liema reati huwa kellhu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellhu d-dmir li jimpedixxi;

Il-Prosekuzzjoni minhabba f'ragunijiet motivati, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta ta' Stephen Smith detentur tal-karta tal-identita` 20025A, talbet ukoll lil din l-Onorabbli Qorti tohrog ordni ta' protezzjoni kontra Paul (Peter Paul) Sheehan ai termini tal-artikolu 412 C tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

Rat illi waqt l-interrogatorju fis-26 ta' Novembru 2014, l-imputat wiegeb li m'huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih;

Rat in-nota tas-27 ta' Frar 2017[1] tal-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex jigi aggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:-

1. fl-Artikoli 17, 31, 383, 412C, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-Artikoli 41(1)(a), 214, 216, 217 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-Artikoli 141, 251(3), 251H(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fl-Artikoli 141, 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. fl-Artikolu 141 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. fl-Artikolu 141 tal-Kapitolu 9 u l-Artikoli 2, 24(1) u 33 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. fl-Artikoli 141, 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Fol. 913.

8. fl-Artikoli 141, 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. fl-Artikoli 141, 339(1)(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Gunju, 2020, fejn il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-hames u s-sitt imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikoli 17, 41(1)(a), 31, 141, 214, 218(1)(a)(b)(2), 251(3), 251H(g), 325(1)(b), 338(dd) u 339(1)(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat ukoll l-Artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lil PAUL (PETER PAUL) SHEEHAN hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu tnejn u ghoxrin (22) xahar prigunerija izda, bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat illi din is-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perijodu ta' tliet snin mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat l-konfiska tal-pistola Glock BSX914 (Dok. CCC1), il-magazine tal-istess pistola bi hmistax (15)-il balla mhux sparati (Dok. CCC2) u zewg balel sparati (Dok. CCC3 u CCC4), ilkoll esebiti fl-atti processwali.

B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u billi tqis li huwa xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Stephen Smith, il-Qorti rabtet lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' elf Euro (€1,000) li ma jimmolestax lill-istess Stephen Smith, u dan ghal zmien tnax-il xahar mil-lum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti b'zieda mal-piena, ikkundannat lill-hati jhallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' sebat elef, hames mija u tlieta u erbghin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€7,543.47) rapprezentanti l-ispejjez imhallsin lill-esperti mahturin f'dawn il-proceduri[2] u dan fi zmien sentejn mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appellanti Paul (Peter Paul) Sheehan minnu pprezentat fis-6 ta' Lulju, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha f' dik il-parti fejn l-esponenti gie lliberat mill-hames u s-sitt akkuza, u thassarha u tirrevokha billi tilliberah minn l-akkuzi l-ohra kollha dedotti kontra tieghu.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti u cioe:

1. illi l-Ewwel Qorti bid-dovuti rispett ghamlet konsiderazzjonijiet legali li huma erronji u wkoll, xhieda moghtija interpretata b' mod mhux lejali ghal dak li verament sehh meta wiehed jara ftit l-elementi tar-reati odjerni xi rrizulta dwarhom. Illi ghalhekk hawn mhux si tratta ta' apprezzament ta' prova izda li l-Ewwel Qorti kienet skorretta ta' kif waslet ghall-konkluzjoni li r-reati fejn sabet htija setghu bil-provi li hemm fil-process jinghad li gew pruvati;

   jigi mfakkar ukoll li l-Ewwel Qorti ma semghet xejn mill-provi kompilati ghajr x-xhieda tal-Agent Kummissarju ta' dak iz-zmien Raymond Zammit [stante li t-traskrizzjoni ta' dan ix-xhud ma kienetx harget]. Illi huwa minnu li kemm id-difiza u kemm il-prosekuzzjoni ezentaw lill-Magistrat milli terga' tisma lix-xhieda mill-gdid, izda jibqa' l-fatt li l-Ewwel Qorti qadet taghmel

[2] P.L. Mario Buttigieg €767 (envelop a fol 504, pagna 48 tar-rapport), Dr. Martin Bajada €1,252.26 (envelope fol 571A), esperti ballisitici: Brigadier Maurice Calleja, Jesmond Cassar PS 46 Charlot Casha €1,360.14 (fol. 497 tergo u fol. 498), SOCO PS644 Evan Camilleri u PS 612 Theo Vella €794.78 (fol 528), PC 1362 Jonas Schembri €29.68 (fol 538), Dr Mario Scerri €364.22 (fol 666); John Charles Ellul €469 (fol 725 tergo), Perit Valerio Schembri €2,506.39 (fol 760).

hafna kunsiderazzjonijiet fuq ix-xhieda per ezempju li kienu prezenti waqt l-incident u l-esperti ballistici minghajr dik il-Qorti ma kienet effetivament semghet xejn mill-provi hija stess;

illi l-esponenti ihoss b' rispett li dan il-kaz kien wiehed fejn l-agir tal-esponenti kien ghal kollox legali u gustifikat. Illi l-esponenti jikkontendi li f' pajjiz fejn hemm forzi tal-ordni mehtiega biex izommu l-ordni, agir bhal dak tal-esponenti huwa mehtieg propju f' cirkostanzi bhal dawk li huwa sab ruhu fihom. Illi fil-kors tad-difiza tieghu l-esponenti kwota incidenti fejn il-pulizija mhux biss sparaw tiri kif sehh hawn, izda addirittura kellhom itemmu l-hajja ta' persuni biex ikun hemm harsien tal-bon ordni u kontra tali pulizija involuti mhux biss ma nhargux akkuzi izda sahansitra anqas passi ta' dixxiplina ma' ttiehdu. Illi f' kaz minnhom fejn kienet sehhet mewt ta' peruna f' Hal Qormi, il-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iz-zmien, John Rizzo, addirittura pubblikament fahhar l-agir tal-Pulizija ghaliex kien irrimarka fostohrajn li huwa inaccettabbli li jkollok persuni fit-toroq jitterorrizzaw lin-nies minghajr ma' l-pulizija tkun tista' trazzanhom bil-forza. Illi dan l-argument tant ovvju sfortunatament l-Ewwel Qorti ma qisitux. Illi l-Ewwel Qorti nqaset milli tapprezza u tifhem , li l-Pulizija imxiet mal-esponenti sempliciment ghaliex huwa inzerta kien xufier tal-Ministru Dott. Manuel Mallia, persuna politika kontroversjali dak iz-zmien minhabba li mhux biss pubblikament biddel l-opinjoni politika tieghu mas-snin izda shansitra biddel il-partit u spicca gie elett fil-Parlament u sar Ministru. Illi dawn huma kollha veritajiet li hadd, inkluz l-Ewwel Qorti ma jitkellem fuqhom izda li huma l-pedament ta' dak li wiehed irid izomm f' mohhu biex jaghmel apprezzament verament oggettiv ta' dan il-kaz;

illli l-esponent iqis li bis-sahha ta' dak li jiddisponi l-Art. 33 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-agir tieghu kien wiehed protett u permissibli skond il-Kostituzzjoni. Illi dana l-artikolu jitkellem dwar dawk l-istanti fost ohrajn meta l-forzi tal-ordni jistghu juzaw il-forza. Illi artikolu bhal dan huwa t'

importanza kbira ghad li jinsab mhux fil-Kodici Kriminali, izda addirittura l-Legislatur inkludih fi proveddiment fil-kostituzzjoni tal-Pajjiz. Illi certament li dana l-artikolu m' huwiex qieghed hemm hekk ghal xi raguni gustuza u cerimonjali, izda qieghed hemm biex jigi osservat, minn kullhadd inkluz il-Gudikanti taghna. Illi fost ohrajn il-paragrafu 2 b iqaxxar is-sitwazzjoni prezenti f' dana il-kaz meta jitkellem dwar:-

> *'...sabiex jigi effetwat arrest skond il-Ligi jew tigi evitata l-harba ta' persuna detenuta skond il-Ligi...'*

Illi b' rispett l-Ewwel Qorti argumentat kull skuza immaginnabbli sabiex tghid li dak li gara fil-kaz odjern ma kienx ezatt dak li hemm prospettat f' dan l-artikolu. Illi Smith gie pruvat li dakinhar kien ilu jixrob l-alkohol minn filghodu. Illi l-ezami tossikologiku li sarlu l-Ghassa tal-Pulizija tal-Msida kien sar sieghat wara l-incident u xorta wahda kien wiehed li qabez sewwa l-limiti 'mposti mill-ligi'. It-tabib Mario Scerri xehed anki dwar kif jonqos l-ammon ta' alkohol mal-hin u ghalhekk wiehed jista' jikkalkola l-ammont tal-biza litteralment t' alkohol li kellu fis-sistema Smith waqt li sehh il-kaz odjern. Illi dan l-istatimmanifesta ruhu f' diversi modijiet. Illi ibda biex fl-istat li kien Smith habat u kaxkar il-genb tal-vettura misjuqa minn l-esponenti. Illi l-esponenti jghid li jghid li Smith kellu flixkun tal-Heineken f' idu meta nizel mill-karozza ghalih [xhieda pajzana ma kieneux lahqu l-incident mill-bidu nett u di piu l-flixkun wara instab]. Illi Smith harab bi speed meta sema' lill-esponenti jitlob l-appogg mal-Control Room. Illi flok waqqaf il-vettura huwa baqa' jsuq bl-addocc sakemm il-vettura tieghu waqfet. Illi dan il-komportament juri bic-car bid-dovut rispett is-sitwazzjoni li kien qed ihabbat wiccu maghha l-esponenti. Sitwazzjoni li l-EwwelQorti ghazlet li tiskarta kompletament ghaliex skond hija stess strahet l-aktar fuq filmat li huwa dibattibli hafna kwantu l-interpretazzjoni li ttih u t-telefonata li l-esponenti ghamel lill-Pulizija huwa stess;

Illi hawn wiehed irid jaghmel ftit analizi tal-provi bid-dovut rispett. Illi Smith mhux biss kien qed isuq taht l-effett tal-alkohol li fih innnifsu huwa reat u ghalhekk jimmerita arrest mill-forzi tal-ordni, izda jinghad b' aktar importanza li fl-istat li kien fih Smith, huwa kien estremament perikoluz biex isuq. Illi fl-istat li kien fih Smith kull Pulizija [mhux biss ix-xufier ta' Manwel Mallia] serju u tal-affari tieghu kien jordnalu li ma jibqax isuq ghaliex is-sewqan tieghu kien wiehed li kien ta' perikolu ghas-sahha tan-nies l-ohra u dana b' mod grossolan. Illi dina l-analizi tal-fatti hija ferm u ferm importanti ghaliex una volta li l-Qorti tikkondivi li Smith f' dak l-istat kellu jigi arrestat, allura per konsegwenza ikollhom jigu applikati l-provvedimenti tal-artikolu 33 (2) b tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Illi meta wiehed iqis l-agir tal-esponenti kien reituz, kif ghamlet l-Ewwel Qorti, kuntrarju sensu, jkun qed jghid bir-rispett li l-Pulizija ma' ghandiex il-jedd u l-htiega li twaqqaf persuna fit-tmienja ta' filghaxija milli tkompli ssuq ghaliex tkun ilha tixrob minn filghodu. Illi certamentli skond l-umli fehema tal-esponenti dana – ragunament huwa wiehed li jirri-avviza l-ovvju. Illi wiehed ifakkar fil-hafnasforz li jsir biex nies fis-sakra ma jithallewx isuqu l-vettura taghhom ghaliex ikunu ta' periklu ghal haddiehor, izda fil-kaz odjern bhal donnu ghal xi raguni l-Ewwewl Qorti dan ir-ragunament tieghu ghandu jinghata hafna piz qabel ma' wiehed jasal ghad-decizjoni finali;

**Illi ghalhekk jinghad a skans ta' ripetizzjoni li jekk dina l-Onor. Qorti thoss sal-grad tal-probabli, li kien gustifikat li Smith fl-istat li kien jigi arrestat, allura per konsegwenza l-agir ta' Sheehan bilfors ghandu jigi gustifikat skond il-Kostituzzjoni;**

2. Illi t-tieni aggravju jitratta s-sejbien tal-htija tal-ewwel akkuza. Illi dana l-aggravvju s' intendi qed jighata minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravvju;

Illi l-esponenti mhux veru li ghamel attentat sabiex jikkaguna ferita fuq il-persuna ta' Smith. Ibda biex fl-istat tal-feriti fuq il-persuna, l-akkuzat iwiegeb ghat-tip ta' ferita skond il-ferita fuq il-gisem tal-vittma xi tkun. Illi bid-dovut rispett gia huwa difficli hafna li wiehed minghajr ma' jkollu feriti, jiprospetta x' kienu ser ikunu l-konsegwenzi li kieku kawza tal-attentat ma' kienx hemm l-involviment ta' xi haga estranja ghall- akkuzat. Veru li wiehed jista' jghid 'imma b' balla ta' Glock zgur li ser ikollok ferita serja minn ta' lanqas', izda dana r-ragunament parrokjali huwa wiehed spekulattiv ghall-ahhar u ma jreggix fil-kamp penali. Illi dana r-ragunament qed jinghata bhala preambolu ghal argument iehor u cioe dak li sehedu l-esperti ballistici fil-kaz odjern. Hawn in sintezi ta' min ifakkar li qabel ma wiehed jara dak li xehdu l-esperti ballistici u l-kontro ezami li kien sar lilhom, jaqra ftit l-istqarrija tal-esponenti li taghti dawl ta' dak li gara ghaliex kien sehh;

Illi l-esponenti iqis, li l-Ewwel Qorti kienet b' rispett kompletament skorretta meta ma strahitx u ddipratiet mill-konkluzjonijiet tal-espert ballistici. Illi l-esponenti jikkontendi b' rispett li tant kienet trid li tasal ghall-htija l-Ewwel Qorti, li kellha problema kbira hafna bil-veritajiet li xehdu l-esperti f' dan il-kaz. Issa jinghad li Gudikant verament jista' jiddipartixxi minn opinjoni ta' espert, izda dana jista' jaghmlu biss jekk ikun hemm ragunjiet li jwasslu li jkun gustifikat li wiehed ma joqghodx fuq dak li qal l-espert. Illi konsapevoli ta' dan, l-Ewwel Qorti tghid li hija waslet ghall-konkluzjoni li tiddipartixxi mir-relazzjoni tal-esperti minhabba l-filmat li kien esebit. Illi l-esponenti kull ma huwa ser jghid hu, li meta wiehed jara dan il-filmat, ghajr ghal kwistjoni diskuttibli tad-distanzi, assolutament ma hemm xejn li jmeri l-kostatazjonijiet tal-esperti. Illi dak li tghid l-Ewwel Qorti sabiex hija setghet tallontana ruhha mir-rapport tal-esperti ballistici assolutament ma huwiex korrett u dan l-fattur jista jigi komodament verifikkabbli minn dina l-Onor. Qorti. Illi meta wiehed jara d-dinamika tal-incident jirrizultalu b' rispett li huwa altru milli ovvju li l-esponenti kull ma xtaq lijolqot kien il-vettura u li jwaqqaf lil Smith milli jahrab;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-Ewwel Aggravvju, jinghad li fost l-elementi tat-tentattiv, hemm dak li r-reat li l-aggressur ikollu l-intenzjoni li jaghmel, ma jsehhx minhabba xi cirkostanza li ma tkunx fil-kontroll tieghu, xi fatt li jkun accidentali u indipendenti mill-volonta tal-akkuzat;

   Issa mill-provi rrizulta b' mod pacifiku, li wara li laqat il-karozza uzata minn l-esponenti Smith, nizel mill-vettura tieghu u gie vicin hafna tal-esponenti. Illi l-esponenti f' dak il-hin gia kellu l-pistola u l-munizzjoni disponibbli. Illi pero f' dak il-hin l-esponenti ma spara ebda tiri fid-direzzjoni tal-esponenti. Wiehed jistaqsi, li kieku verament l-esponenti kellu l-intenzjoni li jaghmel hsara fuq il-persuna ta' Smith, meta kien jisparalu? Meta kien magenbu jew meta Smith telaq bil-vettura biex jahrab minn fuq il-post? Illi verament li l-intenzjoni kriminuza tista' tinholoq f' dik is-sekonda propju tal-kummissjoni tar-reat, izda l-Qorti ghandha l-obbligu li meta taghmel apprezzament ta' prova, tara wkoll li tikkalibra dak li sehh mal-veritajiet tal-hajja. F' dan il-kaz huwa ovvju, li l-appellanti mhux veru kellu l-intenzjoni li jaghmel hsara fuq il-persuna ta' Smith, izda t-tiri gew sparati sic et semplicitur fuq il-vettura. Illi ghalhekk, il-fatt li l-balal dahlu fil-vettura ma' jista' qatt jitqies li kien dik ic-cirkostanzi 'accidentali' u ndipendenti mill-volonta tal-akkuzat' izda hawn si tratta ta' sparaturi li konspevolment u deliberatament saru minn l-esponenti biex tigi milquta l-vettura. Illi ghalhekk certament li l-ewwel akkuza qatt ma tista' tigi ppruvata;

4. Illi l-esponenti jikkontendi li huwa kellu wkoll jigi mehlus mit-tieni akkuza. Illi l-akkuzi kollha huma biex wiehed jghid hekk konsegwenzjali ghall-Ewwel Akkuza u jekk dina ma tirnexxiex, allura l-esponenti ghandu jigi lliberat minn kull akkuza, izda bla pregudizzju anke hawn ma rrizultax li kien hemm dak il-'conduct' ta' incidenti varji u fil-plral biex tirrizulta dina t-tieni akkuza. Di fatti bejn Sheehan u Smith, qatt ma kien hemm ebda incident precedenti ghal

dak mertu tal-Kaz odjern u dana kien l-uniku incident ta' bejniethom. F' dana x-xenarju dina l-akkuza qatt ma tista' tigi pruvata;

5. Illi dwar it-tielet akkuza u r-raba' jregi l-istess argument li jekk l-Qorti taqbel li l-esponenti ghandu jinheles minn l-ewwel akkuza allura jsegwi li huwa ghandi jigi mehlus minn kull akkuza ohra. Illi pero dwar ir-raba' akkuza, l-esponenti ma' jistax ma jikkumentax fis-sens, li mill-provi rrizulta propju l-maqlub ta' sejbien ta' htija fuq dina l-akkuza. L-esponenti kien munit bil-permess li jgorr fuqu l-arma 'n kwistjoni u l-munizzjoni. Forsi l-apice tar-ragunament tal-Ewwel Qorti f' dana l-process, intwera meta l-Ewwel Qorti sahansitra ordnat il-konfiska tal-arma Glock u l-munizzjon li kien instab. Illi l-arma u l-balal huma propjeta tal-Kummissarju tal-Pulizija, l-istess Kummissarju tal-Pulizija li hareg l-akkuzi odjerni kontra l-esponenti appellant u dana jinghad sabiex wiehed jifhem l-oggettivita li thaddnet kontra l-esponenti fil-motivazzjonijiet fis-sentenza appellata;

6. Finalment l-esponenti jemmen sinceramant li fil-kaz tieghu, huwa importanti li minn se jiddeciedi ma jkunx kundizzjonat minn dak li kienu kitbu certu sezzjonijiet tal-media f' pajjizna. Ikun verament ingust li l-esponenti jigi ggudikat ghaliex kien ix-xufier ta' min kien u ghaliex l-media kullhadd jiddarras imur kontra l-agenda taghha. Illi jekk isir hekk ma tkunx qed issir gustizzja ma' hadd.

Ikkunsidrat,

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi fid-19 ta' Novembru 2014 waqt li l-appellant membru tal-Korp tal-Pulizija dak iz-zmien stazzjonat bhala x-xufier tal-Ministru Emmanuel Mallia kien fir-residenza ta' omm l-appellant u t-tifla tal-Ministru waqt li l-Ministru kien waqt attivita',

semgha hoss u sab li kienet intlaqtet il-vettura Ministerjali. Il-vettura Ministerjali kienet ipparkeggjata gewwa Triq Nikola Cottoner, il-Gzira;

2. L-appellant kif ukoll certu Daniel Grech hargu mir-residenzi li kienu jinsabu fihom. Daniel Grech xehed li kien lemah vettura fit-tarf tat-triq u prova jilhaqa bir-rigel. Filwaqt li l-appellant saq il-vettura Ministerjali u segwa l-vettura li kienet laqtitlu l-vettura li wara rrizulta li kienet misjuqa minn certu Stephen Smith[3];

3. L-appellant lahaq il-vettura gewwa Triq Wied il-Kappara, il-Gzira u kemm l-appellant u Stephen Smith hargu mill-vettura;

4. Jirrizulta li waqt li l-appellant kien fuq il-linja mal-control room tal-Pulizija jitlob l-assistenza tar-Rapid Intervention Unit, Stephen Smith dahal fil-vettura misjuqa minnu u saq minn fuq il-post. L-appellant waqt li kien ghadu fuq il-linja mal-control room spara zewg tiri fid-direzzjoni tal-vettura misjuqa minn Stephen Smith;

5. Sussegwentement l-appellant baqa jsegwi l-vettura misjuqa minn Stephen Smith li waqfet taht il-mini ta' Santa Venera;

6. Irrizulta li Stephen Smith kellu livell ta' alkohol f'gismu ferm aktar gholi mill-limitu permess fil-ligi f'dak li jirrigwarda s-sewqan;

7. Sussegwentement inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant.

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda li l-Qorti ghamlet konsiderazzjonijiet legali li huma erronji u wkoll, xhieda moghtija interpretatha b'mod mhux lejali ghal dak li verament sehh meta wiehed jara ftit l-elementi tar-reati odjerni xi rrizulta dwarhom. Ghalhekk hawn mhux si tratta ta' apprezzament hazin ta' prova izda li l-Qorti kienet skorretta ta' kif waslet ghal konkluzjoni li r-reati fejn sabet htija setghu bil-provi li hemm fil-process jinghad li gew pruvati. Li l-Ewwel Qorti ma' semghet xejn mill-

[3] Fl-atti xi waqtiet indikat bhala Stephen Maurison Smith.

provi kompilati ghajr ix-xhieda tal-Agent Kummissarju ta' dak iz-zmien Raymond Zammit. Li huwa minnu li kemm id-difiza u kemm il-prosekuzzjoni ezentaw lil Magistrat milli terga tisma lix-xhieda mill-gdid, izda jibqa' l-fatt li l-Qorti ghadet taghmel hafna kunsiderazzjonijiet fuq ix-xhieda per ezempju li kienu prezenti waqt l-incident u l-esperti ballistici minghajr dik il-Qorti ma kienet effettivament semghet xejn mill-provi hija stess.

Dwar dan, din il-Qorti tissottolinea li l-fatt li d-difiza u l-prosekuzzjoni jkunu ezentaw lil Qorti milli terga tisma x-xhieda li jkunu gia xehdu quddiem Qorti diversament preseduta ifisser li l-partijiet ikunu accettaw li ma hemmx il-htiega li l-Qorti terga tisma' l-provi mill-gdid. In oltre' tajjeb li jigi mfakkar li t-traskrizzjoni tax-xhieda hija kollha kemm hi traskritta u ghalhekk nonostante l-fatt li l-Qorti li ddeciediet is-sentenza appellata ma kinitx semghet ix-xhieda hija stess, ix-xhieda kif traskritta hija riflessjoni cara tal-kredibilita' tax-xhieda. Ma jistax l-appellant wara li tigi deciza l-kawza jilmenta dwar il-fatt li l-Qorti kif preseduta ma tkunx semghet il-provi kollha.

L-appellant jissottometti li l-agir tieghu kien ghal kollox legali u gustifikat. Jikkontendi li f'pajjiz fejn hemm forzi tal-ordni mehtiega biex izommu l-ordni, agir bhal dak tal-appellant huwa mehtieg propju f'cirkostanzi bhal dawk li huwa sab ruhu fihom. Jissottometti li l-Qorti naqset milli tapprezza u tifhem li l-Pulizija imxiet kif imxiet mal-appellant sempliciment ghaliex huwa inserta kien xufier tal-Ministru Dott. Manuel Mallia, persuna politika kontroversjali dak iz-zmien minhabba li mhux biss pubblikament biddel l-opinjoni politika tieghu mas-snin izda sahansitra biddel il-partit u spicca gie elett fil-Parlament u sar Ministru. L-appellant jghid li dawn huma kollha veritajiet li hadd, inkluz l-Ewwel Qorti ma' jitkellem fuqhom izda li huma l-pedament ta' dak li wiehed irid izomm f'mohhu biex jaghmel apprezzament verament oggettiv ta' dan il-kaz. Dwar din is-sottomissjoni, din il-Qorti taghmilha cara li dak li trid tiddeciedi din il-Qorti huwa jekk l-Ewwel Qorti mill-provi prodotti fl-atti setghetx legalment u ragonevolment issib htija tal-imputazzjonijiet li taghhom sabet htija. Ghalhekk irrispettivament jekk il-Ministru li l-appellant kien ix-xufier

tieghu kien persuna politika kontroversjali kif jghid l-appellant fl-appell tieghu u irrispettivament ta' dak li setgha rapportat fil-media dwar l-akkadut, il-Qorti trid tiddeciedi abbazi ta' dak li jirrizulta mill-atti u xejn aktar.

L-appellant jaghmel referenza ghal dak li jiddisponi l-artikolu 33(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jghid li l-agir tieghu kien wiehed protett u permissibli skond il-Kostituzzjoni. Li dan l-artikolu jitkellem dwar dawk l-istanti fost ohrajn meta l-forzi tal-ordni jistghu juzaw il-forza. Jissottometti li huwa artikolu ta' importanza kbira ghad li ma jinsabx fil-Kodici Kriminali, izda addirittura l-legislatur inkludieh fi provvediment fil-Kostituzzjoni tal-Pajjiz. Jaghmel referenza ghall-paragrafu '*2b*', li din il-Qorti qieghda tifhem li l-appellant qieghed jirreferi ghas-subartikolu (2)(b) tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan is-subartikolu jaqra '*sabiex jigi effetwat arrest skond il-Ligi jew tigi evitata l-harba ta' persuna detenuta skond il-Ligi..*'

Il-Qorti skont l-appellant argumentat kull skuza immaginabbli sabiex tghid li dak li gara fil-kaz odjern ma' kienx ezatt dak li hemm prospettat f'dana l-artikolu. Jissottometti li gie pruvat li Smith dakinhar kien ilu jixrob l-alkohol minn filghodu. Li l-ezami tossikologiku li sarlu l-Ghassa tal-Pulizija tal-Msida kien sar sieghat wara l-incident u xorta wahda kien qabez sewwa l-limiti imposti mill-Ligi. It-tabib Mario Scerri xehed dwar kif jonqos l-ammont tal-alkohol mal-hin u ghalhekk wiehed jista jikkalkula l-ammont tal-biza litteralment ta' alkohol li kellu fis-sistema Smith waqt li sehh il-kaz odjern. Li dan l-istat immanifesta ruhu f'diversi modijiet. Fl-istat li kien Smith habat u kaxkar il-genb tal-vettura misjuqa minn l-appellant, li l-appellant jghid li Smith kellu flixkun tal-Heineken f'idu meta nizel mill-karozza ghalih. Li Smith harab bi *speed* meta' sema lill-appellant jitlob l-appogg mal-Control Room. Li minflok waqqaf il-vettura, huwa baqa' jsuq bl-addocc sakemm il-vettura tieghu waqfet. Li dan il-komportament juri bic-car bid-dovut rispett is-sitwazzjoni li l-Ewwel Qorti ghazlet li tiskarta kompletament ghaliex skond hija stess strahet l-aktar fuq filmat li huwa dibattibli hafna kwantu l-interpretazzjoni li ttih u t-telefonata li l-appellant ghamel lil Pulizija huwa stess.

Skont l-appellant Smith mhux biss kien qed isuq taht l-effett tal-alkohol li fih innifsu huwa reat u ghalhekk li jimmerita arrest mill-forzi tal-ordni, izda jinghad b'aktar importanza li fl-istat li kien fih Smith, huwa kien estremament perikoluz biex isuq, li fl-istat li kien fih Smith, kull Pulizija mhux biss ix-xufier ta' Manwel Mallia, serju u tal-affari tieghu kien jordnalu li ma' jkomplix isuq ghaliex is-sewqan tieghu kien wiehed li kien ta' perikolu ghas-sahha tan-nies l-ohra u dana b'mod grossolan. Li din l-analizi tal-fatti hija ferm u ferm importanti ghaliex una volta li l-Qorti tikkondividi li Smith f'dak l-istat kellu jigi arrestat, allura per konsegwenza ikollhom jigu applikati l-provvedimenti tal-artikolu 33(2)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Jissottometti li meta iqis li l-agir tal-appellant kien reituz, kif ghamlet l-Ewwel Qorti, kuntrarju sensu, jkun qed jghid bir-rispett li l-Pulizija ma' ghandhiex il-jedd u l-htiega li twaqqaf persuna fit-tmienja ta' filghaxija milli tkompli ssuq ghaliex tkun ilha tixrob minn filghodu. Li certament dan ir-ragunament huwa wiehed li jirri-avviza l-ovvju. Jissottometti li wiehed ifakkar fil-hafna sforz li jsir biex nies fis-sakra ma' jithallewx isuqu l-vettura taghhom ghaliex ikunu ta' perikolu ghal haddiehor, izda fil-kaz odjern bhal donnu ghal xi raguni l-Ewwel Qorti dan ir-ragunament ma' dahlitx fih u skartatu. Skont l-appellant dan ir-ragunament ghandu jinghata hafna piz qabel ma' wiehed jasal ghad-decizjoni finali.

Ghalhekk skont l-appellant jekk l-Qorti thoss sal-grad tal-probabli, li kien gustifikat li Smith fl-istat li kien jigi arrestat, allura per konsegwenza l-agir ta' Sheehan bilfors ghandu jigi gustifikat skond il-Kostituzzjoni.

Ikkunsidrat;

L-**artikolu 33(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jaqra:

'*(2) Mingħajr ħsara għal xi responsabbiltà għal ksur ta' xi liġi oħra dwar l-użu ta' forza f'dawk il-każijiet li huma hawnhekk iżjed'il quddiem imsemmija, persuna ma għandhiex*

*titqies li tkun ġiet ipprivata mill-ħajja tagħha bi ksur ta' dan l-artikolu jekk tmut b'riżultat tal-użu ta' forza daqs kemm tkun **raġonevolment ġustifikabbli** fiċ-ċirkostanzi tal-każ -*
*(a) fid-difiża ta' xi persuna minn vjolenza jew fid-difiża ta' proprjetà;*
*(b) sabiex jiġi effetwat arrest skont il-liġi jew tiġi evita l-ħarba ta' persuna detenuta skont il-liġi;*
*(ċ) sabiex tiġi megħluba rewwixta, insurrezzjoni jew ammutinament; jew*
*(d) sabiex jiġi evitat l-egħmil minn dik il-persuna ta' reat kriminali,*

*jew jekk tmut minħabba att leġittimu ta' gwerra.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Ghalhekk skont l-appellant, l-agir tieghu kien jaqa taht is-subartikolu (b) tal-artikolu 33(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Din il-Qorti sejra in succint tqis il-provi mressqa, limitatament dwar dak li sehh fil-hin tal-incident u t-telefonati li segwew.

**Stephen Maurison Smith** xehed fid- 9 ta' Dicembru 2014 fejn dwar l-incident spjega li wara nofsinhar kien Ta' Sliema fil-bar and restaurant '*Black Gold*' fil-kumpanija ta' nies ohra. Telaq wahdu minn dan il-post fit-tmienja u nofs. Kif kien qieghed fi triqtu ghad-dar kellu jieqaf biex jixtri pakkett ilma, kien ipparkja wara Black Gold gewwa Ta' Sliema u kellu jsuq minn Rue D'Argent. Kien sejjer f'confectionery fil-kantuniera, jismu Gu gu Confectionery. Il-Confectionery qieghda fi triq Nazju Ellul fil-Gzira. Il-karozza tieghu hija tat-tip Volkshall Insigna 'FE 10 SPV'. Ma sab imkien tajjeb fejn jieqaf barra l-confectionery, spjega li '*so I caried on into Nazju Ellul Street and I took the second right in Nazju Ellul Street and I am not sure about the street name, i am not familiar with the street name. It was in that street where I clipped.*' Rega spjega li meta ma sabx fejn jipparkja hdejn Gu Gu Confectionery irrealizza li kien hemm confectionery iehor kemm kemm iktar il-fuq mid-dar tieghu li jibqa' miftuh sad-disgha ta' filghaxija u kien qieghed ghaddej f'dik id-direzzzjoni. Spjega li '*I hit, clipped the mirror and slightly the door of a parked car.*' Qal '*I realised because of the noise and because it broke also the mirror of my car and I stopped.*' Qal li '*I stopped so that I could sort out and exchange details to repair the car.*' Xehed li '*Then first of all I heard very loud shouting in a very aggressive*

*manner and as I was getting out of the car and due to the shock and everything and seeing the person was so aggressive and so angry and then I also noticed that he was holding a gun. It was at this point where I actually feared for my life.'* Rega spjega li '*I stopped and I wanted to exchange details whatever to fix the, to be able to fix the car, the damage I had caused, it was at that point that I just heard shouting and a lot of aggression as I was getting out of the car and then I could see a man, heading towards me shouting and really, really in a fit of rage and he was holding a gun, it was at this point where I genuinely feared for my life and decided to leave the scene.*'

Mistoqsi jekk jiftakarx jekk kienx hemm xi kliem bejnu u dan ir-ragel wiegeb li '*I was under shock at that time ... there were words definitely exchanged from his side, I am not even sure what they are, I was quite in a bit of shock at that point.*' Ma jiftakar xejn f'idejn ir-ragel l-iehor hlief il-gun li kien f'id il-leminijia (right). Ghazel li jmur lura fil-karozza '*Because I actually feared for my life at that point, I was convinced that he was going to shoot at me.*' Qal '*I head towards the end of that street, to the corner and I took the right, I turned right at that corner through Edgar Bernard Street, it was at this time, this point just before I started turning I heard the first shot.*' Irrealizza li kienet sparatura peress li hija triq kwieta f'*residential area,* ra il-gun u wara semgha l-isparaturi, u awtomatikament irrealizza li kien spara. Kien sema zewg sparaturi. Semgha wahda qabel il-kantuniera u ohra hekk kif dar il-kantuniera. Dak il-hin ma rrealizzax li l-isparaturi kienu laqtu l-karozza tieghu, ma kienx cert jekk laqtux il-karozza jew le. Spjega li '*My intention was to try to get away from him so I drove down towards Edgar Bernard Street towards the end and turned left to go up towards Regional Road, the roundabout at Regional Road.*' Mistoqsi jekk irrealizzax li xi haga kienet qieghda tigri dak il-hin qal '*Yes after when I straightened up the car and after I come down a bit maybe I was half way between turning the corner ...*', spjega '*The corner of Edgar Bernard Street and the one I was on, I could realise that there was a car following me.*' Mistoqsi jekk gharafx il-vettura li kienet qieghda ssegwih, wiegeb li iva rrealizza li kienet Mercedes li kien gia ra u cioe' il-vettura li '*I had clipped the mirror and slightly ... the door.*' Spjega li '*I turned towards Regional Road roundabout and then I turned left heading towards the Santa Venera tunnels.*' Spjega li '*At this point I don't know what happened but the car just*

*stopped.*' Spjega '*My car just malfunctioned and stopped, all power went off in the car, I have no explanation for it, it is quite a modern car and it never happened before so I have no explanation as to why it stopped at that point in time.*' Spjega '*At the time when the car stopped, it was as I said due to the shock and everything but it was very, almost immediate I could notice police on the scene.*' Qal li '*I could see the flashing of the blue lights coming from the roundabout towards the tunnels.*' Meta ra il-Pulizija, ir-reazzjoni tieghu kienet ta' '*Relieve to be honest because I was actually in fear of my life at that time.*' Spjega li '*Then to my surprise yes, the police actually confronted me and told me to proceed to the rear of the vehicle.*' Jispjega li kien sorpriz ghax '*at that time I didn't know what was happening, it was just all a big shock at that time. Then once I got to the back of the car with my hands up, I was asked to lay face down on the floor, on the ground which I did and I was handcuffed at that point in time and I was held down on the floor by a police officer.*' Jghid '*I shouted at and said "don't move, don't speak, don't anything" so I was just in silence at that time.*' Dak il-hin huwa ma nnutax id-driver tal-Mercedes. Spjega li '*This was due to the reason that it happened very quickly and I was told to keep my face down at the tarmac and not even tilt my head sideways.*' Ra l-vettura hekk kif kien hiereg mill-vettura tieghu u kienet wieqfa wara l-vettura tieghu. Jiftakar li kellha number plate 'AQZ'. Wara ttiehed l-Ghassa tal-Pulizija, jekk mhux sejjer zball mar tlett Ghases tal-Pulizija f'dak il-lejl, l-ewwel wahda jahseb li kienet Ta' Sliema. Sa dak il-hin ma ghamilx breathalyzer test izda ghamlu wara. Il-Magistrat kienet prezenti. Dak il-hin kien infurmat dwar ir-rizultat izda ma jiftakrux.

Mistoqsi dwar meta ir-ragel kellu gun f'idejh xi kemm kien hemm distanza bejnu u bejn dan il-persuna, wiegeb li difficli biex tikkalkula d-distanza izda madwar 25 sa 30 *feet*.

Mistoqsi fejn kien wieqaf meta ra lil dan ir-ragel, wiegeb li kien ma gemb il-bieba. Ir-ragel '*He had come around from the back of his car which was parked on the side of the road and you can imagine by the time I had clipped the mirror and stopped we were a distance apart and the car, I had stopped the car*'. Mistoqsi kemm ghadda hin bejn meta rrealizza li habat mal-mera u sa kemm waqaf, qal li kienet '*instantaneous*' jigifieri fi ftit

sekondi. Jiddeskrivi li r-ragel kien liebes qmis bajda u qalziet skur. Huwa gharaf lill-imputat fl-awla. Ix-xhud ma kien qieghed izomm xejn. Ma jiftakarx li l-imputat identifika lilu nnifsu bhala xi hadd. Il-pistola kienet f'id il-leminija. Ma nnota xejn fl-id l-ohra. Ikkonferma li l-vettura tieghu hija assigurata.

**Is-Supretendent Alexandra Mamo** fis-seduta tad- 9 ta' Dicembru 2014 xehdet dwar fost affarijiet ohra l-verzjoni moghtija minn Stephen Smith meta gie investigat. Spjegat li '*Fl-istqarrija s-Sur Smith ta' rendikont ta' x'jiftakar kif gara l-incident, li qal li kien qed jixrob il-black gold u għal ħabta tat-8.30 ta' filgħaxija telaq minn hemm hekk, qabad it-triq lejn Birkirkara, daħal go triq Vjal il-Kottoner, waqaf biex jixtri xi ilma għad dar minn confectionery, baqa' sejjer go Nazju Ellul u kiser fuq in-naħa tal-lemin pero' ma ftakarx it-triq x'jisimha. Kien qed jirreferi għal Triq Wied il-Kappara, qal li ma kkalkulax, daħal go vettura ta' kulur skur. Meta ħareg sema' kommossjoni u għajjat, ra persuna liebes pajzan b'arma tan-nar f'idu l-leminija. F'idu x-xellugija kellu l-mobile, qal illi qallu biex idaħħal l-arma u sussegwentement daħal go l-karozza għax ovvjamant beza' u telaq lil hemm. Il-kliem ezatt kien "I fled away"*. Dan skont Smith sehh '*Fi Triq Wied il-Kappara upper, għax hu qal upper kwazi, kwazi go t-triq Edgar Bernard. Ħarab minn fuq il-post u sema' xi tiri lejn id-direzzjoni tiegħu, wara ra karozza ssegwih u baqa' jsuq biex ovvjament jaħrab, gie go Sliema Road, ħdejn ir-roundabout tal-gass u qabad il-bypass, fit-tunnels, fi kliemu jgħid "all of a sudden il-karozza waqfet" u hu kien fl-inner lane taħt it-tunnels. Fl-outer lane qal li ra l-karozza ta' din il-persuna li kien laqgħat. Sema' is-sireni tal-Pulizija gejjin u ħassu relieved fi kliemu stess imma qal "imbagħad wara jiena gejt arrestat."* L-istqarrija ta' Stephen Smith ma gietx prezentata fl-atti.

L-**Ispettur Jesmond Micallef** fis-seduta tas- 6 ta' Novembru 2015 spjega li baghat ghas-Sur Stephen Smith u kien spjega '*li ġurnata qabel kien qiegħed jixrob ġewwa tas-Sliema flimkien ma' l-mara tiegħu u ħabib ieħor fejn aktar tard għal ħabta tat-tmienja u nofs kien telaq minn hemm hekk biex imur lura d-dar u hu u sejjer lura d-dar kien waqaf fi Triq Nazju Ellul biex jixtri xi ilma minn go xi ħanut il-Gzira, kif telaq minn hemm hekk u dar għal go t-triq li kien hemm fuq in-naħa tal-lemin, hu jiftakar li kien laqgħat Mercedes li kellha l-lewn tagħha blu kemm kemm skur u kien waqaf biex jara x'gara. Kien sema' xi għajjat dak il-ħin u kien ra persuna li kien liebes pajżan li kien gej lejh, fil-fatt is-Sur Smith*

*kien qal ukoll li dan il-persuna li kien gej lejh kellu arma tan-nar f'idejh, minħabba l-fatt li dan beda jgħajjat hu beza' u telgħa lura fil-karozza biex jitlaq minn fuq il-post. Hekk kif dahar għal go Triq Edgar Bernard, il-Gzira stess, hu sema' żewġ tiri ta' arma tan-nar, hu baqa' jsuq u eventwalment il-vettura tiegħu waqfet ġewwa t-tunnels ta' Santa Venera. ..'* Kien ittiehed gewwa l-ghassa fejn sarlu breathilizer test fejn dan gie irregistrat ghall-ammont ta' mija u disgha (109). Smith ma ftakarx jekk kienx gholla lehnu jew qal xi haga f'dan is-sens, staqsewh jekk hareg bil-flixkun ghal persuna l-ohra u qal li ma ghamilx hekk u li l-persuna l-ohra ma kienx identifika lilu nnifsu bhala Pulizija.

**Lidgia Farrugia Sammut** xehdet fid- 9 ta' Dicembru 2014. Mistoqsija x'gara fid-dsatax (19) wiegbet li kienet qieghda timxi mal-kelb ma' ommha u telqu mid-dar ghal habta tat-tmienja u nofs (8:30) ta' filghaxija u kienu qeghdin sejrin lura d-dar meta raw zewg vettura. Ghal bidu hasbu li kien incident, xi haga normali. Kienu fi triq Edgar Bernard. Spjegat li '*as I was getting closer I saw a gentleman on his mobile phone and with a gun on his right hand and the first thing that I said to my mum was "ma, he has a gun" and of course she paranoid and she told me "let's walk back" and I said "no, this is a car accident" so I automatically took my mobile phone out and I started to record but unfortunately my dog is very strong so the same hand that I was holding the mobile phone was where the leashe was so as I started recording I noticed a gentleman going to his car and he fled the scene, another guy, another gentleman with the gun started shouting at this vehicle and I was very shocked and then the gentleman with the gun went inside his vehicle and chased after the first vehicle and so my mother and I we decided to the streeet because we were literally, I would say about ten (10) metres away from this incident and as we were crossing the street another vehicle came, and this vehicle came and asked us "did you see what happened?" and of course i thought he was a regular bystander like i was and I explained to him exactly what I saw and then from there, I told him I had a video and he wanted to see and I was just afraid so my first instinct was to hide it and so I hid it and then he fled the scene immediatly, this was may be a twenty / thirty second conversation, then he left as the directions that I gave him, then from there I didn't know much, I had no idea what was going on, all I remember is telling the gentleman with the third vehicle what his licence plate was GM 14 that is all I knew about the incident, I then proceeded and walked towards my friend's house which is about half a block from my house, I explained to him what*

*happened and he told me "GM 14 means that it is a government vehicle" and he told me to be careful that someone shots, like this is not like America and I said "ok", I went home and that was basically what I saw.*' Hija gharfet lill-akkuzat. Il-persuna li kienet qieghda ssuq GM14 kien il-persuna li kien bil-gun. Iz-zewg persuni kienu barra l-vetturi. Il-persuna tal-ewwel vettura ma kellu xejn f'idejh. Spjegat li '*by the time I saw where I was at the scene the gentleman not with the gun, let's just say the first gentlemen he was leading towards his car, kind of like if this is the hood, not the hood I am sorry, the top of the vehicle so he was on the driver side because he was on the side walk.*' Ikkonfermat li z-zewg vetturi kienu weqfin u cioe' 'stationery'. Kienu parallel lejn xulxin. Spjegat li '*The vehicle towards the side walk is the person who was shot by so it was the vehicle that had fled the scene first so his vehicle was bit more out, the GM 14 was here, so it was like that.*' Vettura minnhom kienet ftit aktar il-fuq. Meta waslet, il-persuna li gharfet fl-awla kien diga barra. Il-persuna l-ohra '*He was leaning on the top of his vehicle so his arms were like this on the top as if.*' Hija ghamlet tpingija biex tindika fejn kienu l-vetturi u l-persuni involuti. Il-persuna li kien qieghed jistrieh mal-vettura ma kellu xejn f'idejh.

Mistoqsija mill-Qorti '*Can you please explain the progression of events, so you saw Y standing on top of the ... right with his hands out stretched as I have seen you doing because, then the accused was standing here were you marked X now what was the accused doing when you saw him standing in the middle of Edgar Bernard Street? What did you see him doing as you were approaching?*' wiegbet '*He was on his mobile and he was shouting, I had no idea what he was saying because I don't speak Maltese or understand so all I remember is that he was on his phone and he was swinging his gun on the floor so I was like, you know afraid to be honest but I remember he was very aggressive.*' Mistoqsija '*The way he was talking on his mobile?*' wiegbet '*It was not quite, it was very loud but unfortunately I don't know what he said.*' Spjegat li '*then there was some type of, the gentleman with the gun had said something to the other gentleman, then that is when I saw the first car fled the scene.*' Spjegat li l-persuna l-ohra '*He literally just got inside his vehicle*'. Spjegat '*He fled, he took off.*' u cioe' telaq bil-vettura. Il-kulur tal-vettura ma tiftakrux izda ma kienx skur. Spjegat li '*When he drove off, the other gentleman literally just took a step and he shot twice, one, two and that is when I was in a total shock because what we saw was the first vehicle*

*that fled the scene, he slowed down just a bit and that is when my mum said to me "he hit the car", we were thinking he hit the gentleman but then obviously he accelerated and he went forward, there was another vehicle in front of the get away. not the get away, the one who fled the scene and I remember he high beamed this car in front of him for that other car to move out of the way so he wasn't able to go straight which then he made a left turn, to that street, I don't remember the name of that street and then right after the gentleman who had short, he walked towards his car and the GM 14 and he also took off and followed him.'* Il-pistola kienet qieghda tinzamm fl-id il-leminija u cioe' *right hand*. Mistoqsija '*And you saw him moving his hand with his gun pointing towards the ground you said?*' wiegbet '*Exactly.*' Mistoqsija '*Now when you heard the shots being fired, could you see where this gun was pointed at?*' wiegbet '*Towards the vehicle.*' Ma tafx liema parti tal-vettura. Spjegat li '*I don't know if it was the left or the right, no I do not. I just know it was straight towards the vehicle.*' Semghet zewg sparaturi. Dawn kienu sparati in '*rapid succession*'. Spjegat li '*So after the gentleman who shot, he went into his vehicle and then he followed the first vehicle that had left the scene.*' Iz-zewg vettura saqu. Spjegat li '*All I could see is that they had made a left towards whatever the name of that street is.*'

Spjegat li ghaddiet tielet vettura. Kien hemm xufier u passiggier. Din it-tielet vettura giet wara ftit sekondi '*I would say seconds, the reason why is because when the GM 14 took off and I was looking forward I had already seen Police cars, the lights of the Police cars on, I think it is called Sliema road but I am not sure about the name of the street and I had seen the Police lights already going up the hill when I met the third vehicle so this happened seconds, maybe thirty/ forty seconds at that.*' Spjegat li '*So how I remember that there is a new convenient shop here so I put two XX stating that from here where the shooter was to where this convenient store is where the distance, how many metres I can't really recall but this where we saw the vehicle slow down because he was hit literally right next to store.*' Mistoqsja '*So am I right to understand the X point that he stayed over there and he shot from there?*' wiegbet li '*That is correct.*' Ikkonfermat li l-vettura l-ohra lehqet '*XX point*'. Kienet hadet video, wara giet infurmata li din kienet vettura tal-Gvern u habib taghha taghha parir li thassru mal-ewwel u hasritu u l-espert tal-Qorti sabu.

In kontro-ezami qalet li ma kinitx prezenti meta sehhet il-kollizjoni izda tassumi li kienet diga grat. Ikkonfermat li hi u ommha kienu aktar lura mill-akkuzat. Setghet tara r-ragel l-iehor sew u li kien qieghed jistrieh fuq il-vettura. Kull ma setghet tara kienu l-ispallejn il-fuq. L-akkuzat kien aktar vicin ir-ragel l-iehor. Tghid li l-incident gara f'anqas minn minuta. Mistoqsija kemm dam jistrieh mal-vettura, qalet li ftit sekondi. Ikkonfermat li l-ispraturi li semghet ma kienux waqt li kien qieghed jistrieh mal-vettura izda meta prova jahrab u cioe' '*tried to speed off*'. Ikkonfermat li kellha l-vizjoni taz-zewg idejn tal-persuna jistrieh fuq il-vettura u ma kellu xejn f'idejh.

**Lidgia Sammut** xehdet fl-istess seduta u cioe' fid- 9 ta' Dicembru, 2014. Spjegat li dak in-nhar kienu mixjin lura wara mixja mal-klieb ma bintha. Spjegat li '*We were approaching the corner, we were walking at Edgar Bernard so we were approaching the corner and there were two cars.*' Kienu fi Triq Edgar Bernard mixjin lura lejn id-dar. Kienu mixjin lejn dawn il-vetturi. Il-vettura kienet ipparkegata vicin il-bankina u l-vetturi kienu vicin xulxin. Il-vettura hdejn il-bankina kienet ftit aktar il-fuq u l-vettura l-ohra ftit wara. Dak il-hin ma nnutat l-ebda hsara. Spjegat li '*We were walking to the corner and my daughter told me "mum there is an accident" it looks like an accident to me because the cars right so we slow down and then my daughter told me "mum one of the man have a gun", and then I look and he had the gun on his right hand and the telephone in the other one. So we froze but we were very close to the person with the gun and then the other guy who was in the crorner and close to the side walk, he took off, he went into his car and he took off.*' Spjega li '*the other person from the other car, he was outside his car.*' Li '*He was leaning on his car.*' Kienu qed jitkellmu bil-Malti. Spjegat li '*Looked like they were arguing, so it was a loud conversation.*' Kienu qeghdin jitkellmu b'vuci gholja. Spjegat li '*The person who was in the other car, not with the gun the other car, went inside and he left ... so the person who had a gun went in the middle of the street and because he was driving straight Edgar Bernard go he got the gun and shot two times.*' Ikkonfermat li ratu jispara. Qalet li '*Yes of course I was very very close to him. I saw the firing of the gun coming out. So when he shot the car, I went on my daughter because I think he got hit because the car slowed down, it slowed down a little bit so he made a turn.*' Il-fatt li l-vettura naqset il-velocita geghlitha tahseb li kien intlaqghat ix-xufier. Filfatt hekk

qaltilha lil bintha. Mistoqsija ghala l-persuna bil-pistola mexa lejn it-triq, wiegbet li '*Because he was on this side of his car so for him to shot straight to the car who was running, he had to move from where he was to the middle of the street.*'

Mistoqsija '*So that the car is in his line of fire than?*' wiegbet '*Ehe the one who took off.*' Mistoqsija '*And did you see him actually aim, the movement of his hand*' wiegbet '*Of course yes, I saw him going like this straight, bum, bum, two times.*' Mistoqsija jekk kienu wahda wara l-ohra immedjatament qalet '*The first one took off fast and the time that he took off, the other, the guy with the gun, he went and shot him and then he went to his car but it was kind of fast.*' Mistoqsija jekk tafx il-hin bejn l-ewwel u t-tieni tir wiegbet '*It was one after the other, bum, bum.*' Il-persuna bil-gun marret lejn il-vettura tieghu u mar wara l-iehor. Dwar bintha qalet li '*She was walking in front of me because her dog is always faster and I was behind her so we were still in the corner, there was another car that came to approach us, a small car.*' Iz-zewg vetturi kienu sejrin f'Edgar Bernard u tahseb li dar fuq ix-xellug.

It-tielet karozza kienet karozza zghira u kien hemm zewg persuni fiha. Spjegat li kif kienu qed jaqbzu t-triq, giet it-tielet vettura. Spjegat li '*And he asked my daughter questions and she was in front of me, he asked her "did you see what happened?' and she said "yes" and he said "that is our friend and can I see the video", something like that. He asked for the video, if she took a video because she had her phone in her hands.*' Mistoqsija '*You mentioned this person who had a gun in his hand and eventually shot, can you recognise somebody in Court as the person who carried the gun if you look around you, can you recognise?*', wiegbet '*No I cannot. I know that he was wearing a tie .. because he was behind and I didn't see his face.*'

**Ligia Adele Farrugia Sammut** xehdet ukoll fil- 25 ta' Novembru 2014 fl-atti tal-inkjesta quddiem il-Perit Tekniku Valerio Schembri fejn spjegat li '*Last Wednesday 19th. November 2014 in the evening I was with my mum Ligia Adele Sammut walking our two dogs. We do not usually take the same route so I do not recall exactly the route we took last Wednesday. What I recall is that as we were going down Edgar Bernard Street, that is in*

*the direction from the University football ground to the St. Monica School we came across what we initially thought was a traffic accident.*' Spjegat li '*This accident was in a junction with Edgar Bernard Street, where at present in one corner a building block is being constructed and there is a crane right in the corner.*' L-incident li raw gara fl-istess junction. Hija xehdet dwar sketch immarkata DOK LFS 251101. Fost affarijiet ohra, spjegat li '*I confirm that the cars where in the positions X and Y shown on the same sketch. Car Y is the car which sped off first and car X is the car with the GM 14 number plate. When we came across the incident I was in position C and my mum was in position Q..*' Spjegat li '*Position M is the place where the man who drove the getaway car was positioned and n was the place where the man who drove the GM 14 car was positioned.*' Spjegat li '*The man at position M had his hands on the roof of the car and there was nothing in his hands. I could not exactly make out what he was wearing as he was literally being the car and i could only see his head and his hands. the man at position n was wearing a shirt and i emphasize a white shirt and trousers.*' Ma tiftakarx jekk kienx liebes ingravata izda tiftakar li kellu pistola f'id il-leminija u kien fuq il-phone li kien fl-id ix-xellugija.

Spjegat li '*I recall that the man at N who later drove the GM 14 car was shouting on the mobile phone. I did not understand what he was saying. He was addressing the man at M with the words "stay there" or something in that reference.*' Spjegat li '*At one point the man at M enterred the car at Y and sped off into Edgar Bernard Street. At this point the man at N pointed his gun at the getaway car and fired two shots at the car. Being confronted by the court expert that he fired warning shots into the air, I state that this is incorrect and he fired directly aiming at the car.*' Spjegat li '*The getaway car slowed down because it had a car in its way. In fact the getaway car was blinking its head lamps and the car in front moved off. When the man who later drove the GM car shot at the car my mum said "my God. He hit the car."*' Spjegat li '*The getaway car made a left turn but this was the second left turn from the junction where we had witnessed the start of the incident.* ', '*The man at N entered into the GM 14 car and sped off following the getaway car.*' Huma ma avvicinawx il-GM 14.

Kif telqet il-karozza GM 14 giet vettura ohra li kien fiha zewg persuni, il-passigier saqsiha ratx xi haga u li x-xufier kien habib tieghu. Spjegatlu x'kien gara u li kien

hemm sparatura u cioe' '*shooting*'. Ir-ragel staqsiha jekk haditx filmat tal-incident u qaltlu li pruvat izda l-kelb beda jigbidha u li '*the camera shake made viewing impossible. The result was all a blank.*' Ma tafx l-identita tal-persuna li kellimha izda tiftakar li kellu ghajnejh blue. Ma tafx min hu d-driver. Ir-ragel bl-ghajnejn blu ried jara l-filmat u hi rriffjutat li turih il-mobile phone taghha. Bezghet li se jirritorna biex jiehu l-mobile phone u ghalhekk hbietu fil-bra taghha. Dan ir-ragel qatt ma pruva jiehu l-mobile phone b'forza u lanqas hareg mill-karozza. Ir-ragel staqsiha f'liema direzzjoni telqu l-vetturi u indikatlu d-direzzjoni. Warajha u ommha kien hemm zewg persuni, kopja kienu warajha ta' madwar 30 jew 35 il-sena.

Tghid li kienet ixokjata bl-incident u marret ghand il-kollega taghha Kurt Salamone li qalilha li peress li vettura GM hija tal-Gvern, ikun ahjar ghas-sigurta' taghha li toqghod kwieta dwar l-incident. Li kien qaltilha biex thassru u hasritu u hi qatt ma rat il-kontenut tal-filmat.

Spjegat li r-ragel b'ghajnejh blu wasal ftit minuti wara. L-istess hin meta rat karozzi b'sireni ghaddejjin minn Sliema Road li hija fit-tarf ta' Edgar Bernard Street.

**Ligia Adela Muxiladora Sammut** xehdet ukoll quddiem l-Perit Tekniku Valerio Schembri fl-atti tal-inkjesta fil- 25 ta' Novembru 2014. Spjegat li '*last Wednesday 19th. November 2014, I went together with my daughter to feed her husband's horse but I do not know the name of the place. On our return we took out our dogs for a walk, a daily routine which we never miss. We normally leave our block in Edgar Bernard Street go round on the right, we walk up about seven block and return through Edgar Bernard Street. Last Wednesday 19th. November was the same routine.*' Spjegat li '*When we arrived near the school exactly near the street corner where at present a block is being constructed and there is a crane in the corner. When we arrived at this junction we saw two cars in the opposite corner. The two cars were in a position that one was nearly blocking the other's way.*' Li '*The car with the light blue colour was the one next to the building. The one further away from the building was of a darker colour but I am not sure. The corner I am speaking about is the one opposite to the corner where there is the crane at present.*' Ikkoregiet lilha nnifisha u qalet

li ma tiftakarx ezatt liema mill-vetturi kienet ta' kulur skur u liema car. Hasbet li kien xi traffic accident '*as two men where outside the car talking to each other. I do not understand Maltese and I do not know whether or not they were arguining.*' Wiehed kien liebes qmis u ingravata u l-iehor kien liebes aktar casual. Dak bl-ingravata kien fuq il-phone u kellu pistola fl-id l-ohra. Dak li kien liebes casual ma kellu xejn f'idejh. Skont it-traskrizzjoni tax-xhieda taghha, sketch giet impingija abbazi tad-deskrizzjoni taghha u mmarkata bhala Dok LS251101. Spjegat li l-vetturi kienu pozizzjonati A u B, hi kienet madwar fil-pozizzjoni C u bintha fil-pozizzjoni D. Spjegat li '*At one stage the man in casual cloting in position E walked to his car A and sped off into Edgar Bernard Street. As the car A sped off the man with the tie at F went into the middle of the road and shot two times. The shorts were aimed straight to the car. At the time I told my daughter "I think the driver of the getaway car got hit" because the getaway car slowed down and made a turn on its left. This was the first left corner in Edgar Bernard Street after the junction where me and my daughter had stopped at the accident.*' Spjegat li '*The man with the tie after shooting at the getaway car went into his car at B and followed the getaway car.*' Spjegat li '*Me and my daughter just to our block I confirm under oath that neither me nor my daughter approached the car B when the man with the tie entered the car in question. Neither me nor my daughter went to the car at B and showed the phone to the man inside it..*' Xehdet li '*Neither me nor my daughter did at any time approach teh car at B when the man with the tie was inside and ask him to identify himself.*' Ikkonfermat li z-zewg irgiel kienu qeghdin jitkellmu b'lehen gholi. Ma semghet l-ebda statement bl-Ingliz u cioe' '*I am going to fire warning shots*'. Ma tafx x'kienu qeghdin jghidu bil-Malti ghax ma tafiex il-lingwa. Ma tiftakarx il-kliem '*Police*' u '*Pulizija*'.

**James Calleja** xehed fit- 12 ta' Dicembru 2014 spjega li '*Kif ħa noħroġ mingħand ommi, startjajt il-karozza jien, kont ħa nitlaq u ser niġbed għat-triq l-ewwel waħda fejn il-lemin li tiġi għal Golden Harvest.*' Spjega '*nara mara tibki għax laqgħtu l-karozza ta' binha u jiena bqajt nieżel xorta wahda, fhimt sa kemm inzilt nara lil Daniel, ħabib tiegħi.*' Daniel Grech. Spjega li '*rajtu naqra ppanikjat jien, għidtlu "x'gara jien?", qalli "naħseb laqtgħu l-karozza tal-Ministru ", għidlu "iva jien", għidlu "għalhekk rajt dan il-panik speċi fhimt".*' Daniel tela fil-karozza u beda jtih id-direzzjonijiet. Fost affarijiet ohra spjega li ra zewg nisa,

wahda naqra kbira u wahda b'kelb. Spjega li '*avvicinat il-karozza, rajtha ippanikjata u qaltilna "seħħet xi sparatura".*' Din kelmitu bl-Ingliz. Avvicinat lin-naha tal-passigier, mhux lilu kellmet izda lil Daniel kelmet il-mara z-zghira. Kellha mobile f'idejha u '*qisha ġejja ha tagħtina l-mobile u f'daqqa waħda ħaditu lura.*' Ma sab l-ebda habta u rega nizzel lil Daniel fejn gabru.

**Daniel Grech** xehed fit- 18 ta' Mejju 2015 li kien ghand it-tfajla li toqghod Triq Nikola Kottoner, il-Gzira u sema hoss ta' habta ta' karozza. Dan kien is-sebgha u nofs, tmienja neqsin kwart ta' filghaxija, hareg mill-gallarija u ittawal, ra l-karozza tieghu ipparkjata. Kien hemm il-karozza tieghu pparkjata u l-karozza tax-xufier tal-Ministru wara tieghu. Kif ittawwal ra xi bicciet tal-mera tal-karozza, plastik vicin il-mudguard tal-karozza. Dak il-hin haseb li l-karozza tieghu intlaqtet u '*daqs xejn iktar 'il bogħod hemm qisha roundabout li jduru l-karozzi magħha, kien hemm karozza wieqfa cara.*' Spjega li beda jghajjat biex jieqaf. Beda jghajjat fid-direzzjoni ta' dik il-karozza li ra u cioe' ic-cara. Kienet l-unika karozza ghax l-ohrajn kienu ipparkjati. Xehed li '*Bdejt ngħajjat biex speċi nigbidlu l-attenzjoni li intlaqtu l-karozzi u inzilt isfel biex jew noħodlu n-numru jew inwaqqfu, fil-pront ħareġ ix-xufier ta' l-karozza li kienet ipparkjata warajja, il-karozza ministerjali Sheehan.*' Xehed li '*Jiena għidlu li laqtuli l-karozza, hu qalli laqtulu tiegħu ukoll, sa dak il-ħin dan kollox f'minuta gara.*' Ftit sekondi tista' tghid. Xehed li gibed lejn id-direzzjoni ta' dik il-karozza li qieghda speci wieqfa. Il-vettura kienet '*jigifieri Triq Nikola Cottoner tispiċċa hawn hekk imbagħad hawn qisu ġnien ..*' kien qed jaraha minn fejn kien. Spjega li '*Ta' l-vettura cara saqet 'l isfel u kif saqet 'l isfel jiena mhux grejt warajha lil hemm, grejt .. biex speċi nilħaqa u nara n-numru.*' Spjega li '*il-karozza kienet qiegħda pparkjata quddiem il-ħanut ta' l-Golden Harvest, wieqfa mhux ipparkjata, jiena ma gbidtx kif tgħaddi l-karozza normali, ġbidt minn fejn jgħaddu l-karozzi lil hawn biex speċi nqassar biċċa u nilħaqha, il-karozza saqet.*' Il-karozza '*Gibdet qisha sejra lejn Sliema Road jigifieri ghaddiet minn dik it-triq ta' l-iskola.*' Spjega '*Imbagħad nizlet dik it-triq kollha imbagħad hemm Sliema Road fin-nofs u baqgħet sejra lejn Triq Nazju Ellul.*' Spjegali '*Jiena lhaqtu hiereg minn hemm hekk minn dik it-triq ta' l-iskola, rajt li kien hemm pjanci sofor barranin u mbagħad ezatt kif għaddiet minn dik il-bicca jigifieri ta' Sliema Road, għaddiet minn miegħi l-karozza ministerjali issuq warajha.*' Spjega li '*Imbagħad dawn iz-*

*zewg karozzi baqgħu jsuqu b'velocita' wara xulxin jigifieri b'kemm jimxu u gibdu naħseb it-tielet waħda fuq il-lemin jekk niftakar sewwa.*' Spjega li '*Dak il-ħin jien kont għadni minn għalija li l-karozza tiegħi kienet milquta ukoll u ma mortx lura niccekja x'gara, għadda ħabib tiegħi.*' Dan il-habib jismu James Calleja bil-karozza tieghu u qallu li laqtu l-karozza tieghu u jahseb tal-Ministru '*qalli trid ngħaddu minn hemm biex naraw jekk waqfux speci ... imma tlajt fil-karozza tiegħu u għaddejna minn hemm.*' Jigifieri kif daru minn Triq Nazju Ellul u mbaghad gibdu mit-tielet wahda fuq il-lemin. Spjega li '*kif dorna lil hemm gejna kwazi fejn il-pixxina u waqafna, ma rajna xejn jigifieri karozzi ma kienx hemm, kien hemm zewg nisa jduru bil-klieb u bdew mixjin jigifieri lejn il-karozza ta' sieħbi, jien kont qiegħed passiggier u jiena saqsejt lil waħda jekk kienx hawn xi zewg karozzi jigru wara xulxin u din qaltli li gibdet il-video ta' xi ħaga u resqet lejja mat-tieqa biex speci ħa turihuli, jiena għamilt mossa biex nara għax fid-dlam ma bdejt nara xejn u din naħseb ħasbet li ħa noħdilha l-mobile jew xi ħaga hekk u gibditu bis-saħħa lejha. Imbagħad smajna xi sireni u hekk.*' Spjega li '*Qaltli there was a shooting xi ħaga u I got it on video.*' Spjega li siehbu beza ghax beda jisma' s-sireni u anke hu u qallu li se jitfghu fejn kien u mar lura ghand it-tfajla. Iccekja l-karozza tieghu u ma kinitx milquta. Kien hemm bicciet tal-plastic u mera fuq il-bankina izda mhux tieghu.

**Daniel Grech** xehed ukoll fl-atti tal-inkjesta quddiem il-Perit Tekniku Valerio Schembri fl- 20 ta' Novembru 2014. Spjega li kien ghand it-tfajla tieghu gewwa Triq Nikol Cottonera, Gzira u li '*Ghall-habta tad-8.45pm smajt hoss kbir u immaginajt li kienet habta u peress li kelli l-karozza tieghi ipparkjata quddiem il-flat bzajt li dahlu fiha. Ghaldaqstant hrigt nittawwal mill-gallarija.*' Spjega li '*Kif hrigt barra rajt lix-xufier tal-Ministru Mallia li hareg minn go dar faccata u cioe l-fond fejn toqghod omm ix-xufier. Nghid li dan ix-xufier jismu Pawlu pero kunjomu ma nafux.*' Spjega li '*Jien staqsejtu jekk laqatx tieghi u kien hemm bicciet tal-karozza ma' l-art. F'ghajnejja dehret li hija mera. Nghid li kien ipparkjat u qalli "laqtuha, laqtuha". Nghid li fil-frattemp jien inzilt isfel u sibt lil Pawlu inkwetat u jien iktar minnhu.*' Spjega li '*fil-pront ilmaht vettura li kienet biswit it-traffic island li hemm fit-tarf t'isfel tat-triq u bdejt nghajjat biex jieqaf. Kienet vettura kbira b'erba bibien aktarx cilesti pero kien id-dlam, jista' jkun kienet kulur car ukoll, nghid li kellha targa safra ta' barra.*' Spjega li '*tlaqt nigri lejn il-vettura biex forsi jieqaf jew niehu in-numru.*

*Nghid li l-vettura daret il-kantuniera waqfet ghal-ftit hin fil-kantuniera ma' Sliema road.*' Spjega li '*Fil-frattemp gie Pawlu bil-Mercedes tal-ministru u saq fid-direzzjoni tal-vettura li kienet suspettata li kkawzat l-incident. Kif lemahni dan ix-xufier fil-vettura ssuspettata saq b'kemm kellu sahha faccata lejn Nazju Ellul bil-qasam Sliema Road, li qabel kien fil-kantuniera taghha.*' Pawlu bil-Mercedes baqa sejjer dritt warajh. Fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fl-atti tal-inkjesta quddiem l-istess Perit Tekniku Daniel Grech ikkonferma li x'hin nizel minn fejn il-vettura tal-Ministru kien hemm Pawlu u ommu. Pawlu kien fejn il-karozza u ommu fil-bieb tad-dar taghhom.

**Claudia Castro** xehdet fis-seduta tad- 9 ta' Dicembru 2014 mistoqsija dwar id-dsatax (19) ta' Novembru qalet li '*kienu xi 8, 45 u dak il-hin kont qieghda fil-kcina nipprepara l-ikel ghax it-tifel ikun gej mit-training u l-kcina tiegħi tagħti fuq it-triq fejn seħħ.*' It-triq jisimha Wied il-Kappara. Spjegat li '*smajna xi għajjat, xi ħadd mhux għajjat ezagerat imma xi ħadd jargumenta u dak il-ħin ħrigt nigri għax għid peress li t-tifel jasal dak il-ħin mit-training għid "marelli ma garalux xi ħaga t-tifel hux hemm barra" u rajt zewgt irgiel f'nofs tat-triq jargumentaw. Għal ewwel ma stajtx nifhem għax it-tifla bdiet tikbi għaliex bdiet tibza' u bdejt nipprova nikkalma lilha u li smajt jiena huwa li rajt zewg karozzi on the left, sorry, on the right kien hemm black car u on the left fuq l-istop sign kien hemm karozza bin-number plate ta' barra.*' Mistoqsija kemm il-lehen semghet wiegbet '*Tnejn, zewg irgiel. Ma għarafthomx min huma għax fid-dlam, dak li smajt u li fhimt li wieħed minnhom qallu lil ieħor, qallu "għal fejn għandek dik l-arma f'idejk, tista' tnaħħiha?', qabez l-ieħor "qallu għax inti ppruvajt tħebb għalija". Imbagħad imxew u qabzu l-karozzi, gew qabel il-karozza, ok, issa kif gew quddiem il-karozzi dak li qallu li inti ħebbejt għalija rajtu li beda jcempel ma stajtx nifhem ezatt għax imbagħad kien naqra 'l bogħod pero' jien smajtu jgħid "ejjew ħdejn il-pixxina"*. Dan kollu kien bil-Malti. Meta harget fit-tieqa, il-persuni kienu diga fit-triq. Spjegat kif dak li qal '*inti hebbejt ghalija*' beda jcempel u hi assumiet li qed icempel lil Pulizija ghax qalilhom '*ejjew hdejn il-pixxina*'. L-iehor dahal jigri fil-karozza u telaq bil-karozza. Nizel fuq il-lemin u imbaghad instemghu zewg tiri u dahal jigri fil-karozza ukoll dak li spara u telaq warajh. Dak il-hin ma gharfitux. Spjegat kif tal-karozza barranija qisu ta' salt u dahal fil-karozza u telaq

jigri, l-iehor saru z-zewg tiri, dahal jigri fil-karozza u '*ffolowjah.*' Mistoqsija jekk tiftakarx fejn kien meta spara, wiegbet '*Quddiem il-karozza s-sewda naħseb jekk qiegħda niftakar sew quddiem il-karozza s-sewda għax jiena once li l-karozza dahret jiena ma stajtx naraha iktar, x'inhu jigri jigifieri l-ieħor ma nafx fejn kien wasal meta saru t-tiri.*' Ma tiftakarx x'kienu l-pjanci tal-karozzi. Iz-zewg persuni ma kienux go xulxin. Il-persuna li l-ewwel telqet minn fuq il-post '*Ma jidhirlix li rajtilha dak il-ħin f'idejha xi ħaga.*'

In kontro-ezami ikkonfermat li rat lil persuna bit-telefon f'idu u gun. Ma tantx kien hemm hin fl-argument. Ma rathomx go xulxin. Kienu vicin imma mhux vicin go xulxin. Kienet fuqhom sakemm kienu qeghdin jitkellmu, kif marru imbaghad Edgar Bernard kienu 'l boghod minnha. Ikkonfermat li l-kliem '*għal fejn inzilt għalija bl-arma*' intqalet bil-Malti, ikkonfermat li intqal '*ghax int hebbejt ghalija*' u '*ejjew ħdejn il-pixxina*'. Ikkonfermat li kien f'dak il-mument li l-iehor dahal fil-karozza, saq u telaq, jigifieri ha salt qisu u dahal fil-karozza. Ma tafx jekk kienx ezatt kif qal '*hdejn il-pixxina*' pero waqt li l-karozza s-sewda beda jitkellem fuq it-telefon, l-iehor ta' salt, dahal fil-karozza u telaq.

Ikkonfermat li semghet zewg tiri u spara min kellu l-gun f'idejh, ma setghetx taghrfu. Meta spara, l-iehor kien diga telaq bil-karozza. It-tiri gew wara li kien diga saq. Filfatt ma ratx fejn kienet waslet il-karozza ghax kien dahar il-kantuniera. Li setghet tara li spara dritt f'nofs it-triq lejn Edgar Bernard l-isfel. Hu kien fin-nofs u spara fin-nofs. Meta nstemghu t-tiri l-karozza kienet diga ma ratiex ghax dahret. Minn fejn kienet hi, l-karozza ma dehritx iktar. Kienet fil-gallarija taghha fi Triq Wied il-Kappara. Bicca zghira tara minn triq Edgar Bernard u cioe' fejn kien hemm il-karozzi pparkjati originarjament. Triq Wied il-Kappara tigi quddiem Triq Edgar Bernard u cioe' tigi fis-side.

**Claudia Nicasto** xehdet ukoll fl-atti tal-inkjesta fl- 20 ta' Novembru 2014 quddiem il-Perit Tekniku Valerio Schembri. Spjegat li '*lbierah 19 ta' Novembru 2014 ghall habta tad-8:45pm jiena kont f'din il-kcina u kien hawn it-tifla mieghi. Nghid li f'hin bla waqt*

*smajna glieda ghaddejja fit-triq.'* Spjegat li '*Nghid li hrigt fil-gallarija jew ahjar tieqa kbira li hawn fil-kcina taghti ghal fuq it-triq u minn wara il-hgieg stajt nara zewg vetturi fuq l-istop sign u fit-tarf tat-triq wahda dik bit- targa barranija kienet fuq l-istop sign ezatt u l-ohra bit-targa GM kienet biswit taghha fuq in-naha tax-xufier tal-karozza bit-targa barranija.'* Spjegat li '*faccata tat-tieqa tieghi u cioe quddiem il-fond ossia proprjetarjiet bl-isem George Garage, Sunrise, Man Frans llum hemm zewg irgiel jillatikaw. Ghall-bidu ma stajtx nifhem x'inhuma jghidu u ghalhekk ftaht it-tieqa fuq in-net.'* Spjegat li '*Meta ghamilt hekk smajt lil dak li finalment sirt naf li huwa x-xufier tal-vettura bit-targa barranija beda jghid bil-lingwa Maltija lix-xufier l-iehor li m'hemmx ghalfejn izomm l-arma f'idejh. Nghid li x-xufier tal-vettura bil-GM qallu "Qed inzomm l-arma ghax int kont se thebb ghalija". Nghid li x-xufier tal-vettura GM rajtlu arma tan-nar f'idejh.'* Spjegat li '*Bdew mexjin lejn il-karozzi taghhom u baqghu jillatikaw pero ma fhimtx x'inhuma jghidu. Finalment spiccaw it-tnejn quddiem il-vetturi. Nghid li x-xufier tal-vetura bil-GM beda jcempel u smajtu jghid "Pulizija ejjew" u beda jispjega l-lokazzjoni tighu.'* Spjegat li '*Kif kien qed jigri hekk ix-xufier tal-vettura bit-targa barranija, dahal jigfieri fil-vettura tieghu u saq bis-sahha l'hemm u cioe fid-direzzjoni tal-lemin lejn id-direzzjoni ta' l-iskola tal-Gzira, l-iskola Santa Monika*'. Spjegat li '*Meta ra dan ix-xufier tal-vettura bit-targa GM minn nofs it-triq ghamel zewg passi l-quddiem peress li kien resaq lura biex ghaddiet bis-sahha l-vettura bit-targa barranija u spara zewg tiri fid-direzzjoni tal-vettura li harbet minn fuq il-post. Nghid li tiri smajt tnejn.'* Xehdet li sussegwentement dak li spara dahal fil-vettura GM u saq fl-istess direzzjoni li marret il-vettura bit-targa barranija.

**Gaetano Incorvaja** xehed fl-atti tal-inkjesta quddiem il-Perit Tekniku Valerio Schembri fil- 25 ta' Novembru 2014. Spjega li joqghod triq Wied il-Kappara u ikkonferma li fid-19 ta' Novembru, 2014 gara incident fit-triq taghhom. Kien wara t-8:30pm u dak il-hin kien fuq il-bejt. Fuq il-bejt ghandu kamra li fiha jaghmel xi xoghol, fil-prezent qed jaghmel tieqa ghal kunjata. Sema zewg faqqaturi bhal tal-musketterija tal-festa ghalkemm ma tax kas. Meta hares l-isfel lejn it-triq u fit-tarf kien hemm vettura ta' lewn skur li saqet l-hemm u cioe' daret il-kantuniera. Rita Incorvaja xehdet fl-istess jum quddiem l-Perit tekniku Valerio Schembri fejn spjegat li fid-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) ghal habta tad-8:45pm

kienet fil-kcina ma binha Lydon u zewga mar jonxor il-hwejjeg fuq il-bejt. Semghet zewg faqqaturi u harget tara x'gara. Rat karozza skura fl-isplay tal-kantuniera. Rat ukoll zewg nisa bil-kelb jaqsmu minn taht il-hajt fejn hemm l-arkati ossia minn fejn il-karozzi li jkun hemm ipparkjati hemm u avvicinaw it-tieqa tan-naha tal-passiggieri tal-vettura skura li kienet wieqfa fl-isplay. Xehdet li wahda minn dawn in-nisa wriet il-mobile taghha lil min kien hemm fil-karozza u bil-lingwa Ingliza qaltlu li dan kien in-numru. Bl-istess lingwa talbet lil min kien fil-vettura biex jidentifika ruhu u semghet lehen ta' ragel jghid '*police*'. Il-vettura daret il-kantuniera lejn Triq Edgar Bernard u z-zewg nisa baqghu sejrin fl-istess direzzjoni bil-mixja taghhom.

**Esther Vella** xehdet quddiem l-Perit Tekniku Valerio Schembri fl-atti tal-inkjesta fejn spjegat li toqghod fi Triq Wied il-Kappara, Gzira u li nhar id- 19 ta' Novembru 2014 ghal habta tad-9:45pm kienet fil-kamra tas-sodda li taghti ghal fuq it-triq u semghet bhal zewg '*tfaqqieghat*.' Harget tittawwal minn wara l-hgieg tal-bieb tal-gallarija pero fil-gallerija ma hargitx. Rat vettura ta' lewn skur fil-kantuniera u cioe' fl-isplay li hemm ma Triq Edgar bernar, liema vettura kienet wieqfa. Rat ukoll persuna li minn nofs Triq Edgar Bernard dahlet fl-istess vettura. Ma tiftakarx kellux xi haga f'idu. Taf li hargu xi nies jghajtu '*sparaw, sparaw*'.

**Jane Sheehan**[4] xehdet fl- 14 ta' Mejju 2018 omm l-appellant spjegat li dak in-nhar tal-incident kienet id-dar gewwa Triq il-Kottoner, Gzira. Kellha t-tifla tal-Ministru Mallia, Paul hareg jigri u ra l-karozza imkissra. Hi harget tara x'gara ghalkemm mhux certa jekk hargitx izda rat lil Paul jghajjat '*X'għamluli! X'għamluli!*'

Din il-Qorti sejra issa taghmel referenza ghal partijiet mit-traskrizzjoni ta' recordings ta' telefonati misjuba fir-rapport ta' Dr Martin Bajada li huwa mmarkat bhala MB1. Fir-recording datat *19.11.2014* bil-hin '*20.46*' l-appellant cempel lill-emergenza u talab ghall-RIU. Spjega li '*Faqghuli l-karozza tal-ministru u baqa sejjer. Gie biex jattakani u hrigt l-arma ghalih ha tkun taf.*' Meta gie mitlub imur l-Ghassa wiegeb li '*Ma nistax.*

---
[4] Fil-verbal tas-seduta imnizzla bhala Giovanna Sheehan.

*Qed inkellmek jiena. Ghandi l-ministru mieghi.*' Fl-istess telefonata intqal: '*Ha jusqli. Harabli.*', '*Sparajt fuqu. Harabli.*'., '*Harabli. Sparajt fuqu.*' F'din it-telefonata jinstemghu t-tiri. Mistoqsi fuq minn spara wiegeb '*Ehe Pulizija jien. Ghax stajt - ma bghatthomlix. Prosit.*' Spjega '*Qed nigri warajh direzzjoni lejn Regional Road. Ibghatli ghax ha nibqa ntih it-tiri sakemm tigu.*'

Fit-telefonata datata '*19.11.2014*' bil-hin '*20.49*' l-appellant cempel lil emergenza u cioe' l-control room u qal '*Emergenza. Ix-xufier tal-Ministru Mallia. Ibghatli tal-mobile, sparajt fuq wiehed, all right?*' F'din it-telefonata qal '*Ergajt waqqaftu.*', '*Zommuli naqra biss.*', '*Ghenuni biss. Ghax ga harabli darbtejn.*' Jinstema ukoll jghid '*Taghmilx kummidji, ara ma tikkummidjax.*'

Fit-telefonata datata '*19.11.2014*' u l-hin '*21.01*' jinstema l-appellant jghid '*Ara ma tqumx! Ara ma tqumx ghax fuqek nahlih!*' Meta jwiegbu tal-RIU, l-appellant jghid '*Aw, taht il-mini. Sparajt fuqu jien diga.*'

Fit-telefonata datata '*19.11.2014*' u l-hin '*21.02*' l-appellant jinstema jghid '*... jien ghax qed inhoss hruq tad-duluri. Hares, dana faqali l-karozza tal-Ministru, kelli t-tifla, sparajt zewg tiri fuqu ghax harabli. Le, imma biex tkunu tafu. Fejn il-din tal-Gzira. Fejn il-dina. Tisgarhallieli naqra ghax fiha l-bullets ghax bhalissa hekk sejjer.*'

Spjega:

'*PC Sheehan: Aghtini cans. Dan faqali l-karozza tal-Ministru.*
*PC Sheehan: Iva.*
*Control Room: All right, ehe.*
*PC Sheehan: Harabli.*
*Control Room: Ehe.*
*PC Sheehan: U sparajt zewg tiri.*
*Control Room: Inti.*
*PC Sheehan: Ehe, ghax harabli.*

*Control Room: Fuq il-karozza tal-Ministru jigifieri spara dan?*

*PC Sheehan: Le, jien sparajt fuqu.*

*Control Room: Le, hu habatlek fil-karozza tal-Ministru.*

*PC Sheehan: Ehe.*

*Control Room: Baqa' diehel go fiha.*

*PC Sheehan: Ehe.*

*Control Room: Apposta jigifieri dan?*

*PC Sheehan: Baqa' sejjer, harabli. Nahseb fis-sakra mejjet jien.*

*Control Room: U mbaghad kemm qbadtu inti.*

*PC Sheehan: Grejt warajh bil-karozza tal-Ministru.*'

Fit-telefonata datata '*19.11.2014*' u bil-hin '*21.06*' fost affarijiet ohra intqal:

'*PC Sheehan: Qed jirrezistihom issa.*

*RIU. Qed jirrezistihom?*

*PC Sheehan: Qed nghidlek, sparajt fuqu dan.*'

F'din it-telefonata, l-appellant jinstema jghid:

'*PC Sheehan: M'inhiex all right, le. Irringrazzja lil Alla ma tghajthomx fuqek it-tiri ghax fuqek kont nahlih. Purcinell kollok int. Irringrazzja lil Alla li ma sparajtx fuqek.*

*RIU: All right. Sheehan gejjin.*

*PC Sheehan: Taf x'ghamilt. Taf x'ghamilt.*

*RIU: Ghaddini ma shabi Sheehen, ghaddi l-mobile lil shabi.*

*PC Sheehan: . . . karozza . . .*

*RIU: Iva, aghti l-mobile- hello?*

*PC Sheehan: Hello.*

*RIU: Aghti l-mobile lil xi had minn taghna.*

*PC Sheehan: Qed izommuh ghax dan qed jikkummiedja. Fis-sakra mejjet. Zomm il-linja. Ha taghkom stess.*'

Fit-telefonata datata '*19.11.2014*' bil-hin '*21.15*' intqal:

*'Kummissarju: X'inqala' siehbi?*

*PC Sheehan: Mela, jiena kelli l-karozza pparkjata.*

*Kummissarju: Ehe.*

*PC Sheehan: Dan fis-sakra faqali l-karozza tal-Ministru.*

*Kummissarju: Ehe. Ehe? Hello?*

*PC Sheehan: Aw sir.*

*Kummissarju: Ghidli.*

*PC Sheehan: Mela, grejt warajh.*

*Kummissarju: It-tifla kienet mieghek?*

*PC Sheehan: Le, le, le, t-tifla d-dar ghand ommi qieghda.*

*Kummissarju: It-tifla ghand ommok qieghda.*

*PC Sheehan: Iva, kellimtu lil Ministru diga.*

*Kummissarju: All right, ok, all right.*

*PC Sheehan: Qed tifhem sir? Imbaghad nizel bi flixkun ghalija.*

*Kummissarju: Ehe.*

*PC Sheehan: Hrigt l-arma u tghajt zewg tiri, mhux fuqu ta.*

*Kummissarju: U iva, all right, ok. Arrestajtuh? Min huwa Sheehan dan? Min hu?*

*PC Sheehan: Ma nafx, ma nafx. Pjanci ta' barra. Imma Malti.'*

Fit-telefonata datata '*19.11.2014*' bil-hin '*21.45*' intqal fost diskors iehor:

*'Kummissarju: Il-Kummissarju. Isma tista' tghidli eżatti fejn - inti kont ipparkjat il-Gżira?*

*PC Sheehan: Iva ehe.*

*Kummissarju: Kont ipparkjajt- fejn il-Gżira? Fejn id-dar?*

*PC Sheehan: Ehe fejn il-Golden Harvest.*

*Kummissarju: Mela dan kien ipparkjat, għax għandi lil Kurt bejnietna Farrugia. Mela dan kien ipparkjat il-Gżira. Sewwa inti kont fil-karozza?*

*PC Sheehan: Le kont id-dar għand ommi bit-tifla.*

*Kummissarju: Kont id-dar u kif indunajt, ħriġt?*

*PC Sheehan: Nisma' ħoss kbir.*

*Kummissarju. Issa dan Kurt dan kellu l-karozza pparkjata għand ommu - x-xufier tal-ministru sema' ħoss kbira ħareġ barra u sab li l-karozza ovvjament li faqgħatlu l-karozza tal-ministru. Issa dan telaq jiġri Sheehan?*

*PC Sheehan: Mela.*

*Kummissarju: Bil-karozza?*

*PC Sheehan: Ehe.*

*Kummissarju: Telaq bil-karozza jiġri issa x'ġara għax għadni qed nippassja.*

*PC Sheehan: Tlaqt niġri warajh.*

*Kummissarju: Tlaqt tiġri warajh bil-karozza tal-Ministru?*

*PC Sheehan: Iva mela.*

*Kummissarju: Telaq jiġri warajh bl-istess karozza tal-Ministru. Sewwa. X'izjed?*

*PC Sheehan: Wasalna fejn il-pixxina biex niftiehmu.*

*Kummissarju: Waslu ħdejn il-pixxina. X'iżjed?*

*PC Sheehan: Kif rani warajh ghafasni mal-ħajt.*

*Kummissarju: Kif? X' għamel?*

*PC Sheehan: Kif rani ma wa-*

*Kummissarju: Eh ija ghidli Sheehan. Hello! Sheehan!*

*PC Sheehan: Aw Sir.*

*Kummissarju: Sheehan ghidli kif wasaltu l-pixxina x'gara?*

*PC Sheehan: Ghafasni mal-hajt.*

*Kummissarju: Kif waslu ħdejn il-pixxina ghafsu mal-ħajt. Iva.*

*PC Sheehan: U nzilt ghalih jien xejn aktar.*

*Kummissarju: L-individwu ghafas lil Sheehan, lix-xufier tal-Ministru mal-ħajt biex niftiehmu bil-karozza biex niftiehmu.*

*PC Sheehan: Ehe ezatt*

*Kummissarju: Issa hawn hekk ix-xufier tal-ministru, intom waqaftu hawnhekk?*

*PC Sheehan: Ehe nzilt għalih.*

*Kummissarju: Issa hawn hekk waqfu ok Kurt? Waqfu hemm ix-xufier tal-Ministru niżel ovvjament biex jara x'inhu jigri, x'gara aktar?*

*PC Sheehan: Niżel warajja bil-flixkun jigri għal fuqi.*

*Kummissarju: Niżel għalih bil-flixkun. Xi flixkun hu tax- ?*

*PC Sheehan: Tal-Heineken, tal-Heineken.*

*Kummissarju: Flixkun tal-heineken għalih, x'iżjed?*

*PC Sheehan: Daħal jiġri ġol-karozza, qbadt l-arma . . .*

*Kummissarju: Daħal jiġri ġol-karozza u telaq.*

*PC Sheehan: Le ehe eżatt.*

*Kummissarju. Issa ġejjin għalihom minuta, issa wara li telaq inti x'għamilt mort tiġri warajh?*

*PC Sheehan: Le le hemmhekk Sir tajtu ġiex tiri jien.*

*Kummissarju: Kif rikeb ġol-karozza?*

*PC Sheehan: Mela.*

*Kummissarju: Kif rikeb ġol-karozza dan tah - kemm il-tir tajtu?*

*PC Sheehan: Tnejn.*

*Kummissarju: Tnejn jew tlieta?*

*PC Sheehan: Tnejn għandi jkun.*

*Kummissarju: Għandu jkun żewġ tiri li jiftakar tah, żewġ warning shots. Imbagħad x'gara?*

*PC Sheehan: Xejn u u hawn u baqa' isuq u waqqaftu taħt il-mina ta' Santa Venera.*

*Kummissarju: Imbagħad reġgħu telqu jiġru wara xulxin u waqfu taħt il-mina fejn ir-roundabout tal-iskateboard ngħidilha jiena, le fejn ta' l-Universita' ir-roundabout tal-Universita'.*

Fit-telefonata datata '*19.11.2014*' u bil-hin ta' '*22.36*' intqal ukoll:

*'Kummissarju: Isma, biex inkunu certi, qabel ma noħorġu l-istqarrija, inti cert minn dak li ghidtilna huwa minnu hux ghax forsi kont mahsud fil-bidu?*

*PC Sheehan: Le, mela.*

*Kummissarju: Voldieri inti kont gewwa, smajt il-hoss.*

*PC Sheehan: Ehe, ezatt.*

*Kummissarju: Hrigt barra. Karozza jew whatever u tlaqt tigri warajh.*

*PC Sheehan: Ehe, ehe.*

*Kummissarju: Hu rassek, waqaft, nizel ghalik bi flixkun tal-Heineken.*

*PC Sheehan: Iva.*

*Kummissarju: U rega' telaq u inti tghajtu zewg tiri. U mbaghad iltqajtu ma' l-RIU u waqqaftuh fejn il-mina tal-dik. Naqblu?*

*PC Sheehan: Jiena waqqaftu mhux l-RIU.*

*Kummissarju: Inti waqqaftu, all right. Imbaghad gew ta' l-RIU wara.*

*PC Sheehan: Ezatt.*

*Kummissarju: Ok. U kif waqqaftu inti allura fejn ir-roundabout?*

*PC Sheehan: Taht il-mini waqqaftu.*

*Kummissarju: Taht il-mini waqqaftu.*

*PC Sheehan: Ghafastu biex niftiehmu.*

*Kummissarju: Ghafastu. All right. Ok.*

*PC Sheehan: Gejt mieghu u peress li kien jaf . . . .*

*Kummissarju: Biex inkunu certi, all right.*

*PC Sheehan: Peress li kien jaf li kelli dika waqaf imbaghad. U nizziltu ma l-art mill-ewwel.*

*Kummissarju: It-tiri fejn il-pixxina tghajthom?*

*PC Sheehan: Iva.'*

**PC 1223 Eman Grima** xehed fid- 9 ta' Dicembru 2014. Dwar id-dsatax (19) ta' Novembru spjega li kien xoghol ta' bil-lejl bejn it-8 ta' filghaxija u l-5 ta' filghodu il-control room. Spjega li '*għal ħabta tad-9, ftit qabel id-9 ircevejt telefonata fuq il-112, il-linja ta' l-Emergenza fejn kellimni persuna b'vuci maskili li dak il-ħin talabni li jiena nibgħatlu l-RIU fejn il-pixxina. Spjegatlu biex jgħidli ezatt fejn il-pixxina, għidtlu "fejn il-parking?", qalli "iva" u għidtlu "xi gralek eżatt?" u staqsejtu għaliex għandu bzonn lil ta' l-RIU, qalli "għaliex faqawli l-karozza tal-Ministru u qalli jiena x-xufier tal-Ministru"*. Spjega "*Imbagħad urejtu x'inhija d-diffikulta' tiegħu biex huwa jgħidli ezatt x'gara minħabba li qalli għal RIU u jiena għidlu "li f'dan il-kaz ahna ma nibgħatux lil ta' l-RIU fuq il-post, għidlu "x'inhija l-vettura li daħlet fuqek?", qalli "l-vettura ħa tibqa' sejra, qalli għandha pjanċi ta' barra", għidlu "imma x'inhija l-vettura", qalli "l-vettura hija Opel bi pjanċi ta' barra FE 10", imbagħad għidlu "mela ħa nibgħat lil ta' l-għassa għidlu għax fuq hit and run għidlu jew nibgħatu lil ta' l-għassa jew inti tmur tagħmel rapport l-għassa", qalli "ma nistax insuq għax faqawli l-karozza tal-Ministru u qalli ghandi l-Ministru miegħi hawn hekk", għidlu "mela spjegali fejn qiegħda l-karozza", qalli "ħa jaħrab, ħa jaħrab" u dak il-ħin fuq il-linja smajt it-tiri, dak il-ħin kienu jew tnejn jew tlieta ma kontx ċert dak il-ħin u għidlu x'gara, qalli "sparajtlu, qalli inti ma bagħathomliex u qalli u jien sparajt", għidlu "ma bagħathomlokx għidlu jiena qed nitolbok iżjed informazzjoni biex tgħidli x'inhu jiġri eżatt",*

*qalli "ħarabli, ħarabli, qalli qed insuq warajh", għidtlu 'il fejn sejjer?", għidtlu "spjegali eżatt id-direzzjoni ħalli nibgħat l-assistenza", qalli "sejrin lejn Regional Road", għidlu "Regional Road fejn?", qalli "fid-direzzjoni lejn il-mina ta' Santa Venera", għidlu "ħa nibgħathom" u dak il-ħin qomt, mort fil-kamra biswit tagħna fejn aħna nitkellmu ma' l-iskwadra ta' l-RIU u hemm hekk bagħatlu l-RIU fejn intercettawhom taħt il-mina ta' l-Universita'.'*

Spjega li qallu ""*sparajtlu, qalli "inti ma bagħathomliex u qalli ħa nibqa' nispara fuqu".* Mistoqsi "*Inti spjegajt li rċevejt telefonata fuq il-112, il-linja ta' l-emergenza fi kliemek stess u kelmek vuċi maskili, identifika ruħu min hu? Qallek min hu?*'" wiegeb '*Le, x'ħin imbagħad huwa qalli "sparajt", għidtlu "sparajt?", qalli "iva għax jien Pulizija", hemm hekk kont naf li Pulizija jien.*' Qatt ma identifika ruhu. Kien qallu li huwa d-driver tal-Ministru. Sar jaf li hu Pulizija x'hin qallu hu stess.

**PC 1223 Eman Grima** xehed ukoll fis-seduta mizmuma mill-Perit Tekniku Valerio Schembri bejn id-19 u l-20 ta' Novembru 2014. Xehed li '*Il-bierah 19 ta' Novembru 2014 dhalt xoghol fit-8.00pm u ghall-habta tad-9:00pm ircevejt telefonata fuq il-112. Dak li kellimni qalli "Jiena x-xufier tal-Ministru". Qalli biex nibghatlu l-RIU ghax kien ipparkjat fejn il-pixxina u dahlu fuq u dak li dahal fuqu ha jibqa sejjer.*' Spjega li '*Nghid li jien tlabtu jghidli x'ghandu ghaliex ta' l-RIU ma nibgħatuhomx fuq habtiet u fic-cirkostanzi kien kas li jigi trattat mill-Pulizija tad-distrett jew isir rapport l-Ghassa ta' hit and run. Nghid li nsista li nibghat lil ta' l-RIU u qalli "ghax ghandi lill-Ministru hdejja u ma' nistax immur l-ghassa ghax ma nistax insuq u dan ha jitlaq"*' Spjega li '*dak il-hin b'widnejja minn fuq it-telefown smajt pum, pum, pum u cioe tlett tiri jew tnejn. Nghid li jien staqsejtu x'gara u irrispondieni, "inti ma battlix ta' l-RIU u jien sparajt".*
*Ghidtlu "Sparajt?"*
*Qalli "Iva ghax jien pulizija." Tlabtu jtini l-informazzjoni fuq il-vettura ghax l-allegat aggressur harab kien inutli nibghatulu fejn kien dak li cempilli.*
*Mbaghad qalli "jien qed insuq warajh". Qalli "l-karozza hija Opel Vauxhall silver bil-pjanci ta' barra FE10". Tlabtu jghidli d-direzzjoni u qalli Regional Road, direzzjoni lejn il-mina ta' Santa Venera. ...*'

**Raymond Zammit** fix-xhieda tieghu tal- 1 ta' Lulju 2015 li dak iz-zmien tal-incident kien Agent Kummissarju fost fatti ohra xehed li kellem lill-imputat '*qalli rega*' *x'gara l-istorja kollha li kien qiegħed ġewwa, sema' l-ħoss, ħareġ barra mar jiġri warajh tah żewġ tiri laħqu ħdejn il-pixxina nazzjonali, waqfu ħdejn il-mina ta' Santa Venera, f'xi ħin wara erġajt qbadtu u għidlu ikkalmajt ftit għax peress li l-ewwel kont imfixkel, għidli eżatti dak kollu li gara ħalli naraw fejn qiegħdin u rega' irrepeta dak kollu...*' Spjega li '*qalli mort nigri warajh ovvjament meta waqfu wieħed ħareġ bil-flixkun ta' l-birra, ta' l-Heineken żgur kien u qalli tajtu żewġ tiri u infatti qallu tkomplix tigri qallu għax inkompli infaqqalek it-tiri, dik xi ħaġa hekk kienet żgur.*' Raymond Zammit in kontro-ezami fil- 15 ta' Jannar 2020 spjega li '*Li niftakar huwa ovjament huwa nfurmani bl- incident, jiena ghiditlhom biex naghmel kuntatt mieghu mas-sur Sheehan, fil-fatt ghamilt kuntatt mieghu bit- telephone dejjem u fil-fatt gharrafni . . . (ma jinftehimx) wara r-residenza tal-genituri tieghu xi hadd kien laqatlu l-vettura tal-Ministru Mallia dak iz-zmien. Ovjament dan ix-xi hadd li kien jismu Mr. Smith harab minn fuq il-post jew baqa' sejjer ovjament u s-sur Sheehan iprova b'xi mod jintercettah. Imbaghad qalli li kien gera warajh, kien hemm okkazjonijiet biex nghid hekk fejn tilfu mbaghad rega' qabdu fit-triq sakemm waslu fejn waslu u nfurmani wkoll li biex jieqaf wara li kien hemm incident zghir fis-sens illi niftakar sewwa waddablu xi bott tal-luminata jew xi haga, pero' mbaghad dak rega telaq l-istess minn fuq il-post u s-sur Sheehan infurmani li kien sparalu xi tiri biex jieqaf.*'

L-Ewwel Qorti qieset li ma taqbilx li ghandha tiehu konjizzjoni tal-kontenut shih tal-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat, allura suspettat. Ghalhekk qieset l-istqarrijiet sa fejn id-dikjarazzjonijiet maghmula mill-imputat waqt l-interrogazzjoni kienu intizi specifikament ghall-gustifikazzjoni u difiza tal-ghemil tieghu. Jirrizulta izda li fir-rikors tal-appell l-appellant ghamilha cara li l-Qorti ghandha taqra l-istqarrijiet tal-appellant. In oltre' jirrizulta li fis-seduta tal- 11 ta' Frar 2020 id-difiza iddikjarat li '*m'ghandha l-ebda riserva dwar l-ammissibbilita' tal-istqarrija tal-imputat f'din il-kawza u jaqbel li ghandha tinghata valur probatorju.*' Fit-trattazzjoni orali tal-appell quddiem din il-Qorti l-Avukat difensur ukoll ghamel referenza ghal fatt li talbu li l-istqarrija tibqa' hemm. Ghalhekk din il-Qorti qrat dawn l-istqarrijiet rilaxxati mill-appellant, u tqis li nonostante l-fatt li l-ligi fiz-zmien li gew rilaxxati l-istqarrijiet ma kinitx taghti d-dritt lis-suspettat li jkollu Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija, gialadarba kienet

id-difiza stess li ddikjarat li ma ghandha l-ebda riserva dwar l-ammissibilita' tal-istqarrija tal-imputat u li taqbel li ghandha tinghata valur probatorju, din il-Qorti qieghda ghalhekk tirrevoka fejn il-Qorti fis-sentenza appellata iddeciediet li ma tiehux konjizzjoni tal-kontenut shih tal-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat u qieghda minflokk tqishom bhala ammissibli fl-intier taghhom u sejra ghalhekk tghaddi biex taghmel referenza ghal partijiet minnhom.

Fl-istqarrija datata l- 20 ta' Novembru 2014 li tinsab a fol 52 et sequitur, l-appellant fost affarijiet ohra spjega li '*Jiena kont id-dar ghand ommi u cioe' numru 13, Triq Nikola Cottoner, Gzira u ghall-habta tad-20:45 hrs, jiena kont gewwa d-dar u smajt hoss kbir u hrigt nigri biex nara x'gara. Persuna li toqghod quddiemi certu Daniel Grech li kien qieghed fi KLAMS Appartments qalli "lilek jew lili laqat?" ghax nispjega li l-karozza tal-ministru u l-karozza tieghu kienu pparkjati wara xulxin ezatt. Dan Daniel rega' qalli "hemmhekk qieghed, hemmhekk qieghed" fil-waqt li pponta b' subghajh u indika karozza ohra li kienet hdejn il-Golden Harvest u cioe' fi Misrah Turu Colombo. Jiena dhalt gewwa nigri ghac-cavetta tal-karozza u soqt ghal warajh. Dan Daniel telaq bil-giri biex jipprova jwaqqfu fil-kantuniera izda ma rnexxilux iwaqqfu. Kien wasal vicin tieghu hafna izda ma rnexxilux iwaqqfu. Tal-karozza l-ohra baqa' jsuq lejn Triq Nazju Ellul, Daniel hareg sal kantiuniera ta' Barra u waqqaf il-karozzi li kienu gejjin minn Sliema Road peress li jiena kont qed insegwi lill iehor. L-iehor dar fuq in-naha tal-lemin tat-tieni jew it-tielet kantuniera u ma nafx jekk kienitx one way. Ma nafx x'jisimha din it-triq izda hija dejqa hafna u l-karozzi jipparkjaw fiha fuq iz-zewg nahat. Jiena pruvajt naqbzu u kif wasalna fil-kantuniera biex nohorgu fi triq Edgar Bernard, it-triq titwessa ftit jew ma jkunx hemm karozzi fil-kantuniera. Nispjega li rnexxili nwaqqfu jew fejn kien hemm mutur ipparkjat fil-kantuniera jew fejn kien hem mil-crane. Jiena nzilt mill-karozza u ghidtlu "Pulizija, Pulizija" u hu hareg mill-karozza tieghu u ghidtlu li kien laqatni u hu wegibni "x' gara b' daqshekk" fil-waqt li gibida bil-Madonna. Innotajt lid an ir-ragel kellu flixkun f' idejh u jiena hrigt l-arma li kienet ma' qaddi u ppontajta lejh ghalkemm din ma kienitx ikkokjata. Jiena qbadt il-mobile u cempilt 112 u tlabt ghall-assistenza u kif dan rani fuq il-mobile, dan kien gej lejja peress li ahna konna hdejn xulxin u dan kellu il-flixkun f' idejh. Jiena ghidtlu "ara ma tikkummidjax" ghax se ntik warning shot. Dahal fil-karozza tieghu, startja u saq. X' hin saq dan kien kwazi ghafasni mal-karozza tieghi u jiena fl-istat li rajtu fih, dan ir-ragel kien ta' periklu ghalih u ghall had*

*iehor peress li kien qed isuq bl-addocc. Nispjega lid an ir-ragel kien ilu jsuq bl-addocc minn x'hin telaq minn fejn kien laqat il-karozza tal-Ministru. Peress li dahal gol-karozza biex jitlaq bhal m ghidtlek qabel ghax dan kien ta' periklu ghalih u ghall- haddiehor, jiena tajt zewg tiri lejn it-tyre ta' wara tax-xellug. Jien fl-ebda hin ma ridt nispara fid-direzzjoni tieghu. Dan baqa hiereg minn kullimkien bl-addocc u jiena soqt warajh. Gibed lejn Regional Road fejn hemm l-Isparkle Image, kif wasal hdejn ir-round about tal-gass baqa' hiereg u ma waqafx, tant hu hekk li kien hemm ragel ghaddej isuq mutur ghall-ftit ma tefghux ghall-isfel. Dan gibed lejn il-mini ta' taht l-iskate board park u qbiztu taht il-mini. Gejt ma gembu u ghidtlu biex jieqaf, dan waqaf u jien ordnajtlu biex johrog mill-karozza. Hu hareg, ordnajtlu biex jinzel mal-art, bil-kemm felah jinzel. Ghidtlu biex jimtedd sew u zammejtu sakemm gew tal-RIU.* ' Stqarr li '*Jiena l-intenzjoni tieghi kienet li nwaqqfu u mhux li noqtlu, biex ma jwegghax hu jew lil haddiehor.*'

L-appellant qal li l-impatt sar fi Triq il-Kottoner. Meta mistoqsi jekk il-persuna li dahlet fil-vettura tal-Ministru qallux '*dahhal dik l-arma*' wiegeb '*Iva, imam jiena ma fdajtux ghax kellu flixkun f' idu.*' Mistoqsi f'liema id kien il-flixkun u biex jiddeskrivih qal li jekk mhux sejjer zball kien f'idejh il-leminija u kien flixkun tal-hgieg miz-zghar ta' lewn ahdar. Ikkonferma li identifika lilu nnifsu bhala membru tal-Korp tal-Pulizija u dan fejn saret l-ispratura ghax l-incident sar fi Triq Kottoner. Spjega li '*Ghidtlu li jiena Pulizija, ara ma ticcaqlaqx. Peress li kelli arma ghidtlu wkoll ma jmurx jahsibni xi bniedem pajzan u hrigt arma ghalih.*' Mistoqsi '*Qabel sparajt it-tiri, wissejtu li kont se tghati l-warning shot/s?*' wiegeb '*Ma niftakarx, jew ghidtlu se nispara.*' Mistoqsi x'jifhem b'*warning shots*' wiegeb '*Nifhem tir fl-ajru.*' Mistoqsi jekk jaf fejn laqtu wiegeb '*Iva. Fuq in-naha tax-xellug ta'wara. Wahda fejn is-saqaf u l-ohra fil-fanal. Kien hemm daqqa fuq il-bumper imma n-naha tal-lemin izda nahseb li din kienet hemmhekk ghax forsi girfu ma' x' imkien. Jiena zewg tiri sparajt.*'

Mistoqsi meta ra lil din il-persuna bil-flixkun f'idejh jekk cempel lil xi hadd, wiegeb '*Iva cempilt lil 112. Ghidtilhom li jiena x-xufier tal-Ministru Mallia u li kienu laqtuli l-karozza tal-Ministru u kont qed nigri warajh. Staqsewni fejn qieghda u bdejt infehmhom fejn ghax it-triq ma kontx naf x' jisimha. Umbaghad graw it-tiri ghax kont ghadni fuq il-linja u ghidtilhom li kont tajt it-tiri u ma nafx jekk ghidtilhomx li kien hemm il-Ministru mieghu*

*ghax dak il-hin kont ippanikjat ghax fi tnejn u ghoxrin sena qatt m ghaddejt minn esperjenza hekk. Nispjega li qed nirreferi li kelli nispara.*' Mistoqsi '*Fuq l-incident ta' hit and run, hassejt in-necessita li tispara warning shots?*' wiegeb 'Li *ghamilt kien ghax dan kien ta' periklu ghalih u ghan-nies bis-sewqan li beda jsuq u ghalhekk sparajt lejn it-tyres.*' Wara li gie msemma recording ta' telefonata, wiegeb li '*Jiena kont qed nitkellem. Vera ghidt li kelli l-Ministru mieghi imma jiena kont ippanikjat bli gara. Rajt il-karozza bil-hsara u rajt lil dan gej fuqi bil-flixkun u bdejt nimmagina hafna affarijiet.*' Mistoqsi '*Ghaliex il-Control Room iggwidawk biex tmur l-eqreb ghassa u ma kellekx il-Ministru mieghek u inti m ghamilt hekk?*' wiegeb '*Ippanikjajt ghax laqtuli l-karozza. Peress li l-pjanci kienu ta' barra ma konniex insibuh.*' Spjega li '*ridt li jigu tal-RIU ghax jaslu aktar malajr flok niccaqlaq jiena minn fuq il-post. Semmejt li kien hemm il-Ministru mieghi ghax kont ippanikjat ta' vera.*' Kien hemm ghaxar sa hmistax-il metru bejn fejn gara l-impatt sa kemm waqaf. Il-persuna l-ohra ma hargitx l-ewwel darba izda waqaf fejn sehhet l-isparatura. Kien hemm xi zewg minuti bejn it-twissija u l-isparatura. Mistoqsi '*Inti taf kif u meta ghandha tintuza arma tan-nar?*' wiegeb '*Meta tinqabad f' certu pozizzjonijiet li ma tistax taghmel mod iehor. Jiena ghidtlu ieqaf u li kont Pulizija u biex ma jibqax sejjer biha ghax kellu flixkun f' idejh. Jiena dak il-hin kont qed inhossni mbezza.*' Mistoqsi '*Taf li meta jkun hemm periklu assolut u iminenti li inti jew xi hadd tista' titlef hajtek, tista' tuza l-arma?*' wiegbet '*Iva*'. Mistoqsi jekk hass li kien hemm dan il-periklu wiegeb '*Jiena hekk hassejt ghax fl-istat li kien hu u s-sewqan li beda jsuq, hu kien ta' periklu ghalih u ghall haddiehor.*' Qal li ma sparax lejn il-persuna. Meta mistoqsi '*Tahseb li l-mod kif agixxejt fl-incident tal-isparatura kienet is-soluzzjoni sabiex l-individwu ma jitlaqx minn fuq il-post?*' wiegeb '*Ma nafx. Naf li kien ta' theddida ghall hadd iehor.*' Mistoqsi '*Tahseb li inti uzajt forza proporzjonata ma' wiehed li kien gej ghalik bi flixkun?*' wiegeb '*Le.*'

L-appellant irrilaxxa stqarrija ohra datata s- 26 ta' Novembru 2014 li tinsab a fol 141 et sequitur. Din l-istqarrija mhijiex iffirmata mill-appellant. Mistoqsi '*Ser nerga nistaqsik dwar l-intenzjoni tieghek dak il-hin li inti sparat zewg tiri fid-direzzjoni tal-vettura l-ohra waqt li din kien qed tahrab il-boghod minnek. X' kienet l-intenzjoni tieghek?*' wiegeb '*Bhal m ghidtlek fl-istqarrija l-ohra l-intenzjoni tieghi kienet li nwaqqfu milli jkompli jsuq fi stat ta' sakra.*'

Ikkunsidrat;

Fl-ewwel lok mill-atti jirrizulta li l-appellant kien awtorizzat li jgorr pistola u cioe' GLOCK 17/19 waqt li jkun *on tour of duty*. Filfatt a fol 158 giet ipprezentata korrispondenza fejn fost informazzjoni ohra tnizzel li '*Please find attached an updated list of Police personnel who successfully attended the training sessions and are hereby being* ***authorised*** *to carry the GLOCK weapon during their tour of duty.*' Wiehed minn dawn il-persuni hija l-appellant. Din hija datata t-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012). Din il-Qorti sejra aktar tard f'din is-sentenza tqis jekk l-appellant kienx qieghed matul *tour of duty* waqt li sehh l-incident u ghalhekk setghax ikun qed igorr din l-arma.

Ghalkemm ma jirrizultax minn meta kien ilu jixrob Stephen Smith, jirrizulta pruvat ukoll li Stephen Smith habat fil-vettura Ministerjali li kienet tintuza mill-Ministru Emmanuel Mallia waqt li Stephen Smith kien taht l-influenza tax-xorb alkoholiku u dan stante li rrizulta li minkejja li t-test tal-breathalyser ittiehed diversi sieghat wara l-incident stante li Smith ghal bidu kien irrifjuta li jaghmel dan it-test u kien fis-1:55am skont ir-rapport ta' Dr Mario Scerri li jinsab a fol 648 et sequitur li sar dan it-test, ir-rizultat tal-breathalyser kien dak ta' 109 ug/100ml u ghalhekk ferm ghola mill-limitu stabbilit mill-ligi. Senjatament minn Dok MS1 a fol 664 jirrizulta li l-breath specimen ittiehed fis-01:59:56 u ghalhekk kwazi s-saghtejn ta' filghodu.

**Dr Mario Scerri** fix-xhieda tieghu tad- 9 ta' Settembru 2015 spjega li '*dan il-breathilizer sar fis-1,55, dam biex isir għar raguni li breathilizer l-għassa ma kienx hemm u kellhom igibu breathilizer minn x'imkien ieħor, il-valur ta' l-alcohol kien ta' 109 micro grams per deci litre li huwa aktar minn tmenin micro grams rikjest mill-ligi u dan niftakru li kien għadda l-ħin diga' jigifieir meta seħħ l-incident il-livell kien iktar għoli, in the region of 80 micro grams bejn wieħed u ieħor fis-siegħa iktar għoli ikun dak għax il-metabolizmu teliminah b'dik ir-rata.*' In kontro-ezami ikkoregа ruhu u spjega li '*jiena għid illi l-livell huwa ta' 80 milli grams fid-demm, fin-nifs 32 micro grams, dan qiegħed hundred and xi ħaga.*' Spjega li '*Ħames siegħat qabel was round about kwazi d-doppju jkun.*'

**Is-Supretendent Alexandra Mamo** fis-seduta tad- 9 ta' Dicembru 2014 xehdet kif '*is-Sur Smith gie mehud l-għassa ta' San Giljan minn PS 778 sabiex isirlu t-test tan-nifs, il-breathilizer test peress li kien hemm suspett li kien taħt l-influwenza tax-xorb, fil-fatt meta kien l-għassa ta' San Giljan gie mgħarraf bil-konsegwenti u jekk jagħmel ir-rifjut, hu rrifjuta u gejt mgħarfa illi s-Sur Smith kien irrifjuta t-test tan-nifs u sussegwentement reggħu ħaduh l-għassa ta' tas-Sliema...*' Spjegat li '*Meta nzilt l-għassa ta' l-Imsida sibt lil Magistrat Inkwerenti u l-espert Dr. Mario Scerri fejn fuq istruzzjoni ta' l-Magistrat Inkwerenti s-Sur Smith rega' intalab biex jagħmel it-test tan-nifs, gie mogħti d-drittijiet kollha tiegħu inkluz id-dritt ta' l-avukat ta' l-għazla tiegħu u huwa għazel li jagħmel it-test tan-nifs. Infatti t-test sar fis-satejn neqsin ħamsa ta' filgħodu fejn irrizulta u gie mmarkat it-test 109 mmg.*' **PS 309 Brian Xuereb** fis-seduta tas- 16 ta' Marzu 2015 xehed li '*fis-siegħa x'ħin wasalt jiena kien willing li jagħmlu*' b'referenza ghal breathilizer. **PS 778 David Sant** li xehed fl- 20 ta' Jannar 2015 fost affarijiet ohra spjega li '*Inzilna l-għassa ta' San Giljan u wara s-soltu twissija għal darba/tnejn/tlieta rigward l-arrest tiegħu u rigward il-breathilizer u fehmtu ukoll li jekk hu ħa jirrifjuta milli jagħmel il-breathilizer, din ħa ddur kontrih għaliex ir-rifjut hija ammissjoni. Jiena dak il-ħin baqa' jirsisti u jippersisti u l-breathilizer ma għamlux, iffirmali c-citt ta' l-breathilizer li ma għamlux u ergajt telgħajtu l-għassa ta' tas-Sliema. Kif għid, kif konna l-għassa ta' tas-Sliema ergajt gejt infurmat mis-Supretendent Alexandra Mamo sabiex innizzel il-unit l-għassa ta' tas-Sliema. Kif għid, kif konna l-għassa ta' tas-Sliema ergajt gejt infurmat mis-Supretendent Alexandra Mamo sabiex innizel il-unit l-għassa ta' l-Imsida għax l-inkjesta magisterjali u l-Magistrata gejja hemm hekk. Jiena nizzilt lil Smith Stephen l-għassa ta' l-Imsida u hemm hekk il-Magistrat cioe' Dr. Mario Scerri informa lil Magistrat sabiex nergġħu nagħmlulu l-breathilizer.*' Xehed li '*meta fuq ordni tal-Magistrat, meta jiena għamilt it-tieni breathilizer, nista' ngħid li kwazi sagħtejn u nofs / tlett siegħat wara il-breathilizer immarkali 109-100 milligrams kwazi tlett siegħat wara.*' Ic-citt giet esebita bhala DS1. Xehed li dak huwa t-tieni rizultat tal-breathilizer, it-tieni test ghax l-ewwel test irrifjuta li jaghmlu. Ikkonferma li Smith tkellem liberament bil-Malti, qallu li jifhem bil-Malti. Ikkonferma li '*ir-rifjut hija ammissjoni u fil-fatt avzajtu għal darba/ tnejn/ tlieta/ erbgħa/ ħamsa qed tifhem u hu baqa' jippersisti li ma jridx jagħmlu.*' Fir-rapport li jinsab a fol 316 et sequitur u mmarkat bhala Dok DS2 fost informazzjoni ohra tnizzel li '*Ix-xufier tal-vettura FE10SP Smith Stephen detentur*

*tal-karta ta' l-identita' 20025A gie mehud l-ghassa ta' San Giljan mis-Surgent PS 778 sabiex isirlu il-'breathalizer test' peress li l-istess Surgent kellu is-suspetti kollha ragonevoli li din il-persuna kienet taht l-influwenza tax-xorb. Wara s-soltu twissija moghtija mill-Pulizija fejn ukoll gie avzat rigward dan it-test ghal diversi drabi Smith Stephen irrifjuta li jaghmel dan it-test li dak il-hin fid-21:44 kien qed isirlu minn PS 1540. Wara r-rifjut l-istess persuna ghazlet li tiffirma l-ircevuti tat-test. Aktar tard il-persuna fuq ordnijiet ta' l-is-spettur giet mehuda l-ghassa ta' tas-Sliema.'* Tnizzel li '*Waqt ix-xhieda ta' din l-inkjesta li kienet qed issir gewwa l-ghassa ta' l-Imsida fuq ordni tal-Magistrata Natasha Galea rega' sar il-'breathalizer test' mis-Surgent PS 309 flimkien ma' PS 778 fejn wara li gie accettat minn Smith Stephen dan sar u r-rizultat ta' dan it-test kif muri fuq l-ircevuti ipprintjati u annessi ma' dan ir-rapport kien juri rizultat ta' 109mmg/100ml li ghalkemm dan it-test sar ghal habta ta' 01:59 jigifieri kienu ghaddew diversi sieghat wara l-ewwel tentattiv dan xorta wahda immarkalu pozittiv.*' F'dan l-istess rapport tnizzel li '*Gie ukoll osservat mis-Surgent PS 1033 li l-vettura FE10SP giet milquta b'zewg tiri wahda fuq il-'bumper' ta' wara n-naha tax-xufier u l-ohra fuq wara mas-saqaf n-naha ta' wara.*'

Gie stabbilit ukoll li l-appellant spara zewg tiri li laqtu l-vettura misjuqa minn Stephen Smith. Mir-relazzjoni tal-espert forensiku John Charles Ellul jirrizulta li huwa kien ircieva minghand PS612 Theo Vella '*GSR swab collected from around Steering of vehicle Mecedes Benz reg. No: AQZ853 sealed in evidemce bag number S00833582*' kif ukoll '*GSR swabs collected from the inside of the drivers door of vehicle Mercedes Benz reg. No: AQZ853 sealed Evidence bag no. S00833574*'. Ircieva ukoll minghand PC1362 Jonas Schembri '*One GSR kit containing in one evidence bag serial no. M00114284*'. Sussegwentement John Charles Ellul ikkonsenja lill espert Dr Chris Moynehan id-dokumenti u cioe' l-esebiti kollha imsemmija. Mir-relazzjoni ta' Christopher Richard Moynehan li tinsab a fol 736 et sequitur irrizulta li instabu Gun Shot Residue (GSR) fejn qies dwar samples minn fuq PC533 Paul Sheehan '*a Moderate amount of characteristic GSR was identitfied (six particles), along with indicative particles. Two particles of characteristic GSR were identified on a sample from the left ear, two more on the sample from the left nostril and a further two on the sample from the face.*
*The characteristic GSR was Type 3, some particles additionally contained the chemical element chlorine and one additionally contained aluminimum and phosphorus.*' Fl-istess

rapport spjega li '*A Low level of characteristic Type 3 GSR (two particles) was identified on the sample from the steering wheel. Some indicative particles were identified but these would not have originated from ammunition that produced Type 3 GSR and could have been from a non-firearms source. Characteristic and indicative GSR were not identified on the sample from the driver's door.*' Fl-istess rapport tnizzel li '*Low amounts of characteristic GSR, such as found on the samples from the Mercedes, are occasionally found in environments with no know association to the use of firearms. However, the GSR found in the Mercedes was similar to that found on Mr Sheehan, and could have had a common origin. One possible explanation for the findings is that Mr Sheehan transferred GSR to the car after the shooting, ut it is also possible that the GSR was deposited at another time.*' Kemm John Charles Ellul u anke Christopher Richard Moynehan xehdu fid- 9 ta' Dicembru 2015.

Jirrizulta li l-appellant ma sparax waqt li Stephen Smith kien qieghed fit-triq barra l-vettura izda wara li dan Stephen Smith dahal u saq il-vettura. Jirrizulta ukoll li t-tiri gew sparati versu l-vettura u mhux fid-direzzjoni tas-sema u ghalhekk ma jistghux jissejhu *warning shots*. Jirrizulta ukoll li l-isparaturi ma sehhewx fejn saret il-kollizjoni izda jirrizulta li l-appellant kien segwa lil Smith wara li Smith laqat il-vettura Ministerjali. Jirrizulta ukoll li l-Ministru ma kienx prezenti meta sehh l-incident nonostante l-fatt li f'wahda mit-telefonati l-appellant jghid li kellu l-Ministru mieghu. **Raymond Zammit** fix-xhieda tieghu tal- 1 ta' Lulju 2015 li dak iz-zmien meta sehh l-incident kellu l-kariga ta' Agent Kummissarju spjega li '*dak in-nhar kont qed nospita delegazzjoni ta' tnejn u sebgħin persuna barranija, kienu fuq seminar hawn Malta, kienu ilhom tlett ijiem u on the 19th kienet l-aħħar ġurnata tagħhom u għal dan il-għan konna qed nagħmlu biex ngħid hekk il-winding up ġewwa d-Depot. Flimkien miegħi kien hemm anki l-ex Ministru Manuel Mallia ovvjament biex jagħlaq il-conclusion ta' l-event..*' Gie infurmat ghat-tmienja u nofs, disgha neqsin kwart li d-driver tal-ex Ministru Mallia kien involut f'incident. Huwa spjega kif zvolgiet l-investigazzjoni.

F'dan l-istadju din il-Qorti sejra tqis ghalhekk jekk l-agir tal-appellant kienx gustifikat skond il-Kostituzzjoni. Din il-Qorti fl-ewwel lok taqbel mal-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata li d-dover tal-appellant bhala ufficjal tal-Pulizija kellu jkun li

f'kaz li l-appellant kellu suspett ragjonevoli li Smith kien qed iwettaq jew li wettaq xi reat bhal dawk taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jew reat iehor, kien li jaghti ordnijiet legittimi li jridu jigu obduti dan anke in vista tal-fatt li l-appellant kien liebes pajzan u li jekk mehtieg jipprocedi ghall-arrest ta' Smith.

L-**artikolu 355X tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*(1)* ***Kull uffiċjal tal-Pulizija jista' jarresta mingħajr mandat lil persuna li tkun fl-att ta' għemil jew li tkun għadha kemm għamlet delitt punibbli bi priġunerija, jew li jkollu suspett raġonevoli fiha li qegħda biex tagħmel jew li tkun għadha kif għamlet xi delitt.***

*(2) Kull uffiċjal tal-pulizija jista' wkoll jarresta lil xi persuna li dwarha jkun ingħata allert għall-arrest tagħha taħt is-Sistema ta'Informazzjoni ta' Schengen.*

*(3****) Kull uffiċjal tal-Pulizija jista' wkoll jgħaddi biex jarresta lil xi persuna li xjentement, jew wara twissija xierqa, tostakolah jew ittellfu fl-esekuzzjoni ta' dmirijietu, jew ma tobdix l-ordnijiet leġittimi tiegħu.***

*(4)* ***Is-setgħat imsemmija fis-subartikoli (1), (2) u (3) għandhom ikunu biss eserċitati sakemm ikunu għal kollox meħtieġa għall-uffiċjal tal-Pulizija biex jieħu l-persuna arrestata f'Għassa tal-Pulizija u jikkonsenjaha lil uffiċjal superjuri mhux anqas mill-grad ta' surġent****.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Ghalhekk dak li huwa importanti li jitqies huwa jekk l-appellant kienx qieghed jiprova jarresta lil Smith. Din il-Qorti temmen li l-appellant prova jwaqqaf lil Smith milli jahrab minn fuq il-post. Jirrizulta izda li hemm kontestazzjoni dwar jekk l-appellant identifikax lilu nnifsu bhala Pulizija ma' Smith. Smith jinnega li l-appellant identifika ruhu bhala Pulizija anzi jixhed li beza ghal hajtu meta ra lill-appellant bil-pistola u li kien ghalhekk li harab minn fuq il-post. Din il-Qorti tqis li ma jirrizultax li kien hemm xi wirja ta' forza da parti ta' Stephen Smith.

Ikkunsidrat ulterjorament;

Din il-Qorti sejra tqis l-allegazzjoni li Stephen Smith prova jhebb ghall-appellant bil-

flixkun tal-Heineken. Jirrizulta li dan il-flixkun filfatt instab fil-vettura ta' Smith u ghalkemm ma giex esebit, ritratti tieghu jinsabu fir-relazzjoni tal-espert PS 644 Evan Camilleri li tinsab fl-envelop a fol 529. L-**Assistent Kummissarju Sandro Zarb** fis-seduta tat- 12 ta' Dicembru 2014 spjega li '*ftit tal-ħin wara li wasalt gie indikat gie indikat lili flixkun illi allegatament intuża mis-Sur Smith f'dan l-incident.*' Dan kien '*Flixkun tal-birra aħdar li kien qed jinżamm jidhrili mill-Kuntistabbli 127 imkebbeb f'karta...*' **PC 127 Clyde Agius** fis-seduta tal- 20 ta' Jannar 2015 '*...gie fuq Pulizija minn ta' l-RIU li kien PC 1214. Dan lili għaddieli flixkun ta' l-Heineken li go fih kien hemm xi likwidu u li kien imgeżwer go xi karti u qalli biex inħallieh go l-karti kif inhu u ma mmissux b'idejja l-għaliex gie elevat mill-vettura li kienet fuq il-low loader.*' Ma qallux min elevah. Ma kellhomx evidence bag pero' l-flixkun meta hu ghaddih lil PS 612 tas-SOCO tpogga gewwa evidence bag. **PS 447 Kevin Camilleri** fis-seduta tal- 20 ta' Jannar 2015 xehed li l-kuntistabbli qallu li Stephen Smith kien niezel ghalih bi flixkun, niezel biex ihebb ghalih. Ma jafx jekk qalilhomx Paul Sheehan. Ix-xhieda li raw l-isparaturi fl-ebda hin ma lemhu xi haga f'id Smith. **PC 159 Glenn Calleja** fis- 6 ta' Frar 2015 xehed li '*Minnufih jiena avvicinajt lil dan Smith, kellu riħa ta' xorb qawwija fuqu, xammejtha kif qed inkellmu, spjegajtlu li qiegħed taħt arrest...*' Sab flixkun tal-Heineken fil-console fejn is-seats tal-vettura u kien hemm hafna alcohol li ipprezuma li kien il-heineken stess mixhut kollu mal-console. Il-flixkun kien f'postu fil-cup holder u l-cup holder kienet mimlija likwidu li kien jinxtamm li kien birra.

**PC 1214 Malcolm Sammut** xehed fis- 6 ta' Frar 2015 xehed li '*l-flixkun jiġifieri rani noħroghom mill-vettura tiegħu.*' Spjega li '*Il-flixkun eżatt eżatt kien fil-console jiġifieri kien fil-console, kien hemm qisu xi ħaġa, naħseb alcohol kien għax deher qisu birra mifrux.*' Dan il-flixkun li '*Ftit kellu jekk ma hiniex sejjer żball, kellu ftit ma kienx mimli, mimli żgur ma kienx u kien miftuħ jiġifieri u kellu ftit fil-qiegħ ħarira jiġifieri xi ħaġa hekk.*' Dan il-flixkun tal-heineken jissemma ukoll fir-relazzjoni tas-Scene of Crime Officers PS612 Theo Vella u PS 644 Evan Camilleri a fol 510 et sequitur fejn a fol 513 tnizzel li '*PC 127 Clyde Agius indika lill-esponenti flixkun tal-hgieg ahdar bil-kliem Heineken fuqu bi ftit likwidu fih. Dan il-flixkun kien imgezwer gewwa karta bajda u kien imxarrab minn barra.*

*PC 127 Agius ghadda dan l-istess flixkun lill-esponent PS 612 Theo Vella filwaqt li PC Agius indika li l-imsemmi flixkun kien elevat aktar kmieni minn gewwa l-karozza Vauxhall Insignia minn membru tal-R.I.U.*'

**PC1359 Reuben Zammit** fis-seduta tas- 6 ta' Frar 2015 dwar is-Sur Smith spjega li '*jiena nnutajt li kellu riħa ta' alcohol hierga minn ħalqu u beda jgħidilna as such li ma għamel xejn ħażin.*' Spjega ukoll li '*Ferrieħi ma kienx, kien qiegħed li nista' ngħid li jiena xammejt ir-riħa ta' alcohol pero' kellimna normali jiġifieri ma nistax ngħid li saqsejtu xi ħaġa ma wegibniex.*' **PC 1214 Malcolm Sammut** xehed fis- 6 ta' Frar 2015 li Smith '*kellu għajnejh ħomor jiġifieri u dak il-ħin ma kellimtux għax kien hemm il-kollega tiegħi.*' Jispjega li ghajnejh homor jigifieri '*Kien qisu għadu kif xorob jiġifieri.*'

Din il-Qorti tqis li anke jekk l-appellant kellu jitwemmen li Stephen Smith verament hareg bil-flixkun tal-Heineken biex jagredixxi lill-appellant u dan stante li flixkun tal-Heineken verament instab fil-vettura misjuqa minn Smith u jirrizulta li ghalkemm ix-xhieda okulari xehdu li ma raw xejn f'id Smith, dawn ix-xhieda okulari ma lehqux l-incident mill-bidu nett, dan izda ma jfissirx li l-appellant kien gustifikat li johrog il-pistola u jispara zewg tiri. Sabiex tintuza l-forza jehtieg li <u>tkun daqs kemm tkun ragonevolment gustifikabbli fic-cirkostanzi tal-kaz</u>. Jirrizulta li fil-mument li gew sparati t-tiri certament li ma kienx hemm il-biza li l-appellant jigi aggrediet u dan stante li t-tiri gew sparata meta Stephen Smith saq minn fuq il-post u ghalhekk harab minnu li jfisser li certament li l-appellant ma kienx f'perikolu fil-mument li gew sparati t-tiri. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-agir tal-appellant kien fid-difiza ta' xi persuna minn vjolenza jew fid-difiza ta' proprjeta' ai termini tal-artikolu 33(2)(a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

L-aggravju tal-appellant huwa bbazat fuq il-fatt li Smith kien fi stat ta' sakra u li ghalhekk kien ta' periklu ghalih u ghal haddiehor. Kif saret referenza aktar kmieni f'din is-sentenza, Smith laqghat il-vettura tal-Ministru waqt li kien qieghed isuq b'livell ta' alkohol ferm aktar gholi mill-limitu stipulat mill-ligi u jirrizulta li minkejja li t-test ittiehed diversi sieghat wara li sehh l-incident, il-livell ta' alkohol kien ghadu

ferm aktar gholi mill-limitu stabbilit mill-ligi.

Din il-Qorti trid tqis ukoll jekk kien qieghed jigi effetwat arrest u cioe' jekk l-agir kienx ai fini tal-artikolu 33(2)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u cioe' '*sabiex jiġi effetwat arrest skont il-liġi jew tiġi evita l-ħarba ta' persuna detenuta skont il-liġi*'. Mill-provi certament li ma jirrizultax li l-appellant kien detenut. Fil-mumenti ta' qabel ma gew sparati t-tiri lanqas ma jirrizulta li l-appellant kien qieghed jeffettwa arrest. Minkejja li din il-Qorti kif ser jigi kkunsidrat aktar il-quddiem f'din is-sentenza, temmen li l-isparaturi sehhew sabiex l-appellant jevita milli Smith jahrab minn fuq il-post, sa dak il-hin ma jirrizultax li l-appellant kien prova jaffettwa l-arrest u ghalhekk l-uzu ta' forza lanqas ma taqa' taht l-artikolu 33(2)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Din il-Qorti tqis li certament Pulizija kemm il-darba jkunu f'sitwazzjonijiet simili u cioe' meta jilmhu persuni jsuqu taht l-influenza tal-alkohol, dan izda ma jaghtihomx il-jedd li jisparaw fuq tali vetturi. Huwa vera li ghalkemm il-Ministru ma kienx prezenti, l-appellant kellu dover li anke jipprotegi l-proprjeta' tal-Ministru jew vettura li tintuza mill-Ministru. Dak li izda kellu jaghmel l-appellant kien li jarresta lil Smith jekk hass li huwa kkommetta reat jew kien ser jikkometti reat. Fil-mument tal-isparaturi, l-appellant kien gia fuq il-linja mal-Control Room. Minflokk ma ha direzzjoni mill-Pulizija u stenna l-assistenza taghhom, huwa ddecieda li jispara zewg tiri meta ra lil Smith jahrab minn fuq il-post.

Ghalhekk dwar jekk l-forza uzata u cioe' l-isparar ta' zewg tiri kienx *ai termini* tal-artikolu 33(2)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u cioe' sabiex jigi evitat l-eghmil minn dak il-persuna ta' reat kriminali, din il-Qorti temfasizza li naturalment l-uzu ta' forza trid tkun daqs kemm tkun ragonevolment gustifikabbli fic-cirkostanzi tal-kaz. Din il-Qorti tqis li gialadarba rrizulta li Smith kien ghadu kemm habat fil-vettura Ministerjali u jirrizulta ukoll li huwa ma waqafx mal-habta, jirrizulta ukoll li Smith huwa kien fi stat ta' sakra tant li l-livell gholi ta' alkohol baqa immarkat anke wara diversi sieghat, jirrizulta li setgha kien hemm suspett ragonevoli li Smith verament ikkommetta reat jew kien sejjer jikkommetti reat u cioe' li jsuq waqt li kien taht l-effett tal-alkohol. In vista tal-fatt li Stephen Smith kien qieghed isuq waqt li kien b'livell ferm aktar gholi ta' alkohol f'gismu minn dak permess fil-ligi, l-appellant

kellu dritt li jarrestah u setghet tintuza forza ghal dan il-ghan izda **<u>l-forza kellha tkun ragonevolment gustifikabbli u ghalhekk proporzjonata</u>**.

L-artikolu 3 tal-UN *Code of Conduct from Law Enforcement Officials* addottata mill-Assemblea Generali bir-resoluzzjoni 34/169 tas-17 ta' Dicembru 1979 jaqra:

'*Law enforcement officials may use force only when strictly necessary and to the extent required for the performance of their duty.*'

Fil-kummentarju dwar dan l-artikolu hemm spjegat li*:*

'*(a) This provision emphasizes that the use of force by law enforcement officials should be exceptional; while it implies that law enforcement officials may be authorized to use force as is reasonably necessary under the circumstances for the prevention of crime or in effecting or assisting in the lawful arrest of offenders or suspected offenders, no force going beyond that may be used.*

*(b) National law ordinarily restricts the use of force by law enforcement officials in accordance with a principle of proportionality. It is to be understood that such national principles of proportionality are to be respected in the interpretation of this provision. In no case should this provision be interpreted to authorize the use of force which is disproportionate to the legitimate objective to be achieved.*

*(c) The use of firearms is considered an extreme measure. Every effort should be made to exclude the use of firearms, especially against children. In general, firearms should not be used except when a suspected offender offers armed resistance or otherwise jeopardizes the lives of others and less extreme measures are not sufficient to restrain or apprehend the suspected offender. In every instance in which a firearm is discharged, a report should be made promptly to the competent authorities.*'

Fil-'**<u>Basic Principles on the Use of Force and Firearms by Law Enforcement Officials Adopted by the Eighth United Nations Congress on the Prevention of</u>**

**Crime and the Treatment of Offenders, Havana, Cuba, 27 August to 7 September 1990'** fost regoli ohra gie stipulat li

'*9. Law enforcement officials shall not use firearms against persons except in self-defence or defence of others against the imminent threat of death or serious injury, to prevent the perpetration of a particularly serious crime involving grave threat to life, to arrest a person presenting such a danger and resisting their authority, or to prevent his or her escape, and only when less extreme means are insufficient to achieve these objectives. In any event, intentional lethal use of firearms may only be made when strictly unavoidable in order to protect life.*'

L-artikolu 2.2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jaqra:

'*Il-privazzjoni tal-ħajja ma għandhiex titqies bħala magħmula bi ksur ta' dan l-Artikolu meta tirriżulta mill-użu ta' forza li ma tkunx aktar minn dak li jkun assolutament meħtieġ:*

*(a) fid-difiża ta' xi persuna minn vjolenza illegali;*

*(b) sabiex jiġi efettwat arrest skont il-liġi jew tiġi evitata l-ħarba ta' xi persuna detenuta skont il-liġi;*

*(ċ) f'azzjoni meħuda skont il-liġi sabiex tiġi megħluba rewwixta jew insurrezzjoni.*'

Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant fejn fl-ewwel aggravju jissottometti li jekk din il-Qorti thoss sal-grad tal-probabli li kien gustifikat li Smith fl-istat li kien jigi arrestat, allura per konsegwenza l-agir ta' Sheehan bilfors ghandu jigi gustifikat skond il-Kostituzzjoni. Nonostante l-fatt li din il-Qorti taqbel li jekk kien hemm suspett ragionevoli li Stephen Smith kien ikkommetta reat jew kien ser jikkommetti reat, huwa setgha jigi jigi arrestat, dan ma jfissirx necessarjament li l-forza uzata u cioe' t-tiri kienu ragonevolment gustifikati fic-cirkostanzi.

Domnic Micallef fit-tezi bl-isem **'The Use of Force by the Police'**[5] spjega kif:

'*The right of the officer to use force falls into two categories:-*

[5] Sottomessa bhala parti mid-Degree f' Bachelor of Arts in Criminology fl-istitut ta' Studji Forensici l-Universita ta' Malta f'Mejju 1999. Pagna 4.

*1) When the situations wherein the police officer can use force and*

*2) The limits to which he/she can take the use of force.'*

Fl-istess studju gie spjegat li *''Legitimate force' is when the police officer uses just enough force to handle the aggressor and brings the aggress, or the situation, under control. When the police officer transgresses his/her border of restraint, i.e. after the officer handles the aggressor and knows that the aggressor cannot be of any more danger, yet still keeps on implementing force, that is when the officer has crossed the line.*

*...'*

Domnic Micallef fl-istess studju[6] spjega kif:

*'In the case **P vs. Hewitt** (30/06/1949) by the court of Appeal, Judge W. Harding presiding held that dealing with a person being arrested by a police constable who refused to comply with his lawful order to accompany the officer to the police station, "the police constable had no other alternative beyond that of trying to take him by force."*

*In another case of **P vs Bartolo Judge Montanaro Gauci** (5/2/1955) sitting in the court of appeal stated that:*

*"L-uzu tal-forza meta rikjest mic-cirkostanzi tal-kaz u fil-limiti tan-necessita tal-kaz, huwa permess mill-ligi lill-membri tal-Pulizija in konnessjoni ma' l-ezercizzju tad-dmirijiet publici taghhom."*

*In view of these two judgments it appears that the police in certain circumstances are entitled to use force to effect the arrest. But this keeps the question up to what limits?*

*In the case law **P vs Hewitt** the Court of Appeal held:*

*"When the appellant persisted in refusing to comply with Kitcher's orders (to accompany him to the Police Station), then Kitcher (the police officer) was entitled to use such degree of force as was necessary to secure the appellant - provided says Kenny in his text book "Outlines of Criminal Law", no more force is used than is proportionate to the immediate*

[6] F'pagna 9-10

*needs... Of course, the 'quantum' of force is not capable of being measured to a millimetre, or weighed to an ounce."*

*In the case law of the* ***Police vs Alfred W. Luck et.*** *(25/4/1949) Judge W. Harding stated:*

*"There is nothing unlawful if a police officer uses that 'modicum' of force that is necessary by the acts of the aggressor, so that the fact that the aggressor, as a result of the use of that force used by the police officer, suffers some injury, could not appear to be material in his defence."*

*Before effecting the arrest, the person that is going to be arrested must be informed about his/her arrest. If this person will try to offer the resistance the police officer at first must try to convince and persuade the person to calm down. If after several attempts this person still continue to offer resistance than the police officer must resort to the necessary force and also if in need handcuff such person.'*

Angelo Gafa' fit-tezi bl-isem **'The rules and principles governing the use of force by the Malta Police Force'**[7] spjega li:

*'Betz (1985:190) provides a list of situations that a police officer should come to understand in judging which force is appropriate to particular situations:*

*'1. If one can avoid the use of any coercive force, then employing even some is wrong. To retreat to a safer distance and prepare to wait a long time can make this possible.*

*2. If one can employ physical force merely to restrain without hurting, then it is wrong to hurt.*

*3. If one can restrain with minimal hurt by using ju jitsu or karate, or a tranquilizing gun or a net, then it is wrong to use a more hurtful weapon like a club.*

*4. If one can control the situation by using a weapon like a club, then it is wrong to use a pistol.*

*5. If one can use rubber or plastic bullets in a pistol and succeed with them, then it is wrong to use metal ones.*

[7] Sottomessa bhala parti mill-Masters Degree in Public Policy fil-Fakulta tal-Economics, Management and Accountancy fl-Univesita' ta' Malta f'Lulju 2008. Pagna 34.

*6. If one can effect one's purpose with low-caliber bullets, then it is wrong to use high-caliberones.*

*7. **If one can shoot to scare and thus halt the suspect, it is wrong to shoot to hit**.*

*8. If one can shoot to wound, then it is wrong to shoot to kill.'* (Emfazi mizjuda minn din il-Qorti.)

In oltre', fl-istess tezi[8] Angelo Gafa' spjega kif:

*'Following an incident in September 1995 in which two Vice Squad officers in plain clothes, shot and injured a person at Qui-si-sana after the latter had failed to stop his car when challenged to do so (Testa, 1995: 1), and as a result of a subsequent inquiry by Brigadier John Spiteri, the Commissioner of Police circulated Guidelines for the Police on the Issue and Use of Firearms, GHQ Circular Number 114/95.[9] These guidelines, which draw mostly from the United Nations Basic Principles on the Use of Force by Law Enforcement Officials, commence with the following caution:*

> *'In carrying out their duties police officers shall, as far as possible, apply non-violent means before resorting to force and firearms. They may use firearms only if other means remain ineffective or without any promise of achieving the intended result' (Malta Police, 1995: Para. 1)'.*

GHQ Circular bin-numru 114/95 datata l-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena elf, disa' mija u hamsa u disghin (1995) intitolata '*GUIDELINES FOR THE POLICE ON THE ISSUE AND USE OF FIREARMS*' fost linji gwida ohra tnizzel li '*In carrying out their duties police officers shall, as far as possible, apply non-violent means before resorting to force and firearms. They may use firearms only if other means remain ineffective or without any promise of achieving the intended result.*'

In oltre' fl-istess linji gwida tnizzel li '*Police officers shall not use firearms against persons except in self-defence or defence of others against the imminent threat of death or*

[8] F'pagna 72
[9] Appendix D (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' taht il-pagna enumerata sittax (16) fit-tezi intitolata 'The Rules and Principles Governing the Use of Force by the Malta Police Force' ta' Angelo Gafa' bhala parti mill-Masters in Public Policy fl-Universita' ta' Malta f'Lulju 2008.

*serious injury, to prevent the perpetration of particular serious crime involving grave threat to life, to arrest a person presenting such a danger and resisiting their authority, or to prevent his order of his escape, and only when less extreme means are insufficient to achieve these objectives.'*

L-artikoli 75 sa 79 tal-Kapitolu 164 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att dwar il-Pulizija jipprovdu li:

'**75.** *L-uffiċjali tal-pulizija jistgħu jużaw dik il-forza moderata u proporzjonata li tista' tkun meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-liġijiet.*

**76.** *L-użu tal-forza huwa l-aħħar rimedju u għandu biss jintuża għaldaqstant żmien daqskemm ikun tassew meħtieġ meta jkun evidenti li kull rimedju ieħor ma jkunx iservi.*

**77.** *Jekk tqum il-kwistjoni f'xi Qorti jew tribunal dwar kemm l-użu tal-forza jkun wieħed raġonevoli, iċ-ċirkostanzi prevalenti fil-waqt meta tkun intużat il-forza għandhom ikunu l-kriterju biex tiġi eżaminata dik ir-raġonevolezza.*

**78.** *(1) F'ċirkostanzi eċċezzjonali l-Korp jista', fl-eżekuzzjoni ta'dmirijietu, juża armi tan-nar u armi jew materjal offensiv ieħor.*
*(2) Meta jkunu qed jiġu stmati l-eżistenza jew xort'oħra taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali msemmija fis-subartikolu (1), għandhom jitqiesu l-kondizzjonijiet li jkunu jipprevalixxu fil-waqt meta l-użu ta' armi tan-nar, jew ta' armi jew materjal ieħor isiru inevitabbli sabiex tiġi ppreservata l-ħajja ta' uffiċjal tal-pulizija jew tal-oħrajn, jew biex jitbiegħed xi periklu imminenti ta' vjolenza mifruxa.*

**79.** *Salv kull responsabbiltà kriminali jew ċivili taħt xi liġi oħra, jitqies bħala reat kontra d-dixxiplina li uffiċjal tal-pulizija juża l-forza għal raġunijiet li ma jkunux dawk permessi bil-liġi u biċ-ċirkostanzi tal-każ.'*

Ghalhekk l-Att dwar il-Pulizija ukoll jispjega l-istanzi meta tista' tintuza l-forza u li f'cirkostanzi eccezzjonali tista' tintuza arma tan-nar. Dan ifisser li l-fatt li ufficjali tal-

Pulizija huma muniti bil-poter li juzaw il-forza u anke f'xi waqtiet arma tan-nar, il-forza ghandha tintuza biss meta necessarja u b'mod moderat u proprozjonat. Filwaqt li arma tan-nar ghandha tintuza biss f'cirkostanzi eccezzjonali.

Kif ikkunsidrat fis-sentenza '**Il-Pulizija versus Anthony Camilleri'**[10]:

'*ma hemmx dubju li l-Pulizija, f'l-eżercizju tad-doveri tagħha, għandha d-dritt li tuża dak il-"quantum" ta' forza li jkun neċessarju; u li membru tal- Pulizija għandu dritt jiddefendi ruħu jekk ikun aggredit waqt li qiegħed jagħmel dmiru. Lanqas jista' dak il-"quantum" jiġi miżumrat sa millimetru, jew peżat sa onċja;*

*Minn naħa l-oħra, ma jistax jiġi applikat l-art. 95 Kap. 12, meta dak id-dritt tal-Pulizija jiġi abużat.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Mario Tonna) -vs- Francis Cuschieri'**[11] il-Qorit kkunsidrat li:

'*Illi l-Qorti tixtieq tghamilha cara li l-vjolenza qatt ma tista tigi gustifikata pero min-naha l-ohra l-Qorti tifhem ukoll li l- pulizija jistghu isiebu ruhhom f'sitwazzjoni fejn ikollhom juzaw forza jew biex jiddefendu lilhom infushom jew biex jassiguraw li l-ordnijiet legittimi taghhom jigu esegwieti u biex jinzamm l-ordni pubbliku; naturalment il-forza uzata ghandha tkun mhux biss proporzjonata mal-perikolu jew ir-rezistenza li jkunu rinfaccjati bihom imma ghandha tkun biss dak il-minimu necessarju.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Martin Bayliss) Vs Michael Carter'**[12] gie kkunsidrat li:

'*Sabiex din il-Qorti tasal biex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment tikkonkludi li l-appellant kien hati ghaliex, skond hi, kien ecceda fl-uzu tal-lembuba, u dan in bazi tal-provi li semghet, hi qieset sewwa diversi fatturi w cirkostanzi li mis-sentenza appellata ma tantx jidher li l- ewwel Qorti kienet ikkunsidrathom.*

---

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-1 ta' Frar, 1958
[11] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-18 ta' Lulju, 2008 (Numru: 302/2001)
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Settembru, 2001 (Appell Kriminali Numru: 161/2000/1)

*Hu ferm importanti f'dan l-ezercizzju, u partikolarment fil- kaz prezenti, li wiehed ghandu necessarjament izomm quddiem ghajnejh is-sitwazzjoni generali gewwa Paceville fil-hinijiet bikrin ta'filghodu fejn hu ben maghruf li ta'spiss jinqalghu incidenti fost iz-zaghzagh u nies li jiffrekwentaw dik il-lokalita', u fejn ta'spiss jintuzaw armi. Is-sitwazzjoni f'dan il-post necessarjament u logikament tirrikjedi il- presenza tal-pulizija, armata w lesta ghall-kull eventwalita' li tista' tinqalgha, presenza li hija ferm aktar mehtiega w numeruza minn kull post iehor ta'divertiment fil-pajjiz. Il- garr ta'lembuba fuq il-persuna tal-pulizija f'dawk l-inhawi u f'dawk ic-cirkostanzi, tenut kont ta' din il-fama ta'Paceville, hija l-anqas li wiehed jistenna, meta tqis li hafna drabi zaghzagh hemmhekk jinstabu jgorru armi tan-nar u armi bil-ponta jew li jaqtghu bhal skieken.*

*Huwa f'dan l-isfond, ghalhekk, li wiehed ghandu necessarjament jara jekk fl-incident in kwistjoni, li ghalih kien unikament responsabbli l-imsemmi Noel Mallia, l-uzu tal-lembuba mill-appellant kienx wiehed eccessiv jew le f'dawk ic-cirkostanzi partikolari. Hu necessarju li sabiex wiehed jasal ghal xi decizjoni fuq dan l-aspett, irid ipoggi lilu nnifsu fil-posizzjoni li sab ruhu fiha l-appellant u jara kif f'dawk ic-cirkostanzi kien jirreagixxi ghall-aggressjoni, eccetra, ta'Noel Mallia. Irid jara jekk f'dawk ic-cirkostanzi, l-uzu tal-lembuba li, wara kollox, u kif intqal qabel, tifforma parti mill-uniformi tal-pulizija w tinghathalhom sabiex tintuza kull meta tinhass in-necessita', basta li tintuza b'mod ragjonevoli u kif ikun opportun skond ic-cirkostanzi, hiex xi eccess fl-uzu taghha jew, ghal kuntrarju, jekk dak l- uzu kienx wiehed f'waqtu jew necessarju. Dan huwa t-test soggettiv li ghandu jsir f'dan il-kaz, u mhux it-test oggettiv bhal ma jidher li ghamlet l-ewwel Qorti. Certament mill- assjem tal-provi fuq dan l-aspett, din il-Qorti mhiex moralment konvinta li l-appellant ecceda fl-uzu ta' din il- lembuba. Dan ghaliex hi wzat dan it-test soggettiv u rat li dak l-uzu tal-lembuba, f'dawk ic-cirkostanzi, ma kienx eccessiv ; anzi, kien piuttost mehtieg minhabba c- cirkostanzi li probabbilment, aktar iva milli le, sab ruhu fihom l-appellant.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'The Police versus Leslie Hewitt'**[13], il-Qorti qieset li

*'Now, whilst it is true, generally speaking, that if an officer, in executing his office, proceedings irregularly, and exceeds the limit of his authority, the law gives him no protection in that excess, it is also true that an over-riding principle in this matter is that*

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Gunju, 1949

*enunciated by Russells (Crimes and Misdemeanours, Vol. 1, p. 519), to the effect that "every man is bound to submit himself to the regular course of justice";'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. David Sant'**[14] gie meqjus li:

*'Kif jinghad fi Blackstone's Criminal Practice – 2004 :"Force cannot be used where the suspect does not resist arrest or attempt to escape...If he does, force may then be used but it must be proportionate to the gravity of the offence or the harm to be averted. Only that force may be used which is necessary to secure and subdue the fugitive...Similar principles apply to the use of force in maintaining the peace."* [15] *Kjarament minn kull aspett hawn intuzat forza sproporzjonata meta tqis mhux biss il-"gravita`" tar-reati li ghalihom Sprangers setghet tigi arrestata izda anke l-fatt li kien hemm mezzi ohra disponibbli li setghu jigu adoperati biex hi ma tithallix titlaq minn fuq il-post. Dana l-aggravju, ghalhekk, huwa wkoll respint.'*

Kif meqjus fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija Spettur Stephen Micallef v MARWAN EL KURBO**[16]':

*'L-uzu ta' forza minn Ufficjal tal-Pulizija jista jaqa taht zewg kategoriji. Fl-ewwel lok il-kategorija fejn hemm tali sitwazzjoni li tippermetti l-uzu tal-forza ta' Ufficjal tal-Pulizija w t-tieni kategorija hija l-limitu permess ghal tali uzu.*

*Kull Ufficjal tal-Puliizja ghandu jkun jaf x'inhuma d-drittijiet tieghu w d-differenzi li hemm bejn dak li jissejjah forza legittima 'legitimate force', forza mhux rikjesta 'unneccessary force ' u l- brutalita ' brutality'.*

*Il-forza legittima hija dik il-forza li Ufficjal tal-Puliizja juza sabiex jimpedixxi l-aggressur milli jkompli bl-agir illegali tieghu biex b'hekk igib is-sitwazzjoni taht kontroll. F'dak il-kaz li s-sitwazzjoni tkun taht kontroll u l-Ufficjal jippersisti bl-uzu ta' forza, allura b'hekk ikun qed jaqbez il-linja ta' forza legittima.*

*Il-brutalita hija dik il-forza intenzjonali li juza Ufficjal tal- Pulizija f'kaz ta' bzonn legali. Il-forza zejda jew ahjar l-'unnecessary force' tikkreja hsara daqs il-brutalita. Din, fil-maggor*

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Ottubru, 2007 (Appell Kriminali Numru. 267/2007)
[15] op. cit. para. D1.7, pagna 989. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata ghaxra (10) fis-sentenza citata)

[16] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' Frar, 2002.

*parti tal-kazijiet ssehh, meta Ufficjal tal-Puliizja m'ghandhux bizzejjed esperjenza sabiex igib sitwazzjoni taht kontroll effetiv minghajr l-uzu tal-forza.*

*Skond The Code of Conduct for Law Enforcement Officials tal- United Nations:*

*"Law Enforcement Officials may use force only when strictly necessary and to the extent required for the performance of their duty."*

*Fil-fatt fin-notamenti mahruga mill-Council of Europe - 1994 pagna 182 dwar il-Human Rights and the Police gie ritenut li :*

*"The use of force cannot be used if it is disappropriate to the legitimate objective to be achieved."*
*Taht t-tieni ktieb, Titolu 1 imsejjah "Fuq is-Setghat u d- Dmirijiet Ezekuttivi" fil-procediment kriminali nsibu l-artikolu 355 tal-Kap 9 li jiddisponi illi :*

*"L-Ufficjal [b'referenza ghal Pulizija] m'ghandux juza hruxija, irbit jew tghakkis iehor hlief jekk ma jkunx jista bl-ebda mod jghaddi minghajrhom sabiex jzomm fiz-zgur l-arrestat jew jekk huma jkunu mehtiega minhabba bl- imgieba tal-arrestat."*

*Dan ifisser li jekk il-persuna koncernata ma toffrix resiztenzi fl- arrest jew tobdi l-ordni legittimi moghtija lilha mill-Pulizija Ezekuttiva, il-Pulizija qatt ma jista jigu gustifikat jew skuzat ghal uzu ta' xi forza.'*

Ghalhekk huwa minnu li l-Kostituzzjoni ta' Malta taghti certu poteri lil Pulizija kif tajjeb issottometta l-Avukat difensur tal-appellant fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti, biss pero' din il-Qorti temfasizza li dawn il-poteri ghandhom il-limiti taghhom. Din il-Qorti ghalhekk tqis li fil-mument ta' qabel u meta sehhew it-tiri, is-sitwazzjoni ma kienx eccezzjonali li timmerita l-uzu tal-arma tan-nar direzzjonata lejn vettura. Dak li kellu jaghmel l-appellant huwa li jaghti ordnijiet lil Stephen Smith u cioe' fosthom biex ma jsuqx, setgha anke jinfurmah li ser jigi arrestat, jistenna l-ghajnuna ta' Pulizija ohra izda l-isparaturi direzzjonati lejn il-vettura f'dak l-istadju ma kienux proporzjonati kemm mal-allegazzjoni rigwardanti li Smith prova jhebb ghall-appellant bil-flixkun tal-Heineken u anke mal-fatt li Smith kien ghadu kemm habat fil-vettura Ministerjali waqt li kellu livell gholi ta' alkohol. Ghalkemm l-

appellant setgha ried iwaqqaf lil Smith milli jahrab, dan ma kellux ikun bl-isparar ta' tiri fid-direzzjoni tal-vettura bil-konsegwenzi kollha li setghu jigru izda anke jekk ghal grazzja tal-argument kellha tintuza l-pistola, it-tiri kellhom *se mai* jkunu indirizzati lejn is-sema u cioe' warning shots u mhux '*shots to hit*', irrespettivament jekk riedx jolqot lil Smith jew il-vettura misjuqa minn Smith. Ghalkemm il-vettura waqfet taht il-mini ta' Santa Venera, lanqas ma jirrizulta pruvat li din il-vettura waqfet rizultat tal-hsarat sofferti minhabba t-tiri sparati.[17]

L-uzu tal-arma hija wahda ta' *last resort* u ghandha tintuza meta mehtieg ragonevolment f'cirkostanzi eccezzjonali. Ghalhekk din il-Qorti fic-cirkostanzi tqis li l-appellant mar oltre' il-poteri moghtija lilu mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ligijiet ta' Malta bhala Pulizija. L-ewwel aggravju qieghed ghalhekk jigi michud.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju jitratta s-sejbien ta' htija tal-ewwel akkuza. L-appellant jissottometti li mhux veru li ghamel attentat sabiex jikkaguna ferita fuq il-persuna ta' Smith. Jissottometti li l-akkuzat iwiegeb ghat-tip ta' ferita skond il-ferita fuq il-gisem tal-vittma xi tkun. Illi huwa difficli hafna li wiehed minghajr ma jkollu feriti, jiprospetta x'kienu ser ikunu l-konsegwenzi li kieku kawza tal-attentat ma' kienx hemm l-involviment ta' xi haga estranja ghall-akkuzat. Jissottometti li veru li wiehed jista' jghid '*imma b'balla ta' Glock zgur li ser ikollok ferita serja minn ta' lanqas*' izda dan ir-ragunament parrokjali huwa wiehed spekulattiv ghall-ahhar u ma' jreggix fil-kamp penali.

L-appellant jissottometti li wiehed ghandu jaqra l-istqarrija tal-appellant li taghti dawl ta' dak li gara ghaliex kien sehh u jissottometti li l-Qorti kienet b'rispett kompletament skorretta meta ma' strahitx u ddipartiet mill-konkluzjoni tal-esperti ballistici. Skont l-appellant tant kienet trid tasal ghall-htija l-Ewwel Qorti, li kellha problema kbira hafna fil-veritajiet li xehdu l-esperti f'dan il-kaz. Jissottometti li gudikant jista jiddipartixxi minn opinjoni ta' espert, izda dan jista jaghmlu biss jekk

---

[17] Dr Mario Buttigieg fix-xhieda tas-16 ta' Marzu, 2015 mistoqsi '*l-karozza ma bdietx taħdem sewwa li għandu x'jaqsam ma' dan l-incident?*' wiegeb '*Xejn affattu, le xejn.*'

ikun hemm ragunijiet li jwasslu li jkun gustifikat li wiehed ma' joqghodx fuq dak li qal l-espert. Jissottometti li l-Ewwel Qorti tghid li hija waslet ghal konkluzjoni li tiddipartixxi mir-relazzjoni tal-esperti minhabba l-filmat li kien esebit. Jissottometti li meta wiehed jara dan il-filmat, ghajr ghal kwistjoni diskutibbli tad-distanzi, assolutament ma' hemm xejn li jmeri l-kostatazzjonijiet tal-esperti. Skont l-appellant dak li tghid l-Ewwel Qorti sabiex setghet tallonta ruhha mir-rapport tal-esperti ballistici assolutament ma huwiex korrett u dan l-fattur jista' jigi komodament verifikabblii mill-Qorti. Jissottometti li meta wiehed jara d-dinamika tal-incident jirrizulta b'rispett li huwa altru milli ovvju li l-appellant kull ma xtaq li jolqot kien il-vettura u li jwaqqaf lil Smith milli jahrab.

L-appellant jissottometti li fost l-elementi tat-tentattiv, hemm dak li r-reat li l-aggressur ikollu l-intenzjoni li jaghmel, ma' jsehhx minhabba xi cirkostanza li ma' tkunx fil-kontroll tieghu, xi fatt li jkun accidentali u indipendenti mill-volonta tal-akkuzat. Jissottometti li mill-provi jirrizulta li wara li laqat il-karozza uzata mill-appellant, Smith niezel mill-vettura tieghu u gie vicin hafna tal-appellant. Li l-appellant f'dak il-hin gia kellu l-pistola u l-munizzjon disponibbli. Li f'dak il-hin l-appellant ma' spara ebda tiri fid-direzzjoni tal-appellant. Wiehed jistaqsi li kieku verament l-appellant kellu l-intenzjoni li jaghmel hsara fuq il-persuna ta' Smith, meta kien jisparalu? Meta kien magenbu jew meta Smith telaq bil-vettura tieghu biex jahrab minn fuq il-post? Jissottometti li verament li l-intenzjoni kriminuza tista tinholoq f'dik is-sekonda propju tal-kummissjoni tar-reat, izda l-Qorti ghandha l-obbligu li meta taghmel apprezzament ta' prova, tara wkoll li tikkalibra dak li sehh mal-veritajiet tal-hajja. Jissottometti li l-appellant mhux veru kellu l-intenzjoni li jaghmel hsara fuq il-persuna ta' Smith, izda t-tiri gew sparati fuq il-vettura. Ghalhekk il-fatt li l-ballal dahlu fil-vettura ma jista' qatt jitqies li kien dik ic-cirkostanza '*accidentali u ndipendenti mill-volonta tal-akkuzat*' izda hawn si tratta ta' sparaturi li konsapevolament u deliberament saru minn l-appellant biex tigi milquta l-vettura. Ghalhekk skont l-appellant l-ewwel akkuza qatt ma tista' tigi ppruvata.

Ikkunsidrat;

Illi inizzjalment f'dawn il-proceduri, l-imputat kien qieghed jigi akkuzat bir-reat ta' tentattiv ta' omicidju volontarju, izda l-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju indika li tista' tinstab htija biss ghar-reat tat-tenttattiv tar-reati kontemplati bl-artikoli 214, 216, 217 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-**Supretendent Alexandra Mamo** fis-seduta tad- 9 ta' Dicembru 2014 dwar l-isparaturi fuq il-vettura, fost fatti ohra spjegat li '*fuq wara jigifieri kien ir-rear right mud guard kien hemm ukoll toqba u fuq in-naħa tal-left, tal-windscreen fuq kien hemm toqba oħra.*' Fir-relazzjoni tas-Scene of Crime Officers PS 612 Theo Vella u PS 644 Evan Camilleri li tinstab a fol 510 et sequitur tnizzel li '*Toqba forma ovali kienet fuq il-bieba tal-luggage boot (bagoll) fil-parti ta' fuq vicin is-saqaf in-naha tax-xellug (meta thares minn wara), filwaqt li t-toqba l-ohra kienet fuq il-bumper ta' wara fuq in-naha tal-lemin (meta thares minn wara) u kienet forma tonda.*'

Dwar ir-relazzjoni tal-esperti ballistici, din il-Qorti taghmel referenza ghal partijiet mix-xhieda tal-**Ispettur Charlot Casha, Brigadier Maurice Calleja u Jesmond Cassar** fis- 16 ta' Marzu 2015. Jesmond Cassar spjega li '*nhar it-23 ta' Novembru għal ħabta ta' l-10 ta' filgħodu jiena flimkien ma' s-SOCOs, is-Surgent 612 Vella u s-Surgent 644 Ivan Camilleri għamilna ezamijiet fuq il-Volkshall fejn aħna ħrigna it-tragettorji tat-toqob li kien hemm fil-vettura il-Volkshall fejn aħna tfajna virga li timmarka t-traggettorja u s-Scene of Crime officers gibdu r-ritratti ta' dak it-traggettorja, liema ritratti ħa jigu pprezentati minn naħa ta' s-Scene of Crime officers bħala parti mix-xogħol tagħhom fotografiku.*' Spjega li '*nuzaw vireg ta' l-ħadid biex nimmarkaw traggettorja ta' fejn suspettat li giet sparata l-balla u din issir peress li nimxu fit-tragettorja tat-toqob li jkun hemm mill-entry għal exit. Sewwa wisq, għamilna dawn il-vireg u kemm ittieħdu r-ritratti ta' l-vireg imwaħħlin ma' l-karozza.*' Gie spjegat minn Jesmond Cassar li '*L-għada l-24 ta' Novembru, iltqajna kollha kemm aħna, t-tlieta li aħna fil-laboratorju forensiku, kien hemm ukoll magħna is-Sur Mario Buttigieg li kien appuntat ukoll mill-istess Qorti fir-rigward ta' l-vettura. Hawn hekk ikkonfermajna t-trajjettorji li kienu ezaminaw qabel, is-Scene of Crime officers flimkien ma' l-Ispettur Casha pero' anzi ħa mmorru one step lura, konna irrealizzajna li l-karozza kien fiha zewg tiri jew zewg entry holes waħda kienet fuq il-parti ta' fuq ta' l-bieba ta' wara tat-tail gate u l-oħra fuq il-bumper ta' wara fuq in-naħa ta'*

*l-lemin tieghu. Dan kollox qiegħed deskritt fir-rapport tagħna. Il-balla li kien hemm fil-bieba kif diga' spjega l-kollega kienet instabet kif appena infethet il-bieba u waqgħet pero' l-balla l-oħra kienet għada ma nstabitx, rajna t-trajjettorja tat-tieni balla, ħa ngħidu hekk it-tieni balla kif kienet u gie stabbilit illi din il-balla daħlet u ħarġet diversi drabi minn partijiet ta' l-karozza u l-aħħar marka kienet fuq il-pipe tad-diesel, il-pipe ta' meta wieħed jimla l-karozza bid-diesel allura tlabna awtorizzazzjoni mill-Magistrat biex inkunu nistghu nieħdu l-karozza fuq two post jack halli nkunu nistgħu nezaminawha aħjar billi nidħlu taħt il-karozza. Infatti hawn hekk konna sibna li dan il-pipe filfatt mhux għafsa biss kellu pero' kien imtaqqab u kien hemm il-possibilita' li l-bullet kienet qiegħda fil-pipe pero' ma konniex certi li l-bullet qiegħda fil-pipe jew le peress li t-toqba kienet ezattament fil-kurva allura setgħet biss cartet il-pipe u waqgħet barra. Kien hemm il-possibilita' li setgħet kienet hemm u setgħet ma kienetx hemm. Infatti b'dan kollu infurmajna lil Magistrat Inkwerenti li kellha tagħtina instructions oħra x'għandha nagħmlu iktar 'il quddiem. Li sussegwentement kienet talbitna biex il-karozza tittieħed għand l-Agenti lokali ta' l-Opel fejn kellha tigi ezaminata hemm hekk il-karozza. Dan sar jekk jidhirli sew is-Sibt ta' wara meta ħadha s-Sur Mario Buttigieg hemm hekk u meta l-karozza giet ezaminata u gie maqlugħ dan il-pipe instabet li l-balla fil-fatt kienet qiegħda go l-pipe. Din il-balla giet mgħoddija lili imbagħad wara giet ezaminata flimkien ma' l-ezebiti kollha li kellna. Irrid ngħid ukoll li konna morna, fejn allegatament kien sar l-incident ta' l-isparar fi Triq Edgar Bernard kantuniera ma' Triq Wied il-Kappara fejn hemm hekk konna għamilna tfittxija għal xi evidenza li seta' kien hemm forsi xi tiri li ħabtu ma' xi ħitan jew hekk jew forsi tentattiv li nsibu l-iskratagg li jigu mtajra 'l barra meta pistola tigi sparata pero' din kollha rizultat fin-negattiv. Kif qal sew il-kollega iktar tard sparajna l-arma, dan hija procedura normali li nagħmlu għal zewg affarijiet partikolari, waħda biex nistabilixxu li l-arma tkun tiffunzjona tajjeb u l-oħra biex nieħdu kampjun ta' l-ballal u l-iskratagg biex aħna jkollna biex nagħmlu comparison ma' l-crime bullets jew cartridges li jista' jkollna. Mill-ezamijiet li għamilna rrizultalna li z-zewg ballal li kienu instabu fil-karozza t-tnejn kienu gew sparati mill-arma li iktar tard ħa nipprezentaw li qiegħda mmarkata bħala Dok CC1 pero' skratagg bħal ma għidna qatt ma nstabu. Mela minn dan kollu relatat aħna wasalna għal dawn il-konkluzzjonijiet li f'dan l-incident gew sparati zewg tiri, dan qed ngħiduh peress li l-karozza giet milqutgħa minn zewġ tiri, instabu żewg ballal u fil-magazine ta' l-pistola kien hemm zewg skratagg nieqsa għax irridu ngħidu li l-pistola tieħu sbatax il-skartogg. Sewwa, iz-zewg ballal gew sparati mil-pistola imsemmija, u wara li*

*ħadu in konsiderazzjoni t-trajjettorja tat-tir li kellha fuqha l-karozza u l-inħawi fejn l-esponenti gew indikati li seħħ l-incident jigifieri li hija waħda għan-nizla, l-esponenti huma tal-fehma li t-tiri setgħu saru hekk: l-ewwel tir kien dak li laqat lil karozza fuq il-bumper, dana semmejnieh bħala entry hole B, dan kellu direzzjoni naqra angolata 'l isfel u fl-opinjoni ta' l-esponenti dan gie sparat waqt li l-vettura kienet fit-Triq Edgar Bernard, sewwa, t-tieni tir laqgħat il-karozza fuq il-parti ta' fuq ta' l-bieba' ta' wara u l-esponenti huma ta' l-opinjoni li dan it-tir kien angolat 'l isfel u direzzjoni diagonali jigifieri gie sparat waqt li l-karozza kienet qed iddur lejn triq fuq in-naħa tax-xellug tat-Triq Edgar Bernard għax it-tiri kienu ħa ngħidu hekk ma jikkolaborawx ma' xulxin, it-tiri kellhom direzzjoni differenti, wieħed kien gej kwazi dritt jew naqra mill-lemin għax xellug filwaqt li l-ieħor kien ġej mix-xellug għal lemin allura aħna minn dak kollu rilatat, aħna ta' l-opinjoni li t-tieni tir dak li kien fuq in-naħa ta' fuq ta' l-bieba gie sparat waqt li l-karozza kienet qiegħda ddur u kienet naqra waħda angolata u b'hekk giet dik id-direzzjoni diangonali.'*

Mistoqsi '*Issa li rrid nistaqsik ukoll l-entry hole fir-rigward it-tir ta' fuq għax it-tir ta' isfel smajtek tgħid id-direzzjoni minn fejn kienet gejja skont it-trajjettorja li kkalkulajtu, fir-rigward ta' fuq it-trajjettorja x'kienet tindika apparti li kien laterali?*' Jesmond Cassar wiegeb '*it-trajjettorja kienet diagonal meta qed ngħidu diagonal mill-parti ta' l-genb ta' l-karozza għal parti l-oħra hekk u naqra waħda angolat 'l isfel iva.*' Brigadier Calleja xehed li '*l-iskratagg ma sibnihomx jigifieri ezattament ma nkunux nistgħu ngħidu minn fejn gie sparat pero' jidher minn fejn kien hemm dak li spara sa fejn it-tieni tir li laqgħat kien hemm naħseb xi sebgħin metru, ma kienx hemm daqs hekk, jew inqas forsi.*'

Il-Brigadier Calleja spjega li '*l-ewwel wieħed laqgħat il-bumper naħsbu aħna u mbagħad ftit metri wara li ccaqilqet il-karozza ... metri gie sparat it-tieni tir.*' Jahsbu li l-ewwel gie sparat tal-bumper. Mistoqsi '*Jigifieri milli stajtu tikkonstataw l-ewwel sar it-tir li laqgħat lil bumper u mbagħad it-tir l-ieħor li laqgħat il-bieba fuq in-naħa ta' fuq?*' wiegeb '*Iva Sur Magistrat. Għax tal-bumper kien waqt li l-karozza għada fuq livell u t-tieni tir ... kantuniera u niezla.*' Mistoqsi jekk l-ewwel tir kien inqas minn sebghin metru l-Brigadier Calleja wiegeb li '*Inqas l-ewwel tir vicin kien.*' It-tieni tir kien '*forsi kienet tlettin/ erbgħin metru għax ma nafux ezatt fejn instabu l-iskratagg*'. Spjega li '*L-ewwel tir fuq il-bumper imbagħad l-ieħor wara kwazi immedjatament laqgħat il-karozza fuq.*' Il-Brigadier Calleja spjega li '*l-*

*ewwel waħda ta' l-bumper jigifieri fil-baxx ma kienet tolqot xejn zgur, it-tieni waħda ippenetrat biss il-metall tat-tail gate ta' wara mas-saqaf jigifieri ma daħlitx minn hemm hekk imbagħad meta bullet taħbat ma' xi ħaga, id-direzzjoni tagħha tvarja ma tibqax dritta jigifieri ma nistax ngħidlek ezatt, li hu zgur li laqgħtet il-karozza fuq it-tail gate fuq in-naħa tax-xellug ta' wara u direzzjoni daqs xejn 'l isfel kienet.'*

Il-Qorti staqsiet '*dik it-tip ta' arma f'distanza ta' erbgħin jew ħamsin jew sittin jew sebgħin metru ma nafx, f'dak ir-range xi ħsara tista' tagħmel jekk persuna tiltlaqat bil-balla?*' u l-Brigadier Calleja wiegeb '*Jekk tiltlaqat persuna anka minn distanza ta' erbgħin metru tista' tikkagunalu l-mewt pero' f'dan il-kaz peress li laqtet ħadid u dan, is-saħħa ta' l-bullet naqset ħafna. Fil-fatt ma ppenetratx għal kollox.*'

Wahda mill-konkluzjonijiet misjuba fir-relazzjoni tal-esperti tal-ballistika il-Brigadier Maurice Calleja, s-Sur Jesmond Cassar u PS 46 Charlot Casha immarkata bhala MC1 a fol 482 et sequitur, senjatament a fol 495 et sequitur kienet li '*Wara li hadu in konsiderazzjoni t-trajettorja tat-tiri li kellha fuqha l-karozza l-milquta, u l-inhawi fejn l-esponenti gew indikati li sehh l-incident, jigifieri li t-triq hija wahda ghan-nizla, l-esponenti huma tal-fehma li t-tiri setghu saru hekk. L-ewwel tir kien dak li laqat il-karozza fuq il-bumper (**Entry Hole B**). Dan kellu direzzjoni angolata naqra l-isfel u fl-opinjoni tal-esponenti dan gie sparat waqt li l-vettura kienet fit-triq Edgar Bernard. It-tieni tir laqghat il-karozza fuq il-parti ta' fuq tal-bieba ta' wara (Entry Hole A). L-esponenti huma tal-opinjoni li dan it-tir li huwa angolat l-isfel u direzzjoni diagonali gie sparat waqt li l-karozza kienet qed iddur lejn triq fuq in-naha tax-xellug ta' Triq Edgar Bernard.*'

Il-Brigadier Maurice Calleja u Jesmond Cassar[18] xehdu in kontro-ezami fis-16 ta' Ottubru 2017 fejn ikkonfermaw li l-ewwel tir kien daqxejn iktar gholi mir-rota imma kwazi mar-rota ezatt ta' wara tal-lemin. Li '*l-ewwel tir kien, ma nafx forsi xi ghoxrin (20) metru, hamsa u ghoxrin (25) metru u laqghat, id-dehra kienet immirata lejn ir-rota ta' wara ghax hemmhekk laqat.*' Ikkonferma li meta jigi sparat tir f'ghoxrin metru l-mira ta' dak li jkun tkun ahjar, iktar ma ttawwal l-mira jew l-abilitajiet jew il-potenzjalita dejjem

[18] Fit-traskrizzjoni indikat bhala Jesmond Luciano.

tonqos. Ikkonfermaw li t-tieni tir kienet ferm izjed il-boghod milli kienet meta ntlaqat l-ewwel tir. Spjegaw li '*wara li spara l- ewwel tir mexa bilfors sal-kantuniera ghax il-karozza daret lejn il-lemin, li kieku baqghet fejn kien ma kienx jaraha.*' Spjega li '*meta spara l- ewwel tir kienet hdejn id-dar, imbaghad daret lejn il-lemin, imbaghad it-tieni tir sar meta l- karozza daret lejn ix-xellug u kienet daqsxejn ghan-nizla.*' Spjega li l-ewwel tir gie sparat mhux fejn intlaqtet il-karozza fejn habtu l-karozza izda lilhom gie indikat post iehor vicin l-entratura tal-Pixxina Nazzjonali. Ikkonferma li bl-evidenza li ghandhom jghidu li l-ewwel tir laqghet in-naha tat-tyre tan-naha tal-lemin ta' wara. It-tieni tir laqat is-saqaf u s-saqaf niezla l-isfel kienet il-karozza u ttir mill-*left* ghar-*right* ma setax kien l-ewwel tir. L-ewwel tir laqat il-bumper u t-tieni tir laqat is-saqaf. Ikkonferma li d-dislivell ghamel differenza u jahseb li t-tieni tir lanqas seta' jara l-karozza kollha. It-tieni tir, il-karozza kienet nizla xi tletin (30) metru l-boghod minn fejn intlaqtet il-karozza l-ewwel darba. Spjega li '*Minn fejn kien forsi kien qed jimmira lejn ir-rota dak il-hin ukoll, pero' sakemm spara l-karozza nizlet u ntlatet from right to left, angolata daqsxejn l-isfel. Jigifieri bilfors ma setax laqatha hekk jekk kienet fuq it-triq invellata, kien niezel triq ohra.*' Spjega li '*meta spara t-tieni tir u anke l-ewwel tir ma kienx fi stat kalm, jigifieri kein qed jippanikja u f' dik id-distanza mhux facli, moving targets xi tletin (30), erbghin (40) metru l-boghod with a hand gun, ma kellu cans jimmira ezatt, mhux facli.*' Li jekk kien qed jimmira lejn it-tyre mhux facli li laqat it-tyre. Jahseb li t-tieni tir huwa rizultat ta' paniku, ta' mira, l-karozza kienet miexja. Spjega li biex gew dawk l-angolaturi jrid ikun hemm perjodu twil bejn l-ewwel tir u t-tieni tir, li jrid ikun hemm tul ta' sekondi. Il-pozizzjoni ta' Sheehan bejn l-ewwel u t-tieni tir mhux necessarjament baqghet l-istess, seta' ccaqlaq. L-elevazzjoni t-tnejn kellhom direzzjoni naqra l-isfel li jindika li jahseb li min spara kien bilwieqfa. Li setgha ccaqlaq bejn l-ewwel u t-tieni tir izda fuq saqajh. Spjega li '*wara li sar l- ewwel tir, qed nghidu li gie lejn in-naha tax-xufier biex nifthemu, l- karozza bdiet iddur sewwa.*' Spjega li '*kif appena bdiet iddur il- karozza jista jkun li min spara kien ghadu bl- istess mira, forsi gholla naqra, jew haga jew ohra u l- karozza daret. Kif daret il-karozza ntlaqtet dak il-hin, jigifieri l-fatturi nahseb li kollha qeghdin hemmhekk.*' Spjega li '*l-ewwel tir sar waqt li l-karozza miexja dritta, probabilment kien ghadu qed jimmira u kiser lejn ix-xellug u l- karozza laqas kienet tidher kollha fin-nizla u laqatha.*' Jghid li ghaddew sekondi, sekonda, tnejn,

ma jafx. Ikkonferma li min spara ha l-mira u ma sparax wahda fuq l-ohra. Spjega '*Spara, ha l-mira u waqt li qed idur qed jimmira nizlet il- karozza u haga ohra Sur Magistrat, skratac li suppost kien hemm tnejn ma nstabitx ghax forsi kieku nsibu skartocc hawn u l-iehor hemmhekk.*' Spjega '*L-ewwel tir bilfors ma setax kien ta' fuq ghaliex kienet angolata mix-xellug ghal-lemin.*' Il-konkluzjonijiet taghhom kienu tenut kont tal-post jew postijiet li ndikawlhom u li seghu jaraw kemm fuq il-post kif ukoll il-vettura milqutha u l-esperjenza li ghandhom. Meta mistoqsijin mill-Qorti '*Kien hemm xi hadd go fiha, issa mil- pozizzjoni fejn kien dak illi kien qieghed isuq tajjeb u l- mod ta' kif gew sparati dawn it-tiri, issa again mil- esperjenza taghkom ma tistax tghid tir kif jispicca agreed, pero' kien hemm, jekk kien hemm ostakli biex il-persuna li kienet qed issuq tintlaqat b'dawn il-ballal?*' wiegeb '*Ovjament seta' ntlaaqat, pero' minn fejn gi sparat it-tir ghad-direzzjoni tal- karozza bilfors il- bullet li kieu ppenetrat bilfors trid tghaddi ghall-inqas mill- hgiega tat-tieqa ta' wara.*' Spjega li l-hgieg jilqa' hafna u li ltaqa ma hafna kazi fejn il-hgieg ipprotegieh lix-xufier. Mistoqsi '*U apparti l-qawwa l- hgieg ikollu effett, jew jista jkollu effett ukoll fuq it-triattorja tal- balla?*' wiegeb '*Jien nahseb jista, pero' mhux distanza qasira.*' *Mistoqsi* '*Distanza qasira bhal?*' wiegeb '*Bhal mitt tieqa ta' wara ghal fejn ikun ix-xufier, jekk tvarja sitt (6) pulzieri tnaqqasha imma mbaghad fit-tul tvarja hafna.*'

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qieset li:

'*Kif rajna, l-esperti ballistici waslu ghall-konkluzjoni illi l-ewwel tir kien dak li laqat il-vettura fuq il-bumper (entry hole B) minn direzzjoni angolata ftit 'l isfel, u dan gie sparat waqt li l-vettura kienet ghadha fi Triq Edgar Bernard, filwaqt li t- tieni tir (entry hole A), laqat il-vettura fuq il-parti ta' fuq tal-bieba ta' wara, u dan kien* ***angolat 'l isfel u direzzjoni dijagonali, oltre li gie sparat meta l-vettura kienet qieghda ddur lejn triq fuq ix-xellug ta' Triq Edgar Bernard****. L-espert Brigadier Calleja xehed*[19] *ukoll illi fil-fehma tieghu, it-tiri gew sparati lejn il- vettura minn distanza ta' cirka 40 jew 30 metru jew inqas. L-esperti qalu wkoll illi l-angolaturi li rrizultaw fl-entry holes tal-balel jindikaw juru illi kien*

[19] Xhieda tas-16 ta' Ottubru 2017. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn u erbghin (42) tas-sentenza appellata)

*"... hemm perijodu twil bejn l-ewwel tir u t-tieni tir".*

*Izda hawnhekk il-Qorti tissenjala li ma tistax tikkondividi l-fehma tal-esperti ballistici, sija fir-rigward tas-sekwenza tat-tiri li laqtu lill-vettura ta' Smith, sija kwantu ghat-trapass ta' hin bejn iz-zewg tiri u lanqas kwantu ghad-distanza li kien hemm bejn l-imputat meta spara t-tiri, u l-vettura ta' Smith. Ghall-Qorti, li ghandha l-vantagg li rat il-filmat Dok. MB3, semghet ir-recordings tat-telefonati u qrat ukoll ix-xhieda tal-persuni li raw l-incident isehh, huwa evidenti li dawn il- konkluzjonijiet m'humiex sorretti mill-provi u jinsabu manifestament kontradetti mill-evidenza fl-atti. Konsegwentement, il-Qorti qieghda tezercita d-diskrezzjoni lilha moghtija mill-Artikolu 656 tal-Kap. 9, u billi m'hijiex perswaza bil-konkluzjonijiet tal-esperti mahturin minnha stess, qieghda tiddiskosta ruhha mill-konkluzjonijiet taghhom, u dan ghall-motivi hawn taht rapportati.*

*Kif gia` nghad, ma jirrizultax illi l-filmat Dok. MB3 kien a dispozizzjoni tal- esperti ballistici. Minn dan il-filmat, l-imputat jidher kjarament jipponta xi haga lejn vettura ta' lewn car u hekk kif din il-karozza titlaq minn pozizzjoni wieqfa, jinstemghu zewg tiri in rapid succession. Kif appena jinstemghu dawn iz-zewg tiri, il-filmat jerga' juri lill-imputat fin-nofs ta' Triq Edgar Bernard, ihares lejn in- naha ta' wara ta' vettura niezla gewwa l-istess triq,* ***liema vettura ghadha qrib hafna tal-istess imputat anke immedjatament wara t-tieni sparatura****. Effettivament, din il-vettura, li jirrizulta li hija ta' Smith, tidher fit-00.08 sekonda tal-filmat li hija vicin ferm tal-imputat minnufih wara li gew sparati z-zewg tiri. Huwa sinjfikanti wkoll illi biex telaq minn fuq il-post, Smith saq quddiem l-imputat[20], kif jidher fil-filmat.*

*Dan kollu jfisser illi meta gie sparat l-ewwel tir, kif ukoll meta gie sparat it-tieni tir,* ***kien hemm distanza ta' ferm inqas mill-inqas distanza msemmija mill- esperti ballistici, bejn l-imputat u l-vettura ta' Smith[21]****. Ghall-Qorti huwa wkoll ovvju illi l-vettura ta' Smith ma kienetx ghadha daret ma' ebda kantuniera fil-hin tal-isparaturi,* ***hlief mal-***

[20] Dan jirrizulta wkoll mit-testimonjanza ta' Stephen Smith u ta' Claudia Nicastro. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlieta u erbghin (43) tas-sentenza appellata)

[21] L-esperti ballistici kkonkludew illi meta giet sparata t-tieni tir il-vettura ta' Smith kienet qieghda ferm iktar 'il boghod minn 25 metri mill-imputat. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbgha u erbghin (44) tas-sentenza appellata)

***kanutinera bejn Triq Wied Kappara u Triq Edgar Bernard, proprju quddiem l-imputat innifsu****. B'zieda ma' dan, Claudia Nicastro u x-xiehda okulari l-ohra li xehdu quddiem il-Qorti kif ukoll fl-atti tal- Inkjesta Magisterjali, xehdu b'mod univoku illi* ***z-zewg tiri gew sparati kif appena l-vettura ta' Smith ghaddiet quddiem l-imputat u daret fi Triq Edgar Bernard****.*

*Mill-filmat huwa manifest ukoll illi - kuntrarjament ghal dak li xehdu l-esperti[22] izda konformement ma' dak li xehdu x-xiehda okulari - bejn iz-zewg tiri kien hemm trapass ta' milliseconds u zgur mhux ta' sekondi. Dawn it-tiri wara kollox jinstemghu kjarament fir-recording tat-telefonata li saret mill-imputat lill-Control Room fid-20:46[23]. Din l-evidenza, senjatament il-filmat, ixxejjen ukoll, ghalhekk, il-konkluzjoni tal-espert illi "... it-tieni tir [l-imputat] lanqas seta' jara l-karozza kollha".*

*Il-gabra tal-evidenza sija okulari u sija wkoll dik awdjo/viziva, tikkonvinci lill- Qorti illi l-ewwel tir sparat ma kienx dak li laqat il-bumper ta' wara kif ikkonkludew l-esperti ballistici, izda kien dak li laqat in-naha tax-xellug tal-bieba ta' wara (tailgate) tal-vettura ta' Smith. Il-Qorti qieset illi l-esperti kkostataw illi t-tir li laqat il-bieba ta' wara tal-vettura, gie sparat meta l-vettura kienet qieghda f'pozizzjoni angolata u kienet qieghda ddur lejn il-lemin ("kif daret il-karozza ntlaqtet dak il-hin..."). Effettivament,* ***meta gie sparat l-ewwel tir, il-vettura ta' Smith, li kienet ghada kif ghaddiet quddiem l-imputat, kienet qieghda ddur lejn il-lemin biex tidhol gewwa Triq E. Bernard mill-kantuniera ma' Triq Wied il-Kappara****, u dan kif jidher manifestament fil-filmat. Il-Qorti tosserva wkoll illi ma jirrizultax mill-provi li kien hemm xi waqt iehor meta l-vettura ta' Smith daret jew kellha ghalfejn iddur, lejn il-lemin, ghaliex mill-provi jirrizulta illi Smith saq it-tul kollu ta' Triq Edgar Bernard u dar lejn* ***ix-xellug*** *biss meta wasal fl-ahhar tat-triq biex jaqbad Sliema Road. Ghaldaqstant, jikkonsegwi illi kien proprju fil-mument meta l-vettura ta' Smith kienet qieghda ddur lejn il-lemin ghal go Triq Edgar Bernard, li gie sparat l-ewwel tir li laqat it-tailgate tal-vettura b'mod dijagonali.*

---

[22] Xhieda tas-16 ta' Ottubru 2017. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata hamsa u erbghin (45) tas-sentenza appellata)

[23] *Recording* formanti parti minn Dok. MB2. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sitta u erbghin (46) tas-sentenza appellata)

*Dan il-moviment tal-vettura ta' Smith fil-hin li gew sparati l-balel, huwa affermat minn Smith innifsu li fix-xhieda tieghu fisser illi hekk kif kien ser idur il- kantuniera fuq il-lemin fit-tarf tat-triq biex idur gewwa Triq Edgar Bernard, sema' tir u b'kollox sema' zewg tiri. Claudia Nicastro, meta xehdet fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali[24], ukoll spjegat kif rat wiehed mill-irgiel involuti f'dan l-incident, jidhol jigri fil-vettura tieghu bit-targa barranija u jsuq bis-sahha fid-direzzjoni tal- lemin. Hija xehdet hekk:-*

*"... meta ra dan, ix-xufier tal-vettura bit-targa GM min-nofs it-triq ghamel zewg passi 'l quddiem peress li kien resaq lura biex ghaddiet bis-sahha l-vettura bit- targa barranija, u spara zewg tiri fid-direzzjoni tal-vettura li harbet minn fuq il- post."*

*Dan kollu jwassal lill-Qorti temmen illi filwaqt li evidentement, it-tiri sparati ma kienux warning shots, bl-ewwel tir tieghu, l-imputat mhux biss spara at very close range izda spara f'mument meta l-vettura ta' Smith kienet f'angolatura li tikkombaccja perfettament mal-ispjegazzjoni tal-esperti ballisitici li "kif daret il- karozza ntlaqtet dak il-hin...". Kemm hu hekk, l-istess esperti fissru wkoll illi t- trajettorja ta' din il-balla kienet mix-xellug ghal-lemin[25]. Meta mbaghad gie sparat it-tieni tir, il-vettura kienet lahqet iddrittat biex b'hekk it-trajettorja tal-balla fl- entry hole, ma kienetx daqshekk angolata[26]. Dan kollu huwa evidenti mill-filmat Dok. MB3, u meta wiehed iqabbel dak li jinstema' fir-recording ta' din it-telefonata[27] mal-istess filmat, jirrizulta illi effettivament, it-tiri gew sparati kif appena il-vettura ta' Smith* ***tinstema' u tidher titlaq*** *minn fuq il-post.*

*Ghalkemm fix-xhieda tal-esperti ballistici u waqt it-trattazzjoni finali tad-difiza, sar accenn ghal xi dizlivell fit-triq li seta' wassal sabiex it-tieni tir laqat in-naha ta' fuq tal-vettura, vicin*

---

[24] Fol. 794. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sebgha u erbghin (47) tas-sentenza appellata)

[25] Ara xhieda tal-esperti 16 ta' Ottubru 2017. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tmienja u erbghin (48) tas-sentenza appellata)

[26] Fol. 470. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata disgha u erbghin (49) tas-sentenza appellata)

[27] Formanti parti minn Dok. MB2 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata hamsin (50) tas-sentenza appellata)

*is-saqaf, il-Qorti tosserva illi mill-provi ma jirrizultax illi hemm xi dizlivell bejn iz-zewg toroq Triq Wied Kappara u Triq Edgar Bernard, jew xi dizlivell sinjifikanti fi Triq Edgar Bernard innifsu. Ghall-Qorti hu ovvju li l-esperti ballisitici, fil-konkluzjoni taghhom dwar l-elevazzjoni differenti fiz-zewg tiri, naqsu milli jikkunsidraw il-possibbilita` illi min spara seta' biddel il-mira biex minn pozizzjoni iktar elevata, din tbaxxiet biex it-tieni tir ma regghex laqat is- saqaf izda l-bumper tal-vettura moventi.'*

L-**artikolu 656 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta jaqra' *Min għandu jiddeċidi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-persważjoni tiegħu'*. Ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet tiddipartixxi mill-konkluzjoni li lahqu l-esperti gialadarba din ma kinitx in toto tikombaca mal-provi prodotti. Din il-Qorti izda ma taqbilx mal-Ewwel Qorti fl-intier tal-kunsiderazzjonijiet taghha. Taqbel li jirrizulta li t-tiri kienu *successive shots* u cioe' wahda wara l-ohra. Dan huwa kkonfermat kemm mir-recording tat-telefonata waqt li l-appellant kien fuq il-linja mal-*control room* kif ukoll mil-filmat u cioe MB3 fejn it-tiri jinstemghu wara xulxin. Dwar jekk kienx it-tir li laqghat il-bumper jew kienx it-tir li laqghat it-tail gate li nghata l-ewwel, dan ma jistax jigi determinat b'certezza. Il-filmat immarkat bhala MB3 ma huwiex daqstant car tant li fil-mument tal-isparaturi la l-vettura u lanqas l-appellant ma jidhru izda ezatt wara jidher l-appellant u l-vettura presumbilment mijsuqa minn Smith u l-appellant jigri lura lejn il-vettura Ministerjali waqt li jghajjat '*Harabli*'. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax teskludi b'certezza dak li ikkonstataw l-esperti. In oltre' kif anke xehdu l-esperti, l-iskratacc ma nstabux u ghalhekk ma setghux jghidu b'certezza fejn nghataw it-tiri.

Din il-Qorti tqis li l-appellant ma kienx f'distanza kbira bejnu u l-vettura misjuqa minn Stephen Smith meta spara z-zewg tiri tant li fil-filmatt immarkat bhala MB3 il-vettura li din il-Qorti qieghda tifhem li hija dik misjuqa minn Smith kienet ghada tidher wara li sehhew l-isparaturi. In oltre' mill-filmat jirrizulta li fid-direzzjoni li harbet il-vettura, it-triq mhijiex wahda fi dritt izda qieghda kemm kemm ghan-nizla kif ikkonstataw l-esperti ballistici. Ghalhekk filwaqt li l-provi ma jaqblux ma dak kollu li kkonstataw l-esperti ballistici, ir-relazzjoni u x-xhieda taghhom ma tistax tigi skartata kompletament.

Dak li din il-Qorti trid tqis hija jekk gietx pruvata l-intenzjoni generika tal-appellant li jaghmel hsara. Ghalkemm din il-Qorti tqis li l-appellant ma kellu qatt jispara z-zewg tiri direzzjonati lejn il-vettura fic-cirkostanzi li nstab fihom, dan ma jfissirx li kellu jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni kif sussegwentement l-Avukat Generali indika permezz tal-artikoli. Jehtieg li tigi pruvata fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni li l-appellant kellu l-intenzjoni jikkawza hsara fuq il-persuna ta' Smith.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Kylie Borg Vs Leonardo Balzan'**[28] gie kkunsidrat li:

*'Issa l-appellanti isejjes dina il-lanjanza dwar l-apprezzament zbaljat maghmul mill-Ewwel Qorti meta din giet biex tqies l-elementi intenzjonali ta' dan ir-reat, fuq premessi legali zbaljati. L-appellanti jishaq illi huwa qatt ma kellu l-intenzjoni li jikkaguna ebda forma ta' hsara lill-parti leza billi kull ma ghamel kien li xejjirlu daqqa ta' harta u dan sabiex irazzan l-imgieba ingurjuza ta'l-istess fil-konfront tieghu. Certament li ma kienx qed jipprevedi l-event dannuz li ikkonsegwa u cioe' li l-vittma spicca tilef il-bilanc, waqa' lura ma'l-art u wegga rasu biex b'hekk spicca sofra griehi gravi. Illi jibda' biex jinghad illi l-appellanti qatt ma jista' jargumenta illi l-agir tieghu ma kienx isarraf f'wiehed li jikkaguna hsara billi huwa indubitat illi meta wiehed ixejjer daqqa ta' harta fil-konfront ta' persuna ohra xi hsara necessarjament tigi ikkagjonata. Mela allura meta fil-mument illi l-appellanti ireagixxa ghal kliem ingurjuz li indirizza fil-konfront tieghu Micallef bil- vjolenza huwa certament seta jipprevedi illi tali agir kien ser jikkawza xi forma ta' hsara anke jekk minima. Issa f'dan l-aggravvju minnu intentat l- appellanti donnu qieghed jinvoka a favur tieghu l-kuncett legali ta' dak li fid- dritt penali taljan jissejjah bhala "dolo preterintenzionale"[29], figura guridika izda li ma tikkonfigurax fid-dritt penali taghna, hlief forsi fil-kaz tal-offiza gravi sewgieta bil-mewt biss izda meta din isehh minhabba n-natura jew il- konsegwenzi naturali tal-offiza u ukoll*

[28] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju, 2017 (Appell Nru: 327/2016)

[29] Articolo 43 Codice Penale: è preterintenzionale, o oltre l'intenzione, quando dall'azione od omissione deriva un evento dannoso o pericoloso più grave di quello voluto dall'agente (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) tas-sentenza citata)

*minhabba xi kawza accidentali li tinqala wara*[30]*. Il-ligi taghna izda ma tikkontemplax is-sitwazzjoni fejn l- awtur ta' reat li ikollu l-intenzjoni jikkaguna offiza hafifa jispicca jikkawza offiza gravi jew gravissima. Dan ghaliex kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti fid- decizjoni impunjata l-intenzjoni li wiehed jikkaguna hsara hija wahda generika bl-awtur tar-reat iwiegeb ghal hsara kollha konsegwenzjali li tista' tohrog mill-agir tieghu u allura meta jigi ippruvat illi l-awtur kellu intenzjoni jikkaguna xi forma ta' hsara zghira kemm hi zghira, huwa xorta wahda irid iwiegeb ghad-danni kollha, anke jekk gravi, li jikkonsegwu minn dak l-agir. Fuq kollox kif ighid l-awtur Anolisei:*

*"il dolo sussiste tutte le volte che il reo ha previsto che il suo comportamento avrebbe potuto determinare un pregudizio all'integrira personale del paziente ed ha agito al fine o a costo di cagionarlo."*

***Issa minn ezami li ghamlet mill-gdid ta'l-atti din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha, tqies illi l-appellanti certament seta' jipprevedi illi r-reazzjoni sproporzjonata u vjolenti li kellu fil-konfront tal-parti leza kienet ser tikkawza xi hsara billi certament ma jistax jikkonvinci lil din il-Qorti meta ighid illi meta huwa xejjer daqqa ta' harta, u cioe' ikkometta azzjoni li minnha innifisha issarraf fi vjolenza, huwa la ried u lanqas seta jipprevedi xi event dannuz****. Illi anke ix-xhieda moghtija mill-appellanti quddiem il-Qorti hija evidenza ta' din l-intenzjoni meta jishaq illi meta l-parti leza indahal fl- argument li huwa kellu mal-foreman u ghajjru egoist ghal iktar minn darba, huwa wiegbu biex ma jindhalax u ighid hekk:*

*"Argumentajna hu.." "Argumentajna fl-ilsien ukoll ..." "Jien dehrli li resaq lejja .... Biex jikkonfrontani u jien mad-daqqa b'idejja tajtu daqqa ... daqqa ta' harta go wiccu..." Illi dan jindika l-intenzjoni ta'l-appellanti li jwiegeb bi vjolenza f'argument li kellu ma' Micallef u allura ma jistax jitwemmen meta ighid li ma riedx iwegga' lil siehbu jew ghal ta'l-anqas li ma setax jipprevedi li bl-agir tieghu seta' jikkaguna hsara. Allura l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, liema konkluzjonijiet din il-Qorti tikkondividi pjenament. Kwindi dan l-ewwel aggravvju qed jigi rigettat,.'*
(Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

---

[30] Ara artikolu 220 tal-Kodici Kriminali (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlieta (3) tas-sentenza citata)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubbblika ta' Malta v. John Polidano ... omissis ... ... omissis ... Silvio sive Saviour Pace'**[31] gie kkunsidrat li:

*'Hekk, l-Imhallef li ppresjeda l-guri rrefera ghal "principju" jew "presunzjoni" li kulhadd irid jew jintendi l-konsekwenzi naturali li jkunu previsti jew ragonevolment prevedibbli ta' ghemilu. Meta kien qieghed jispjega kif il-gurati jistghu jaslu biex isibu l-intenzjoni, qal li dan setghu jaghmluh mill-ezami tal-provi u mill-ezami tac-cirkostanzi. Imbaghad kompla hekk:*

*"Issa, sinjuri gurati, fin-normalita` tal-hajja meta xi hadd jaghmel xi haga eccezzjonalment jigi dan u jghidlek ara jiena qtilt lil X u kelli l-intenzjoni li noqtlu – ftit jigru, rarissimu dawn, li jkollok konfessjoni daqshekk cara. U allura tqum il-problema kif ser tkun taf xi hsieb kellu fil- mument dak li jkun li ghamel l-att. U hemm principju, sinjuri gurati, li ser nghidilkom x'inhuwa pero` nitlobkom tinnotawh, niddettahulkom,, ghaliex a bazi ta' dan il-principju, a bazi ta' dan it-test, intom tistghu mbaghad taraw x'kienet l-intenzjoni ta' kull akkuzat. U l-principju, biex nghidilkom x'inhuwa sinjuri gurati, huwa li skond il- ligi, kulhadd irid jew jintendi – issa nerga' naqrahulkom bil- mod dan ma jimportax – kulhadd irid jew jintendi l- konsegwenzi naturali li jkunu previsti minnu jew ragonevolment prevedibbli, ta' dak l-ghemil tieghu, ta' dak l-ghemil li hu jaghmel volontarjament. U dan l-ghemil jaghmlu ghaliex hekk irid, ma jimportahx mill- konsekwenzi, u jibqa' ghaddej u jaghmel dak l-ghemil. Mela l-principju huwa illi kulhadd – huwa prezunzjoni fil- fatt, kulhadd irid il-konsekwenzi natural ital-ghemil tieghu, li hu jaghmel b'mod volontarju, il-konsekwenzi li hu stess seta' jipprevedi jew ippreveda, jew konsekwenzi li kienu ragonevolment prevedibbli, u b'danakollu ma importahx minn dawk il-konsekwenzi u baqa' jaghmel dak li kien qed jaghmel. U meta nghidu ragonevolment prevedibbli, sinjuri gurati, din tfisser, il-kelma ragonevolment – nuzawha kontinwament – tfisser li din tkun xi haga li kwalunkwe bniedem normali jista' jipprevedi. Mela haga illi bniedem ragonevoli jista' jipprevedi, ma tkunx haga straordinarja jigifieri. Naghti ezempju – qieghed fit-triq jiena nsuq il- karozza tieghi, nara persuna, ma nafx min hi, qed taqsam, u dak il-hin jiena naghfas il-gas, 50/60 miles per hour, u ntajjarha – irrid intajjarha lil din il-persuna, u allura l-bwon sens taghkom, ghal dik li hija l-intenzjoni tieghi, x'jghidilkom, il-konsekwenzi ta' dak l-att tieghi, li jiena ghamilt volontarjament, ghax hekk ridt, x'kienu? Jew li jmut jew ghall-inqas ikorri.*

[31] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-12 ta' Dicembru, 2007 (Numru: 2/1995)

*Tajjartu dan m'ghola zewg sulari – gejt jigifieri ma jimportanix, huma konsekwenzi li stajt nipprevedi, huma konsekwenzi li bniedem ragonevoli jipprevedi, pero` ma jimportanix, ghamilt dak li ridt naghmel. F'dak il-kaz irrid inwiegeb ghal dawk il- konsekwenzi, ma nistax nghid allura isma' jiena ma kellix intenzjoni li noqtlu tafx, jew li naghmillu ferita. Jiena l-intenzjoni tieghi kienet li naghtih qata'. Le. U hudu l-kaz li jiena ridt intih qata', b'dak li ghamilt huwa prevedibbli li naghtih qata' biss jew huwa prevedibbli li hu jmut, u jkun hemm dawk il-konsekwenzi? Hekk issibuha l-intenzjoni, sinjuri gurati, billi taraw il-fatti u mill-fatti u mic-cirkostanzi taslu ghall-intenzjoni.*

*Mela jekk xi hadd jaghmel xi haga volontarjament, ghax hekk irid, - hu l-konsekwenzi naturali ta' dak l-att tieghu kienu previsti minnu bhal dan l-ezempju li semmejt, jew kienu ragonevolment prevedibbli, mir-reasonable man, persuna kwalunkwe ragonevoli, tgjid iva, dak il- konsekwenzi l-mewt, u dan xorta wahda ghamel li kellu jaghmel – allura mbaghad araw intom l-intenzjoni x'inhija. Pero` intom tridu tistabiluha, sinjuri gurati, ghax l-intenzjoni hija kwistjoni ta' fatt u allura hija f'idejkom."*[32]

*Imbaghad meta l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien qieghed jispjega lill-gurati l-elementi tad-delitt kontemplat fl-artikolu 311 tal-Kodici Kriminali, spjega l-element ta' l-intenzjoni bis-segwenti mod:*

*"l-intenzjoni li titlob il-ligi hawn hekk hija dik, halli niehu lili bhala ezempju, hija dik li jiena rrid naghmel esplozjoni u naghmilha volontarjament ghax hekk irrid u ghalhekk il-konsekwenzi naturali ta' din l-esplozjoni jew huma previsti minni – nipprevedihom – jew kienu ragonevolment prevedibbli, b'dana kollu jiena ma importanix minn dawk il-konsekwenzi naturali u bqajt ghaddej u ghamilt l- esplozjoni. Mela hawn hekk mill-ewwel ghandkom tindunaw li meta konna dalghodu fil-bidu nett qed nispjegalkom kif taslu ghal intenzjoni, hawn hekk qed nerga' nirrepeti bejn wiehed u iehor dak il-kliem. Mela l-intenzjoni rikjesta f'dan id-delitt hija li jiena rrid naghmel esplozjoni, jigifieri volontarjament, u l-konsekwenzi naturali ta' dik l-esplozjoni, ghalkemm huma previsti minni jew ragonevolment prevedibbli, jiena b'danakollu ma importani xejn u ghamilt l-att li bih*

[32] Tape 83 p.25–26. (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna enumerata tas-sentenza citata)

*gibt l-esplozjoni. Dik hija l-intenzjoni rikjesta f'dan id-delitt – l-intenzjoni volontarja. U nerga' nghid bhal ma ghidt qabel – jekk fil- fatt dawn il-konsekwenzi ghalkemm prevedibbli ma jirrizultawx, ma gara xejn, xorta jiena responsabbli ta' dak id-delitt. Jigifieri ghalkemm hemm konsekwenzi naturali, ovvji, li wiehed facilment seta', jew ragonevolment jipprevedi, jekk fil-fatt, f'dan id-delitt, ma jirrizultawx dawk il-konsekwenzi, jiena xorta wahda responsabbli ghal dak li ghamilt.*

*Mela biex tkunu certi minn dan li qed nghid, sinjuri gurati, l-intenzjoni li trid tippruvalkom il-prosekuzzjoni – dejjem sal-grad tal-konvinciment morali – hija li min ghamel l-att tal-esplozjoni, l-awtur jigifieri, min ghamel dik l-esplozjoni, fl-ewwel lok ghamilha ghaliex hekk ried, volontarjament; fit-tieni lok dan meta l-konsekwenzi li jsemmi l-artikolu 311 kienu previsti minnu, wahda jew l-ohra, ma hemmx ghalfejn it-tnejn, jigifieri l-kosekwenzi wahda hija li jpoggi l- hajja ta' haddiehor f'perikolu jew il-kwistjoni ta' hsara gravi fil-proprjeta` - jigifieri dawn il-konsekwenzi kienu previsti minnu, wahda jew l-ohra, jew it-tnejn – jew kienu konsekwenzi dawn li wiehed bil-bwon sens, jara li huma prevedibbli u b'dana kollu min ghamel dak l-att ma giex jimportah minn dawk il-konsekwenzi, u ghamel dak l-att.*

*Mela issa, sinjuri gurati, biex taslu ghal din l-intenzjoni, tridu ovvjament tezaminaw il-provi, il-provi kollha bic- cirkostanzi, biex taraw jekk fil-fatt, min ghamel l-esplozjoni kellux ukoll din it-tip ta' intenzjoni. U hawn hekk mela nerga` nirreferikom ghall-ezempju li tajtkom fil-bidu, meta jiena qed insuq il-karozza u nsuq b'sahhti kollha fuq bniedem – wiehed allura x'ragonevolment x'jista' jghid li huma l-konsekwenzi. U jiena allura f'dak il-kaz irrid inwiegeb ghal dak id-delitt."*[33]

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti**'[34] gie meqjus li:

*'32. Illi fl-ewwel aggravju, minnu intentat l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti naqset milli tinoltra ruhha fl-element formali mehtieg sabiex jissussisti r-reat tat- tentattiv ta' l-omiċidju.*

*33. Issa l-kompjant Professur Sir Anthony Mamo, b'referenza għal ġurista Carrara, u għall-*

[33] Tape 83 p.33–34. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) tas-sentenza citata)

[34] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fit-3 ta' Ottubru, 2018 (Att ta' l-Akkuza Numru: 4/2011)

*klassifikazzjonijiet li jaghti tal-element formali tar-reat tal- omicidju, jishaq illi l-intenzjoni pozittiva diretta (positive direct intent) tirriżulta 'whenever the consequences of one's act are foreseen as certain or even as probable and desired' filwaqt li l-intenzjoni pozittiva indiretta (positive indirect intent), skont il-Carrara, tirriżulta meta 'the event was merely a possible consequence of one's act, which event was either not foreseen at all, or was foreseen but not desired'.*

*34. Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament komposta fit-8 ta` Novembru 1988 fil-kawza : "Ir-Repubblika ta` Malta vs Francis Casaletto" inghad :-*

*'Skond il-ligi taghna fl-omicidju volontarju l-intenzjoni mhux bil- fors trid tkun dik tal-qtil (animus necandi) Hu bizzejjed jekk l- intenzjoni kienet li jpoggi il-hajja ta' dak li jkun f'periklu car. Meta l-intenzjoni hi li toqtol allura dik hija l-intenzjoni diretta. Meta l-intenzjoni hija dik li tpoggi l-hajja f'perikolu car, dik hija intenzjoni pozittiva indiretta. Il-ligi taghna kif qal Sir Anthony Mamo fin-Noti tieghu fuq il-Kodici Kriminali "has considered that from the point of view of wickedness, having regards to the consequences ensuing there is nothing to distinguish between a man who with the positive clear intent of killing proceeds to do an act which in fact causes death, and the man who, although without positively desiring to kill, yet does an act which inherently and obviously is likely to kill and in fact causes death. The knowledge that the act is likely to kill, or the recklessness whether death clearly forseen as probable, shall ensue or not is properly treated by law on the same footing as the positive intention to kill."*

*Skond id-dottrina l-intenzjoni hija indiretta meta l-event kien semplicement konsegwenza possibbli ta' l-actus reus, liema event jew ma kienx previst jew kien previst izda mhux mixtieq. Jekk tali event kien previst u minkejja dan l-actus reus kien mixtieq u volontarju allavolja l-konsegwenza ma kinitx mixtieqa, l-intenzjoni indiretta tissejjah posittiva. Jekk, mill-banda l-ohra, l-event possibbli ma kienx la mixtieq imma lanqas previst, l-intenzjoni indiretta tissejjah negattiva .... tammonta ghal negligenza jew casus.*

*35. Il-gurisprudenza allura qed taghti tifsira lid-diċitura adoperata fil-liġi tagħna partikolarment meta fid-definizzjoni tal-omiċidju volontarju, fit-termini tal-artikolu 211 tal-Kodiċi Kriminali, jinghad illi l-actus reus jew l-att materjali jrid ikun akkumpanjat bl-intenzjoni li wieħed 'joqtol jew li jqiegħed il-ħajja f'periklu ċar'. Illi allura min irid jiġġudika*

*l-fatti, ghandu jieħu qies tal-provi kollha tal-każ li jkun u jiddeduċi minn dawk il-provi u miċ-ċirkostanzi tal-istess jekk minn ikkometta l-att materjali kellux ukoll l-intenzjoni kriminali li jikkomettih, kif inhu ampjament evidenzjat ukoll minn ġurisprudenza nostrana. Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-31 ta` Mejju 2001 fil-kawza "Il-Pulizja vs Marco Farrugia et" inghad illi :-*

*'Gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali.....'.*

*36. L-istess prinċipju kien ravvizzat fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament komposta, fil-kawza : "Ir-Repubbklika ta' Malta vs Salvatore sive Salvu Gauci" : deciza fit-8 ta` Lulju 2004 : fejn kien dikjarat illi :-*

***'Biex wiehed jara x'kienet l-intenzjoni, wiehed irid jara x'kienu l- fatti - l-att materjali li sar - kif ukoll ic-cirkostanzi li fih sehh dak l- att materjali. Wiehed irid jara x'arma intuzat, kif intuzat, 'il fejn giet indirizzata jew gew indirizzati d-daqqa jew id-daqqiet b'dik l- arma, x'diskors intqal sew qabel, waqt, kif ukoll wara li nghatat id- daqqa jew li nghataw id-daqqiet... Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva - jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att - u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja.**'*

*Ikkunsidrat :*

*37. Abbinati l-fatti kif diga` delinjati mad-dottrina u mal-gurisprudenza, jingħad preliminarjament illi l-appellant mhux qed jikkontesta li l-att materjali tar-reat kien ezegwiet minnu, iżda jikkontendi li l-element formali huwa nieqes ghaliex qatt ma kellu dik l-intenzjoni li jispara lejn Joseph u Redeemer Mifsud biex joqtolhom jew iqieghed il-hajja taghhom f'perikolu car. Hu jibqa' jishaq illi l- intenzjoni tiegħu kienet li jbezzaghhom meta spara lejn l-art u mhux fid-direzzjoni taghhom u dan sabiex igieghelhom jitilqu mill-propjeta*

*tiegħu u jħalluħ bi kwietu kif kien talabhom jagħmlu inizjalment. Fin-nuqqas, l-appellant qed jikkontendi illi semmai ghandu jikkonfigura r-reat ravviżat fl-artikoli 216(1)(a) u 217 u ċioe dak tal-ferita gravi li tista` ġġib periklu għall-ħajja iżda mingħajr l-ebda intenzjoni omiċida.*

*38. **__Ma hemmx dubju, fil-fehma ta' din il-Qorti, illi l-isparaturi sehhew hekk kif Joseph u Redeemer Mifsud kienu qed jillargaw minn fuq il-post, bit-tnejn li huma ghalhekk iharsu b'daharhom lejn l-aggressur taghhom u meta ma kenux armati la b'xi arma regolari u wisq anqas irregolari.__** Kif inghad din il-fehma hija konfortata mill-provi cirkostanzjali u indizzjarji. Il-feriti riskontrati fuq iz-zewg vittmi kienu jinstabu fl-aspett posterjuri tal-gisem u cioe' fid-driegh, fid-dahar u fiz-zaqq, allura fuq in-naha ta' wara u fil-genb. L-ebda tir ma laqathom fuq il-parti ta' quddiem ta' ġisimhom li setghet allura tkun indikattiva ta' xi konfront affrontali, kif ipprospettat mill-appellant. Lanqas ma rrizultaw xi griehi fir-riglejn u fis-saqajn tal-vittmi li jistghu jaghtu konfort lit-tezi tal-appellant illi huwa spara fid-direzzjoni tal-art. Inoltre kemm l-espert mediko-legali Dr Mario Scerri kif ukoll dawk ballistiċi jikkonfermaw li kien hemm distanza bejn Mifsud (missier u iben) u l-appellant meta ntlaqtu bit-tiri u fejn ghalkemm kien hemm minnhom li kienu mill-qrib (ta' driegħ Joseph Mifsud, kif ukoll iż-żewġ feriti ta' Redeemer Mifsud) dawn ma kienux qeghdin imissu mal-arma meta nltaqtu mit-tiri, liema fatt ġie kkonfermat medikament mid-dehra tal-feriti riskontrati fuq il-vittmi minn Dr. Scerri. Ukoll l-esperti tal-ballistika jirriskontraw madwar sitt tiri li ġew sparati mill-arma tal-appellant dakinhar tal-inċident fejn mill-inqas tlieta minnhom laqtu lill-vittmi. Mhux biss izda dawn l-esperti ikompli jindikaw illi l-arma Browning użata waqt l-inċident mill-appellant tieħu erba (4) skrataċċ fejn ghalhekk skont il-kostatazzjonijiet tagħhom kien hemm mument meta l-appellant reġa kkarga l- arma sabiex ikompli jispara. Finalment l-esperti forensici, il-Perit Richard Aquilina kif ukoll l-espert Serologu Christopher Farrugia, jistabilixxu illi t-traċċi tad-demm tal-vittmi Mifsud instabu kemm fil-passaġġ kif ukoll fl-għalqa u fir- rotta li l-vittmi ħadu sabiex jaslu lejn r-razzett ta' Joseph Zahra fejn fittxew l- għajnuna. Dan ikompli jikkonferma li huma dejjem baqgħu jitbiegħdu mir-razzett tal-appellant u mill-passaġġ fejn seħħ l-argument inizjalment fuq il-ħajt filwaqt li l-appellant baqa' jispara ghal fuqhom.*

*39. Illi stabbiliti dawn il-fatti probatorji, il-linja difenzjonali adottata mill- appellant, anke fl-aggravju li gab `il quddiem fi stadju ta' revizjoni, ma jistax iregi ghaliex anke jekk gratia argomenti din il-Qorti kellha taccetta it-tezi illi l-vittmi hebbew ghall-appellant meta sehh l-*

*argument bejniethom (anke jekk xjentifikament il-feriti riskontrati ma jindikawx dan) xorta wahda jirrizulta illi l- vittmi Mifsud kienu qeghdin jitilqu minn jeddhom mill-post fejn seħħ l-argument qabel ma ntlaqtu bit-tiri, u allura qabel ma beda jispara l-appellant...'* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Salvu Gauci**'[35] gie kkunsidrat li:

'*Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu The Criminal Law of Scotland*[36]*:*

"*Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay dawn a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence.*"[37]

*U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fl-ligi Skocciza "is advertent and involves foresight of the risk"*[38] *u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:*

---

[35] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Lulju, 2004 (Numru: 12/1998)

[36] W. Green and Son Ltd (Edinburgh), 1978. (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata)

[37] Para. 7.28, pp. 232-233. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) tas-sentenza citata)

[38] Para. 7.45, p. 241; "...negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight." (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlieta (3) tas-sentenza citata)

*"When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. As Hall*[39] *says, "In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a method used to determine those operative facts in the minds of normal persons".*

*Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In Robertson and Donoghue Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that "In judging whether...reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed". All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (ex hypothesi) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk."*[40]'

[39] Hall, J., ***General Principles of Criminal Law*** 2nd ed., Indianapolis, 1960, p. 120. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbgha (4) tas-sentenza citata)

[40] Gerald Gordon, op. cit. para. 7.53, pp. 245-246. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata hamsa (5) tas-sentenza citata)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Jeffrey MUSCAT'**[41] gie meqjus li:

*'Illi mill-kumpless tal-provi prodotti għalhekk din il-Qorti tqis li l- Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-kawża tal-offiża gravi subita minn Keith Muscat kienet dovut għall-azzjoni intrapriża mill-imputat fis-sewqan tiegħu. Il- Qorti temmen il-verżjoni tal-fatti rakkontata minn Keith Muscat meta huwa jiddeskrivi li nbeżaq mill-karozza bil-manuvra intrapriża mill- imputat meta Muscat kien irnexxielu jdaħħal rasu u idu fil-vettura misjuqa mill-imputat. Il-Qorti ssibha ferm diffiċli tifhem kif l-imputat ma setgħax jintebaħ li bil-manuvra li għamel ma kienx ser jikkawża ħsara fuq il-ġisem ta' Muscat meta huwa mhux biss kompla jsuq il-vettura tiegħu iżda wkoll jagħmel il-manuvra deskritta minn Muscat b'mod li huwa inbeżaq mal-art u konsegwentement sofra l-offiża gravi.*

*Hawnhekk il-Qorti tirravviża li din l-azzjoni ma kienetx waħda ta' negliġenza. L-imputat, b'Muscat imqabbad mal-vettura misjuqa minnu bil-mod kif deskritt minn Muscat, u bil-manuvra tas-sewqan kif deskritta minn Muscat, setgħa faċilment jara li, bil-manuvra li kien ser jintraprendi, huwa setgħa jikkawża ħsara fil-ġisem ta' Muscat bħala konsegwenza probabbli ta' dik il-manuvra li kien qiegħed jagħmel, u anke jekk huwa ma riedx dik il-ħsara fil-ġisem ta' Muscat, xorta waħda għażel li jwettaq dak l-egħmil li ġab dik il-ħsara. Il-konsegwenza ta' dan hi li l-ħsara kaġunata fil-ġisem ta' Muscat tiġi li saret mill-imputat b'mod volontarju. Kif deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-12 t'Awissu 2010 fil-kawża* ***Il-Pulizija vs Julian Genovese*** *:*

*Wiehed ma jrid qatt jinsa li d-dolo jikkonsisti kemm fl-intenjoni pozittiva diretta kif ukoll fl-intenzjoni pozittiva indiretta, u li din tal-ahhar hija wkoll bizzejjed biex tirradika l-element formali tar-reat meta dan ikun jirrikjedi – kif effettivament jirrikjedi l-Artikolu 325 – l-intenzjoni doluza. Sfortunatament hija opinjoni popolari, izda wahda zbaljata, anke fost certi avukati, li l-intenzjoni pozittiva indiretta hija relevanti biss fil-kaz tar-reat ta' omicidju volontarju. Kif diga` nghad, dan ma hux minnu.*

*Il-Qorti għalhekk tqis li l-Prosekuzzjoni ippruvat l-ewwel imputazzjoni kontestata lill-imputat mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju għall- ġudizzju tiegħu a fol 196 tal-*

[41] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 t'Ottubru, 2019 (Appell numru: 338 tal-2017)

*proċess fit-termini tal-Artikolu 214, 215 u 216(1)(a)(ii)(b) tal-Kodiċi Kriminali.'*

Din il-Qorti sejra tqis il-bazi li fuqha l-Ewwel Qorti sabet htija tal-ewwel imputazzjoni. L-Ewwel Qorti qieset li l-ghemil tal-imputat jimmanifesta element car ta' recklessness, liema element fil-fehma tal-Qorti sawwar fl-imputat, fil-mument li spara t-tiri, l-intenzjoni pozittiva indiretta li jikkaguna offiza gravissima fuq il-persuna ta' Stephen Smith. Li l-imputat ghalaq ghajnejh b'mod assolut ghar-riskju tal-konsegwenzi ta' azzjonijiet tieghu, anke ghaliex fil-fehma tal-Qorti, ma huwa xejn verosimili mill-gabra tac-cirkostanzi fuq elenkati, li l-imputat ried semplicement iwaqqaf lil Smith u li ma setax jipprevedi li jwegghu gravi bl-isparatura tat-tiri mill-arma tan-nar lejn il-vettura tieghu.

L-Ewwel Qorti fost kunsiderazzjonijiet ohra qieset is-segwenti:

- *Kif xehdu x-xiehda okulari, l-arma kienet ippuntata direttament lejn il-vettura, u z- zewg tiri gew sparati fuq xulxin*[42].

- *L-ewwel tir gie sparat f'mument meta l-vettura ta' Smith kienet ferm qrib tal- imputat u huwa ppruvat ukoll t-tir kien angolat 'l isfel, bil-balla tolqot it-tailgate (bieba ta' wara) tal-vettura fuq in-naha tax-xellug, b'mod dijagonali mix-xellug ghal-lemin. Dan kollu huwa sinjifikanti ghaliex ifisser illi meta gie sparat l-ewwel tir, kif ukoll meta gie sparat it-tieni tir li laqat il-bagoll ta' wara, l-arma kienet ippuntata at close range lejn il-vettura*[43] *li fiha kien hemm ix-xufier, Smith, li dak il-hin kien qed jipprova jahrab mill-imputat*[44].

---

[42] Iz-zewg tiri gew sparati kwazi immedjatament – fol 472. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlieta u sebghin (73) tas-sentenza appellata)

[43] Dan jidher ukoll f'wiehed mill-*frames* tal-filmat Dok. MB3. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbgha u sebghin (74) tas-sentenza appellata)

[44] Din il-balla mbaghad spiccat wehlet bejn il-bieba ta' wara u l-s-saqaf tal-vettura ta' Smith. (Din ir-

- *B'zieda ma' dan, hemm l-istrument ossia arma tan-nar li ntuza fil-kommissjoni tar- reat, li huwa bla dubju kapaci li jikkaguna ferita ta' natura gravissima.*

- *Fl-ewwel telefonata li ghamel l-imputat lill-Control Room*[45] *huwa jinstema' jghid "sparajt **fuqu**", u sussegwentement jinstema' jghid ukoll "Ibghatli ghax **ha nibqa' ntih it-tiri** sakemm tigu". Imbaghad fit-tieni telefonata lill-112, l-imputat jinstema' jghid "Ara ma tqumx! Ara ma tqumx ghax **fuqek nahlih ... Sparajt fuqu jien diga`**". [enfasi tal-Qorti]*

- *Jirrizulta mill-provi li filwaqt li l-imputat kien qed izomm l-arma fl-id il-leminija tieghu, kien qieghed bit-telefon cellulari f'idu l-ohra jitkellem mal-Control Room, fejn jinstema' jghid li l-persuna l-ohra qieghda tahrablu, u jinstemghu sahanistra z- zewg tiri dak il-hin fir-recording tat-telefonata*[46]*. Ghall-Qorti, il-korollarju inevitabbli ta' din is-sekwenza ta' eventi huwa li l-arma kienet ikkargata u kwindi **lesta biex tigi sparata anke qabel Smith dahal fil-vettura tieghu u harab**. Huwa sinjifikanti wkoll li ebda wahda mix-xiehda okulari li raw id-dinamika tal- incident u l-mekkanizmu tal-isparaturi, ma xehdu li raw l-imputat jikkarga l-arma jew semghu l-arma tigi kkargata*[47]*.*

- *Il-konkluzjoni tal-Qorti illi l-imputat agixxa, meta spara lejn il-vettura ta' Smith, biex jikkagunalu offizi gravissimi fuq il-persuna tieghu, tinsab rinforzata ulterjorment mill-fatt illi mill-provi jirrizulta illi effettivament, **ix-xufier tal- vettura li spara fuqha l-***

---

referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata hamsa u sebghin (75) tas-sentenza appellata)

[45] Telefonata li saret fid-20:46 u ohra li saret fid-20:52 – Dok. MB2 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sitta u sebghin (76) tas-sentenza appellata)

[46] Dok. MB2. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sebgha u sebghin (77) tas-sentenza appellata)

[47] Rigward l-arma, P.C 1359 xehed hekk:- "*Ma kienetx safe. In fatti tant ma kienetx safe l-arma li harget balla minn go fiha, harget bullit minn go fiha l-arma jigifieri kienet qieghda kkokjata jigifieri telghet bullet mill-magazine il-ghaliex kienu diga` sehhu xi tiri, telghet bullet ready to fire kienet l-arma. Kienet bit-trigger ready to fire u kif ghidt tajtu l-arma lura lis-Sur Paul Sheehan u qieghdtlu l-magazine*" – fol. 386. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tmienja u sebghin (78) tas-sentenza appellata)

***imputat, <u>seta' jintlaqat</u> mit-tiri sparati mill-imputat****. Fuq domanda specifika tal-Qorti jekk setax jintlaqat ix-xufier tal-vettura mit-tiri tal-arma tan-nar sparata mill-imputat, l-esperti ballisitici - anke jekk erronjament assumew illi l-vettura kienet ferm iktar 'il boghod milli jirrizulta li effettivament kienet meta gew sparati t-tiri - wiegbu hekk:-*

*"Ovjament seta' jintlaqat, pero` minn fejn gie sparat it-tir ghad-direzzjoni tal- karozza bil-fors il-bullet li kieku ppenetrat bil-fors trid tghaddi talanqas mill- hgiega ta' wara".*

*Fl-istess hin, l-istess esperti affermaw illi l-hgieg ftit ikollu effett fuq it-trajettorja tal-bullet f'distanza qasira bejn l-isparatura u t-target. L-espert Brigadier Calleja ikkonferma wkoll illi* ***l-balla li laqtet il-vettura fuq it-tailgate naha tax-xellug u direzzjoni daqsxejn 'l isfel, setghet tolqot lix-xufier***[48]*.*

• *L-istess espert, meta mistoqsi mill-Qorti jekk it-tip ta' arma uzata mill-imputat setghetx minn distanza ta' tletin, erbghin jew sebghin metru 'l boghod, tikkaguna xi hsara jekk persuna tintlaqat mill-balla, xehed hekk*[49]*:-*

*"Jekk tintlaqat persuna anka minn distanza ta' erbghin metru tista' tikkagunalha l-mewt pero` f'dan il-kaz peress li laqtet hadid ... is-sahha tal-bullet naqset hafna. Fil-fatt ma ppenetrax ghal kollox."*

*Madanakollu, l-espert afferma illi anke f'dawn ic-cirkostanzi, jekk il-balla laqtet persuna f'organu vitali ta' gisimha, dan jista' jkun fatali. Stabbilit illi kien l- ewwel tir li giet sparat mill-imputat li laqat it-tailgate, u stabbilit ukoll li dan it-tir gie sparat minn distanza ferm u ferm inqas mill-erbghin metru li semma' l-espert ballistiku, il-Qorti hija konvinta li kieku l-balla ma sabitx l-intern tal-pilastru tat- tailgate u waqfet hemm, kienet tibqa' tippenetra fil-vettura mix-xellug fi trajettorja dijagonali fid-direzzjoni tax-xufier*[50] *b'sahha bizzejjed biex*

---

[48] Qal, izda, li l-balla li laqtet il-bumper ta' wara tal-vettura ma kienet tolqot xejn zgur. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata disgha u sebghin (79) tas-sentenza appellata)

[49] Dan qalha b'mod generali u mhux ibbazat fuq kalkolu xjentifku. ( (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tmenin (80) tas-sentenza appellata)

[50] Il-vettura ta' Smith hija *right-hand drive*, kif jirrizulta mir-ritratti ref. FS 141830 – 14 CSJ EC 203 and 204, 205 u 207. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata wiehed u tmenin (81) tas-

*tikkagunalu, de minimis, griehi ta' natura gravissima kif prospettata fl-Artikolu 218 tal-Kap. 9*[51]*.'*

Il-Qorti fis-sentenza appellata ghalhekk qieset li ma huwa xejn verosimili mill-gabra tac-cirkostanzi fuq elenkati li l-imputat ried semplicement iwaqqaf lil Smith u li ma setax jipprevedi li jwegghu gravi bl-isparatura tat-tiri mill-arma tan-nar lejn il-vettura tieghu.

Din il-Qorti fl-ewwel lok taghmilha cara li meta l-appellant spara zewg tiri, dawn ma kienux *warning shots* stante li dawn ma kienux indirizzati fid-direzzjoni tas-sema izda fid-direzzjoni tal-vettura. Din il-Qorti taqbel li t-tiri gew sparati wahda wara l-ohra, tant li kif ikkunsidrat dawn l-isparaturi jinstemghu kemm fil-filmatt esebiet bhala MB3 fir-relazzjoni ta' Dr Martin Bajada u anke fir-recordings tat-telefonati. Din il-Qorti taqbel ukoll li ma kienx hemm distsnza twila bejn il-vettura misjuqa minn Smith ghal fejn l-appellant spara t-tiri, in oltre' intuzat arma u cioe' pistola li l-konsegwenzi taghha kapaci jkunu fatali. Irrizulta ukoll li l-pistola kienet diga 'kkokjata', fis-sens li din ma tinstemghax li qieghda ttella l-bullets fl-arma fil-hin tat-telefonata ftit qabel l-isparaturi. L-Ispettur Saviour Baldacchino fix-xhieda tieghu tad- 9 ta' Dicembru 2014 xehed li '*Id-dubji li nħolqulna kienu rigward il-fatt illi wara li aħna smajna r-recording ghal diversi, diversi drabi jirrizultalna li fl-ebda ħin is-Sur Sheehan ma nstema' jikkokja l-arma u cioe' jtella' l-bullets fl-arma. Bħala procedura fil-Pulizija l-arma dejjem titħalla li mhux ikkokjata u cioe' nikkokjaw biss meta nkunu sejrin fuq xi bicca*

---

sentenza appellata)

[51] 218: - *L-offiza hija gravi jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ; (b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż; ... (2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.* (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn u tmenin (82) tas-sentenza appellata)

*xogħol meta l-probabbilita' li tigi sparata balla jkun imminenti. Fil-fatt minħabba dawn ir-ragunijiet li qed insemmi issa jirrizultalna li mit-telefonata tal-112 li jinstema' b'mod car li l-isparatura saret waqt it-telefonata, ma jirrizultax li kien hemm ħoss ta' arma li jixbaħ ta' arma qed tigi kkokjata.'*

**PC1359 Reuben Zammit** fis-seduta tas- 6 ta' Frar 2015 spjega li '*jien avvicinajt lis-Sur Paul Sheehan u tlabtu jagħtini l-arma tas-servizz tiegħu għaliex ħassejt li għas-sigurta' tagħna u kien hemm anka xi nies fil-mina dak il-ħin, konna qiegħdin ħafna nies, ma kienx qiegħed f'pozizzjoni tajba, iccekjajt l-arma kif ġejt mgħallem, icekjajt l-arma, kien hemm bullit go l-arma.*' Jigifieri '*Go c-chamber ta' l-arma, kienet imtella' jiġifieri kienet ikkokjata l-arma, iccekjajt l-arma, għamiltha safe u erġajt tajtha lis-Sur Paul Sheehan u qiegħdlu l-magazine li kien bil-ballal fih u tfajt il-bullit dik li waqgħet meta ccekjajtha tfajtha f'postha fil-magazina u qiegħdlu l-magazine fil-but.*' Qabel ma nehha l-balla, ma kintix safe. Spjega li '*In fatti tant ma kienetx safe l-arma li ħarġet balla minn go fiha, ħarġet bullit minn go fiha l-arma jiġifieri kienet qiegħda kkokjata jiġifieri telgħet bullit mill-magazine il-għaliex kienu diga' seħħu xi tiri, telgħet bullit ready to fire voldieri kienet l-arma. Kienet bit-trigger ready to fire u kif għid diga' tajtu l-arma lura lis-Sur Paul Sheehan u qiegħdtlu l-magazine.*'

Il-Qorti tqis li l-fatt li l-arma ma tinstemghax ttella l-bullets waqt it-telefonata qabel ma jinstemghu it-tiri, ma jfissirx li l-appellant kien diga ifforma l-intenzjoni li jaghmel il-hsara u cioe' ferita gravi jew gravissima. Jista' jinghad li iva gia kien ifforma l-intenzjoni li juza l-arma izda ma jfissirx li l-prosekuzzjoni pruvat li gia kellu l-intenzjoni li jikkaguna ferita fuq Stephen Smith.

Sinifikanti huwa l-fatt li minkejja li Stephen Smith kien jinsab barra l-vettura qabel ma harab minn fuq il-post ftit qabel ma sehhew l-isparaturi, l-appellant ma sparax izda spara hekk kif Smith saq minn fuq il-post. Sinifikanti ukoll huwa l-fatt li l-appellant lanqas ma spara hekk kif il-vettura saqet minn quddiemu u cioe' ma

sparax fid-direzzjoni tal-windscreen izda hekk kif il-vettura telqet u ghalhekk it-tiri kienu indirizzata ghal fuq wara tal-vettura. In oltre' sinifikanti huwa l-fatt li l-appellant kien gia jinsab fuq il-linja mal-control room tal-Pulizija qabel u waqt li saru l-isparaturi jitlob ghall-assistenza tar-Rapid Intervention Unit u f'din it-telefonata l-appellant diversi drabi jinstema jghid li harablu.

Ghalhekk din il-Qorti kuntrarjament ghal dak li qieset l-Ewwel Qorti tqis li gie ppruvat fuq bazi ta' probabli li dak li ried jaghmel l-appellant kien li jwaqqaf il-vettura misjuqa minn Stephen Smith. Kif gia inghad din il-Qorti ma hija bl-ebda mod tghid li l-appellant kien korrett meta uza l-arma, biss pero' ma jfissirx li l-fatt li ghazel li jispara zewg tiri versu l-vettura bhala sinifikattiv li ried jikkawza hsara u li pprevedali setgha ssir ferita fuq Smith.

Din il-Qorti tqis li l-mod ta' kif agixxa l-appellant wara li spara u kliem li jinstemghu fit-telefonati fosthom '*sparajt fuqu*' u '*Ibghatli ghax ha nibqa' ntih it-tiri sakemm tigu*', u fejn f'telefonata ohra jghid '*Ara ma tqumx! Ara ma tqumx ghax fuqek nahlih ... Sparajt fuqu jien diga*' u '*Irringrazzja lil Alla li ma tghajthomx fuqek it-tiri ghax fuqek kont nahlih. Purcinell kollox int. Irringrazzja lil Alla li ma sparajtx fuqek.*' ilkoll setghu taw l-impressjoni li l-appellant kien spara bl-intenzjoni li jolqot lil Smith u jikkawza hsara fizika, biss pero' wiehed irid iqis l-intenzjoni tal-appellant qabel spara u mhux ir-rabja li wera wara li kien gia spara.

In oltre' f'telefonata mal-Kummissarju tal-Pulizija l-appellant jispjega li '*Hrigt l-arma u tghajt zewg tiri, mhux fuqu ta.*' Minkejja l-fatt li wahda mill-balla sabet l-intern tal-pilastru tat-tailgate u wehlet bejn il-bieba u s-saqaf tal-vettura dan il-fatt lanqas ma jikkostitwixxi propju l-haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tal-imputat li minhabba fih id-delitt konstmat ma giex esegwit kif tghid l-Ewwel Qorti. L-

intenzjoni tal-appellant li taghmel il-hsara kellha tigi pruvata lil hin minn kull dubju dettat mir-raguni mill-provi li rrizultaw fl-atti. Din il-Qorti fuq il-provi mressqa mhijiex konvinta li l-appellant kellhu l-intenzjoni li jikkawza hsara fizika fuq Smith. Wiehed ta' min isemmi li anke wara li Smith minhabba hsara fil-vettura waqaf taht il-mini ta' Santa Venera, l-appellant lanqas f'dak l-istadju ma ittenta jikkaguna hsara fizika fuq Smith nonostante r-rabja li wera fil-konfront ta' Smith u cioe' kif inghad bil-kliem jghid '*Ara ma tqumx! Ara ma tqumx ghax fuqek nahlih ... Sparajt fuqu jien diga*' u '*Irringrazzja lil Alla li ma tghajthomx fuqek it-tiri ghax fuqek kont nahlih. Purcinell kollok int. Irringrazzja lil Alla li ma sparajtx fuqek.*'. PC1359 Reuben Zammit fl-inkjesta quddiem l-espert tekniku Valerio Schembri kien xehed bejn id-dsatax (19) u l-ghoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn fost fatti ohra xehed li '*Nghid li kien hemm persuna ma nafiex b'saqajh fuq dahar l-allegat aggressur u kien wiccu ma l-art. L-allegat aggressur ma' bediex jirrezisti xejn. Nghid li x-xufier tal-Ministru kien quddiem il-vettura jekk niftakar tajjeb kien qed icempel mill-mobile tieghu.*' PC 159 Glenn Calleja quddiem l-Espert Tekniku Valerio Scehmrbi spjega li '*Nghid li wasalna fil-post fejn sibna vettura Vauxhall li kienet fuq l-islow lane u x-xufier taghha li kien l-allegat aggressur mixhut wiccu ma' l-art u kien hemm pajzana. Nghid li dan l-allegat aggressur kien wiccu ma' l-art pero ma' rajt lil hadd izommu f'dik il-pozizzjoni. Lill-pajzani li kien hemm ma' nafhomx u dawn telqu kif wasalna ahna.*'

**PC 159 Glenn Calleja** fis- 6 ta' Frar 2015 xehed li '*jiena li rajt lis-Sur Steve Smith kien fl-art eżattament fejn il-bieba tax-xufier tiegħu, ta' l-vettura tiegħu, ma' l-line ta' l-mina kien fuqu, mixħut fl-art kien, mindud, wiċċu 'l isfel u s-Sur Paul Sheehan li qed ngħarfu hawn fl-awla ħa nerġa' ngħid kien qiegħed fuq il-mobile, fejn imbagħad gie lejna.*' L-appellant fl-istqarrija rilaxxata fl- 20 ta' Novembru 2014 spjega li '*Gejt ma gembu u ghidtlu biex jieqaf, dan waqaf u jien ordnajtlu biex johrog mill-karozza. Hu hareg, ordnajtlu biex jinzel mal-art, bil-kemm felah jinzel. Ghidtlu biex jimtedd sew u zammejtu sakemm gew tal-RIU.*' Fl-istess stqarrija mistoqsi '*Nghidlek sewwa illi x' hin waqqaftu taht il-mina u ghidtlu*

*jinzel mal-art, inti zammejtu billi ghamilt il-qiegh taz-zarbun li kont liebes fuq daru?*' u wiegeb '*Le.*'

Ghalhekk ma jirrizultax car li kien l-appellant li instab b'saqajh fuq Smith kuntrarjament ghal dak li qieset l-Ewwel Qorti.

Din il-Qorti tqis li ma jirrizultawx atti preparatorji li jikkonvincu lil Qorti li l-isparaturi sehhew bl-intenzjoni sabiex tigi kkagunata ferita gravi jew gravissima. Din il-Qorti temfasizza li hija l-Prosekuzzjoni li trid tiprova l-kaz taghha, il-Qrati ma jistghux jassumu li tkun giet pruvata l-intenzjoni meta din ma tkunx giet pruvata fil-livell mehtieg fil-kamp penali u lanqas ma tista' tinstab htija abbazi tal-possibilita' li jintlaqat ix-xufier f'dik il-vettura li fuqha sehhew l-isparaturi. L-appellant ma kellu bzonn jiprova xejn izda irnexxilu jiprova fuq bazi ta' probabli li l-isparaturi sehhew bl-intenzjoni li Smith ma jahrabx. Ghalhekk din il-Qorti sejra tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti sabet htija ta' tentativ ta' ferita gravi jew gravissima.

Ikkunsidrat;

L-appellant jikkontendi li kellu wkoll jigi mehlus mit-tieni akkuza jekk l-ewwel akkuza ma tirnexxix. Apparti minn hekk jissottometti li ma kienx hemm dak il-conduct ta' incidenti varji u fil-plural biex tirrizulta din it-tieni akkuza. Li bejn Sheehan u Smith qatt ma kien hemm ebda incident precedenti ghal dak mertu tal-kaz odjern u dan kien l-uniku incicent ta' bejniethom. F'dan ix-xenarju skont l-appellant din l-akkuza qatt ma' tista' tigi pruvata.

It-tieni imputazzjoni tirrigwarda li l-appellant ikkawza lil Stephen Smith biza li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu, liema delitt twettaq bl-uzu jew it-theddid tal-uzu ta' arma. L-Avukat Generali fin-nota indika l-artikoli 251(3) u 251H(ġ) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-ewwel lok, din il-Qorti ma taqbilx li

jekk l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax allura lanqas it-tieni wahda ma tirrizulta, ghalkemm ir-rizultanzi ta' imputazzjoni wahda tista' taffetwa r-rizultanzi ta' imputazzjoni ohra jew aktar, dawn l-imputazzjonijiet xorta wahda huma separati u distinti minn xulxin.

L-**artikolu 251(3) tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta kien jaqra:

'*(3) Kull min jikkawża lil ħaddieħor biża li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il- proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1), jeħel il-pieni preskritti fis-subartikolu (1) imnaqqsa b'grad wieħed jew tnejn:*

*Iżda meta l-ħati jkun laħaq il-mira tiegħu, hu jista' jeħel il- piena stabbilita fis-subartikolu (2) imnaqqsa b'grad wieħed jew tnejn.*'

Filwaqt li l-**artikolu 251H tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta kien jaqra:

'*Il-piena għad-delitti msemmijin fl-artikoli 251 sa 251G, it-tnejn inklużi, għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ gradi f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*'

'*(ġ) id-delitt twettaq bl-użu jew it-theddid tal-użu ta' arma*'.

Din il-Qorti tqis li ma kien mehtieg l-ebda *course of conduct* sabiex tinstab htija taht dawn iz-zewg artikoli. L-Avukat Generali ma akkuzax lill-appellant taht l-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jehtieg *course of conduct* sabiex tinstab htija. Ghalhekk il-fatt li l-appellant kellu pistola filwaqt li wera rajba fil-konfront ta' Stephen Smith u l-fatt li Stephen Smith stess xehed li '*Then first of all I heard very loud shouting in a very aggressive manner and as I was getting out of the car and due to the shock and everything and seeing the person was so aggressive and so angry and then I also noticed that he was holding a gun. It was at this point where I actually feared for my life.*' Spjega li '*I stopped and I wanted to exchange details whatever to fix the, to be able to fix the car, the damage that I had caused, it was at that point that I just heard shouting and a lot of aggression as I was getting out of the car and then I could see a man, heading towards me*

*shouting and really, really in a fit of rage and he was holding a gun, it was at this point where I genuinely feared for my life and decided to leave the scene.'*

Dawn il-kliem jikkonferma li Smith verament hassu mbezza kif ra l-pistola u r-rabja li wera l-appellant. Il-fatt li Smith kellu livell gholi ta' alkohol f'gismu ma jfissirx li kien l-alkohol li gieghlu jibza. Filfatt kwalunkwe persuna f'dik is-sitwazzjoni kien verament jibza li kienet se tintuza vjolenza kontrih.

Dan l-aggravju qieghed ghalhekk jigi michud u din il-Qorti qieghda tikkonferma s-sejbien ta' htija tat-tieni imputazzjoni. Biss pero' tqis li l-Ewwel Qorti qieset ghall-finijiet tal-ahhar parti tas-subinciz (3) tal-Artikolu 251, li gie pruvat li l-imputat lahaq il-mira tieghu ghaliex huwa effettivament uza vjolenza kontra Smith u kontra l-proprjeta' tieghu u dan stante li spara zewg tiri u laqat il-vettura ta' Smith bil-hsieb li jikkaguna offizi ta' natura gravissima fuq il-persuna tieghu u ghalhekk skont l-Ewwel Qorti l-imputat ghamel propju dak li gieghel lil Smith jibza' li ser jaghmel, cioe' juza l-arma biex jispara fuqu. Kif inghad, din il-Qorti irrevokat fejn il-Qorti sabet htija li l-appellant kellu l-hsieb li jikkaguna offizi ta' natura gravissima fuq Smith u ghalhekk nonostante l-fatt li ntuzat arma u gew sparati zewg tiri versu l-vettura, ma jistax jinghad li lahaq il-mira tieghu u cioe' li ikkawza vjolenza kontra persuna. In kwantu l-fatt li l-appellant spara fuq il-vettura u kif se jigi kkunsidrat volontarjament ikkawza hsarat, filwaqt li jirrizulta li Smith beza ghal hajtu minhabba l-pistola, ma jirrizultax li l-appellant prova jbezza li se tintuza vjolenza kontra l-proprjeta ta' Smith u lanqas ma jirrizulta li Smith wera xi biza li sejra tintuza vjolenza kontra l-proprjeta' tieghu. Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li qieghda tikkonferma l-htija taht l-artikoli 251H(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-ewwel parti tal-artikolu 251(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tirrevoka fejn instabet htija anke tat-tieni parti u cioe' l-proviso tal-artikolu 251(3) tal-istess Kapitolu.

Ikkunsidrat;

Illi t-tielet (3) imputazzjoni tirrigwarda li l-appellant volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe' vettura bin-numru tar-registrazzjoni

FE10SPV tal-ghamla Vauxhall insignia ghad-dannu ta' Stephen Smith u/jew ta' persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt ewro (€2500) izda hija izjed minn mitejn u hamsin ewro (€250).

**Karen Cremona** in rapprezentanza ta' Transport Malta fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2015 spjegat li rigward il-vettura bi pjanci barranin l-awtorita' ma ghandhiex record ta' din il-vettura. Jirrizulta li fir-rapport esebit minn Stephen Smith fis-seduta tas- 6 ta' Novembru 2015 a fol 705 u cioe' *Registration Certificate* bhala *Registered Keeper* hemm imnizzel Mrs Claire Shaun ghalkemm tnizzel li d-dokument ma huwiex *proof of ownership*. Nonostante dan, l-imputazzjoni ma hijiex limitata ghal vittma partikolari u ghalhekk ma kienx mehtieg prova li l-vettura verament tappartjeni lil Stephen Smith

In kwantu d-danni ma hemmx dubju li l-vettura soffriet danni konsegwenza tat-tiri sparati fuqha. Skont ir-rapport tal-Perit Tekniku Mario Buttigieg immarkat bhala MB1 u li jinsab fl-envelop a fol 504, il-hsarat kienu jammontaw ghal tmien mija u hamsa u tmenin ewro (€885) li jirrigwardaw *Rear bumper plastic repairs, Rear bumper spray, Remove/refit rear bumper and repair panels behind bumper, Tailgate (Second hand), Tailgate remove/refit, Tailgate spray, Fuel feed pipe(second hand)* u *Fuel feed pipe replace*. Ghalkemm Stephen Smith fis-seduta tas-sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) ukoll prezenta rapport dwar id-danni subiti fuq il-vettura tieghu, din il-Qorti sejra tistrieh fuq ir-rapport tal-Perit Tekniku Mario Buttigieg.

Ghalhekk dwar din l-imputazzjoni, ma hemmx dubju li l-appellant volontarjament ikkawza hsara fuq il-vettura misjuqa minn Stephen Smith.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tikkonferma l-htija ta' din l-imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Ir-raba' (4) imputazzjoni tirrigwarda li waqt li kien qed jaghmel reat kontra persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew hsara fil-proprjeta' (minbarra hsara involontarja fil-proprjeta') kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari u munizzjon minghajr ma kien qed igorr l-arma tan-

nar bi skop legittimu.

Dwar din, l-appellant fl-appell tieghu jissottometti li mill-provi rrizulta propju l-maqlub ta' sejbien ta' htija fuq din l-akkuza. Li l-appellant kien munit bil-permess li jgorr fuqu dina l-arma u l-munizzjon. Jaghmel referenza ghal fatt li l-Qorti ordnat il-konfiska tal-arma Glock u munizzjon li kien instab. Li dawn huma proprjeta' tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Din il-Qorti tqis li l-appellant kien awtorizzat li jgorr pistola u cioe' GLOCK 17/19 waqt li jkun *on duty*. Il-**Maggur 128 Joseph Farrugia** li xehed fid- 9 ta' Dicembru 2014 spjega li '*PC 533 Peter Paul Sheehan, daħal fil-Korp tal-Pulizija fil-15 ta' Ottubru, 1992 u għadu sa llum serving member*.' Mistoqsi jekk kienx awtorizzat li jgorr arma wiegeb li '*skont ir-records li għandna l-ufficcju ħa nipprezentahom ukoll għandi li huwa authorized li jgorr l-arma skont kif certifikat mill-ex Maggur 1007 Malveini ta' l-Akkademja ta' l-Pulizija.*' Spjega li '*waħda datat 2 ta' Jannar, 2008, l-oħra datata 14 ta' April, 2011 u l-aħħar waħda l-1 ta' Marzu, 2012 imbagħad sussegwentement noħorġu struzzjonijiet aħna mill-ufficcju tagħna lil Magguri kollha fejn nawtorizzawhom li dak jista' jgorr l-arma.*' Din harget fit-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012).

A fol 154 dwar l-appellant tnizzel li:

*'Kindly note that subject in question sat for the Written Test, which consisted of 22 questions re Shooting Range Safety Rules and Procedures, on the 17/1/2011 and successfully passed.*
*Subject also performed Dry Practice in Handing over a pistol from the Holster to another member.*
*Same was assessed by both the undersigned and although subject met the minimum requirements subject needs to gain more weapon handling confidence.*
*Kindly find here under Subject's written Test Result:*
*13/22'*
Din hija ffirmata minn Ps 1007 M Mulvaney u Ps 1163 F Schembri.

PC 533 kien wiehed mill-persuni li f'Marzu 2012 gie rakkomandat li jkun awtorizzat li jgorr l-arma u cioe' '*to carry and or use a Service Issued Pistol for the next Two Years.*'

A fol 158 giet ipprezentata korrispondenza fejn fost informazzjoni ohra tnizzel li '*Please find attached an updated list of Police personnel who successfully attended the training sessions and are hereby being **authorised** to carry the GLOCK weapon during their tour of duty.*' Wiehed minn dawn il-persuni hija l-appellant. Din hija datata t-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012). L-arma tan-nar li instabet fuq l-appellant kienet Glock numru BSX914.

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata sabet htija taht l-artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 55 ta' dan il-Kapitolu jaqra:

'*Salv kull dispożizzjoni oħra fil-Kodiċi Kriminali kif tapplika għaż-żamma, ġarr, użu, akkwist jew pussess ta' armi tan-nar, kull min -*
*(a) fil-waqt li jkun qed jagħmel reat kontra s-sigurtà tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew ħsara fil-proprjetà (minbarra ħsara involontarja fil-proprjetà); jew*
*(b) fil-waqt li jkun qed jiġi arrestat għal delitt, ikollu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xiimitazzjoni ta' dawk l-oġġetti,*

*ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn erba' snin, kemm-il darba ma jgibx prova xort'oħra li kien qed iġorr l-arma tan-nar jew l-arma regolari bi skop leġittimu.*'

Jirrizulta li l-appellant kien awtorizzat li jgorr l-arma meta jkun waqt *tour of duty*. Jirrizulta li f'dak il-hin meta sehh l-incident huwa kellu l-vettura Ministerjali barra r-residenza tieghu u kellu t-tifla tal-Ministru fir-residenza waqt li l-Ministru kien waqt attivita' u li ghaldaqstant hekk kif kienet tispicca l-attivita, din il-Qorti tifhem li l-appellant kien jerga jmur jigbor lil Ministru. Dan ifisser li ghalkemm il-Ministru ma kienx prezenti fil-hin tal-incident, l-appellant xorta ghandu jitqies bhala li kien fuq

*tour of duty* u dan stante li jirrizultax li l-appellant kien fuq leave meta sehh l-incident. Gialadarba l-appellant kien ghalhekk munit b'permess biex igorr l-arma, ma jistax jinghad li ma kienx qieghed igorra legittimament anke jekk din il-Qorti aktar kmieni f'din is-sentenza qieset li fic-cirkostanzi l-uzu tal-arma direzzjonata lejn il-vettura ma kienx proporzjonat fic-cirkostanzi.

Din il-Qorti qieghda ghalhekk tirrevoka l-htija ta' din l-imputazzjoni.

L-appellant ma ressaqx aggravju dwar is-seba' (7) imputazzjoni u cioe' li kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku. Nonostante dan ma hemmx dubju li l-appellant kellu jinstab hati ta' din l-imputazzjoni tant li mill-atti jirrizulta li uhud mix-okulari xehdu dwar it-tiri li semghu jigu sparati u l-argument li kien hemm bejn l-appellant u Smith. Jirrizulta li rizultat ta' dan persuni bezghu ghall-inkoluminita fizika taghhom jew ta' persuni ohra.

Din il-Qorti sejra tikkonferma ukoll il-htija tat-tmien (8) imputazzjoni stante li jirrizulta li l-appellant hareg barra mill-qies minkejja li bhala ufficjal tal-Korp tal-Pulizija kellu l-jedd li jwiddeb lil Smith li ma jitlaqx minn fuq il-post wara li laqghat il-vettura. L-aggravanti taht l-artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk kif imizzel fid-disa' (9) imputazzjoni tirrizulta ukoll stante li bhala ufficjal tal-Korp tal-Pulizija wettaq reati li huwa kellu jissorvelja li ma jsirux.

Tajjeb li jinghad li fl-atti tressqu numru ta' prova dwar l-ordni sabiex il-vettura misjuqa minn Smith tmur fuq il-low loader u dan ghal fatt li din tpoggiet fuq il-low loader qabel ma kienu waslu l-esperti u l-investigaturi. Din il-Qorti dwar dan tqis li ghalkemm ma taqbilx ma' tali ordni u dan stante li xejn ma kellu jiccaqlaq minn fuq il-post fejn instabu l-vetturi, l-appellant naturalment ma jahti xejn dwar din l-ordni, ma kienx l-appellant li ordna sabiex dan isir. Ghalhekk din il-Qorti tqis li din il-kwistjoni tmur lil hin mill-imputazzjonijiet li ngiebu fil-konfront tal-appellant.

L-appellant ma ressaq l-ebda aggravju dwar il-piena izda gialadarba din il-Qorti sejra tikkonferma l-htija tat-tieni (2), it-tielet (3), is-seba' (7), it-tmien (8) u d-disa' (9) imputazzjonijiet izda qieghda tirrevoka fejn instab htija tal-ewwel (1) u r-raba' (4) imputazzjoni imputazzjoni filwaqt li tikkonferma fejn ma nstabitx htija tal-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjonijiet, jehtieg li tigi varjata l-piena imposta mill-Ewwel Qorti.

L-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal piena ta' tnejn u ghoxrin (22) xahar prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ikkundannatu ukoll ghal hlas tal-esperti *ai termini* tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rabtitu b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' elf ewro li ma jimmolestax lil Stephen Smith ghal tnax (12)-il xahar ghall-finijiet tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska ta' uhud mill-oggetti esebiti fl-atti processwali.

Din il-Qorti sejra tirrevoka fejn il-Qorti ikkundannat lill-appellant ghal tnejn u ghoxrin (22) xahar prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin u minflokk sejra tikkundannah ghal hmistax (15)-il xahar prigunerija li ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal tlett (3) snin mil-lum. Dan in vista tal-fatt li skont l-artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta persuna hatja ta' zewg delitti jew izjed li jaqghu taht pieni li jnaqqsu ghal zmien il-liberta' personali, tigi kkundannata ghal piena tad-delitt l-aktar gravi biz-zieda minn terz san-nofs taz-zmien tal-piei l-ohra kollha mehudin flimkien. Ghaldaqstant, il-piena ghal delitt l-aktar gravi huwa dak ai termini tal-artikolu 251(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Skont dan l-artikolu, il-piena hija dik misjuba fis-subartikolu (1) imnaqqsa b'grad wiehed jew tnejn. Filwaqt li meta l-hati jkun lahaq il-mira tieghu, hu jista' jehel il-piena stabbilita fis-subartikolu (2) imnaqqsa b'grad wiehed jew tnejn. F'dan il-kaz, ma hijiex tinstab htija taht il-proviso tas-subartikolu 251(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 251(1) tal-istess Kapitolu ai fini ta' piena jirreferi ghal piena stabbilita fis-subartikolu (1) tal-ahhar artikolu u ghalhekk tal-artikolu 250. Il-piena skont l-

artikolu 250(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik minn sena (1) sa erba' (4) snin. Din skont l-artikolu 251(3) trid titnaqqas bi grad wiehed jew tnejn. Ghalhekk tenut kont tal-fatt li ghaddew il-fuq minn hames (5) snin minn meta sehh ir-reat, qieghda tnaqqas zewg gradi u ghalhekk il-piena tkun dik ta' sitt (6) xhur prigunerija.

Tenut kont tal-fatt li ntuzat arma, skont l-artikolu 251H(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena tizdied bi grad jew zewg gradi. Ghalhekk il-piena qieghda tizdied bi grad u ghalhekk titla' ghal disa' (9) xhur prigunerija. Din il-Qorti qieset li l-appellant ghalkemm ma ghadux fedina penali netta, lanqas ma hija wahda refrettarja, bl-ahhar reati sehhewfit-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000). Din il-Qorti b'zieda ma' din il-piena jehtieg li zzid din il-piena bi grad wiehed skont l-artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant il-piena hija dik ta' sena prigunerija.

In oltre' l-appellant qieghed jigi kkonfermat bhala hati ghar-reat kontemplat fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-piena ghal dan ir-reat hija dik ta' prigunerija minn tmien (8) xhur sa erbatax (14)-il xahar. Ghalhekk *ai termini* tal-artikolu 17(b) tal-istess Kapitolu, il-Qorti ghandha tikkundanna lill-hati ghal piena tad-delitt l-aktar gravi biz-zieda minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha. Kif ikkunsidrat id-delitt l-aktar gravi huwa dak ikkontemplat bl-artikolu 251H(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li maghhom qed jizdied terz mill-piena stabbilta fl-artikolu 325(1)(b) tal-istess Kapitolu. Il-pieni ta' kontravenzjonijiet skont l-artikolu 17(d) ma ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni meta persuna tkun hatja ukoll ta' delitti u dan stante li hija l-piena tad-delitti li ghandha titiehed in konjizzjoni. Din il-Qorti sejra ghalhekk tikundanna lill-appellant ghal hmistax (15) il-xahar prigunerija li ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

In oltre' din il-Qorti tqis li gialadarba ma giex ippruvat li l-appellant kien sid il-pistola Glock BSX914 (Dok. CCC1), il-magazin bi hmistax-il balla mhux sparati (Dok. CCC2) u zewg balel sparati (Dok CCC3 u Dok CCC4), l-Ewwel Qorti ma setghatx

b'applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska taghhom u ghalhekk sejra tirrevoka dik l-ordni.

Din il-Qorti sejra tikkonferma l-kumplament tal-piena imposta inkluz l-ordni ghal-hlas tal-ispejjez tal-esperti. Biss pero' tissenjala li ghalkemm l-Ewwel Qorti ikkundannat li l-akkuzat fost spejjez ohra, ihallas l-ispejjez rigwardanti l-hatra tal-PL Mario Buttigieg fl-ammont ta' €767 skont dak li jirrizulta minn pagna 48 tal-istess relazzjoni, din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti skorettament ma haditx in konjizzjoni ukoll l-ispejjez u drittijiet li jinsabu fuq wara ta' pagna 21 ta' din ir-relazzjoni. Nonostante dan, stante li l-Avukat Generali ma appellax mis-sentenza tal-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma tistax tvarja u ghalhekk tordna lill-appellant ihallas aktar spejjez minn dak ordnat mill-Ewwel Qorti. Ghaldaqstant sejra tikkonferma dik l-ordni.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell u filwaqt li tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti sabet htija tat-tieni (2) imputazzjoni limitatament taht l-artikoli 251H(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u taht l-ewwel parti tal-artikolu 251(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda mhux fejn instabet htija anke tat-tieni parti u cioe' l-proviso tal-artikolu 251(3) tal-istess Kapitolu, qieghda tikkonferma ukoll il-htija tat-tielet (3), is-seba' (7), it-tmien (8) u d-disa' (9) imputazzjonijiet u tikkonferma fejn ma sabitx htija tal-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjonijiet, tirrevoka fejn sabet htija tal-ewwel (1) imputazzjoni u r-raba' (4) imputazzjoni, tirrevoka fejn ikkundannat lill-appellant ghal tnejn u ghoxrin (22) xahar prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin u minflokk sejra tikkundannah ghal hmistax (15)-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin *ai termini* tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti qieghda tirrevoka l-ordni fejn b'applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat il-konfiska tal-pistola Glock BSX914 (Dok. CCC1), il-magazine tal-istess pistola bi hmistax (15)-il balla mhux sparati (Dok. CCC2) u zewg balel sparati (Dok. CCC3 u CCC4), ilkoll esebiti fl-atti processwali.

Din il-Qorti tikkonferma fejn b'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieset li huwa xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Stephen Smith, il-Qorti rabtet lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' elf Euro (€1,000) li ma jimmolestax lill-istess Stephen Smith, u dan ghal zmien tnax (12)-il xahar. Dan il-perjodu jibda ghaddej mil-lum.

Din il-Qorti tikkonferma l-ordni fejn b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti b'zieda mal-piena, ikkundannat lill-hati jhallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' sebat elef, hames mija u tlieta u erbghin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€7,543.47) rapprezentanti l-ispejjez imhallsin lill-esperti mahturin f'dawn il-proceduri[52] u dan fi zmien sentejn. Dan il-perjodu jibda ghaddej mil-lum.

Din il-Qorti ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat fi kliem car u li jinftiehem lill-imputat, ir-responsabbilitajiet tieghu u l-konsegwenzi taht l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk matul il-perjodu operatitv jikkommetti reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

---

[52] P.L. Mario Buttigieg **€767** (envelop a fol 504, pagna 48 tar-rapport), Dr. Martin Bajada **€1,252.26** (envelope fol 571A), esperti ballisitici: Brigadier Maurice Calleja, Jesmond Cassar PS 46 Charlot Casha **€1,360.14** (fol. 497 tergo u fol. 498), SOCO PS644 Evan Camilleri u PS 612 Theo Vella **€794.78** (fol 528), PC 1362 Jonas Schembri **€29.68** (fol 538), Dr Mario Scerri **€364.22** (fol 666); John Charles Ellul **€469** (fol 725 tergo), Perit Valerio Schembri **€2,506.39** (fol 760).